2024/897

19.3.2024

REGOLAMENT (UE) 2024/897 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-13 ta' Marzu 2024

li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2107 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) u r-Regolament (UE) 2023/2053 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Ir-rakkomandazzjonijiet ta' konservazzjoni u ta' infurzar tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) ġew implimentati l-aħħar fil-liġi tal-Unjoni permezz tar-Regolamenti (UE) 2017/2107 ([3]), (UE) 2023/2053 ([4]) u (UE) 2023/2833 ([5]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Mill-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2017/2107, l-ICCAT adottat fil-laqgħat annwali tagħha tal-2017, l-2018, l-2019, l-2021 u l-2022 għadd ta' miżuri legalment vinkolanti għall-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd taħt ir-responsabbiltà tagħha. Dawk il-miżuri jikkonċernaw kwistjonijiet koperti, fost l-oħrajn, mir-Regolamenti (UE) 2017/2107 u (UE) 2023/2053.

(2) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/2107 jiġi emendat sabiex jimplimenta fil-liġi tal-Unjoni l-miżuri tal-ICCAT għat-tonn tropikali, l-alonga tal-Mediterran, l-alonga tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar, il-pixxispad tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar, il-pixxitondu tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar, il-marlin blu, il-marlin abjad, il-pastardella imperjali, u d-dispożizzjonijiet relatati mal-ġbir tad-data għall-pixxivela, il-ġbir tad-data u r-rappurtar dwar il-kastardella, il-marlin blu, il-marlin abjad u l-pastardella imperjali, il-qbid inċidentali tal-fkieren, is-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti, l-osservaturi reġjonali tal-ICCAT, ir-responsabbiltajiet tal-osservaturi xjentifiċi u s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU), kif ukoll lista aġġornata tal-ispeċijiet tal-ICCAT, prattiki aġġornati ta' mmaniġġjar u rilaxx sikur għall-fkieren tal-baħar, l-introduzzjoni ta' standards minimi għall-immaniġġjar sikur u proċeduri ta' rilaxx ħaj għall-pixxitondu tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar, u linji gwida għat-tnaqqis tal-impatt ekoloġiku tal-irkapti biex jinġema' l-ħut (FADs).

([1]) ĠU C 365, 23.9.2022, p. 55.

([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Frar 2024 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Frar, 2024.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 1).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 li jistabbilixxi pjan ta' ġestjoni pluriennali għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1936/2001, (UE) 2017/2107, u (UE) 2019/833 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2016/1627 (ĠU L 238, 27.9.2023, p. 1).

([5]) Ir-Regolament (UE) 2023/2833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jistabbilixxi programm ta' dokumentazzjoni tal-qbid għat-tonn (Thunnus thynnus) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 640/2010 (ĠU L, 2023/2833, 20.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2833/oj).

(3) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/2053 jiġi emendat sabiex jimplimenta fil-liġi tal-Unjoni l-miżuri tal-ICCAT għall-ġestjoni tat-tonn b'dispożizzjonijiet relatati mad-definizzjonijiet, it-trasferimenti tal-kwoti, il-projbizzjoni taż-żamma, is-sajd rikreattiv, il-listi tal-bastimenti, il-listi tan-nases u tal-farms tal-ħut, ir-reġistru tal-ICCAT tal-farms tal-ħut, ir-rappurtar, it-trasferimenti, l-awtorizzazzjonijiet tat-trasferiment, l-identifikaturi tat-tqegħid fil-gaġeġ, l-awtorizzazzjonijiet tat-tqegħid fil-gaġeġ, l-operazzjonijiet tat-tqegħid fil-gaġeġ u l-monitoraġġ bil-vidjo tagħhom, il-kontroll tat-tqegħid fil-gaġeġ, l-operazzjonijiet ta' ħsad, l-attivitajiet ta' kontroll tal-ħsad fil-farms wara t-tqegħid fil-gaġeġ, u l-infurzar, kif ukoll il-programmi nazzjonali tal-osservaturi u l-programm tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT, ir-regoli dwar it-trattament tal-ħut mejjet jew mitluf, il-proċedura għall-operazzjonijiet ta' siġillar tal-gaġeġ tat-trasport, u l-mudell għad-dikjarazzjoni tal-ipproċessar u d-dikjarazzjoni tal-ħsad.

(4) Jenħtieġ li l-atti legali tal-Unjoni sempliċiment jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT fil-liġi tal-Unjoni sabiex ipoġġu lis-sajjieda tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi fuq l-istess livell u sabiex jiżguraw li r-regoli jistgħu jiġu aċċettati minn kulħadd.

(5) L-atti delegati previsti f'dan ir-Regolament huma mingħajr preġudizzju għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT li jista' jkun hemm fil-ġejjieni fil-liġi tal-Unjoni permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

(6) Ċerti dispożizzjonijiet tar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT x'aktarx li jiġu emendati fil-laqgħat annwali tal-ICCAT li ġejjin minħabba l-introduzzjoni ta' miżuri tekniċi u ta' ġestjoni ġodda għas-sajd irregolat skont il-Konvenzjoni ICCAT. Għalhekk, sabiex l-emendi futuri għar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT jiġu implimentati malajr fil-liġi tal-Unjoni qabel il-bidu tal-istaġun tas-sajd, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-aspetti li ġejjin:

— il-limitazzjonijiet tal-kapaċità tat-tonn tropikali relatati mar-rappurtar annwali tal-pjan tas-sajd u tal-pjan ta' ġestjoni tal-kapaċità, l-għadd ta' bastimenti ta' appoġġ involuti fis-sajd għat-tonn tropikali, ir-riport annwali għat-tonn obeż, l-alonga tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar u l-pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku, ir-rekwiżiti għall-irkapti biex jinġema' l-ħut (FADs), ir-restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' bastimenti tal-qbid tal-Unjoni li jistadu għall-alonga tal-Atlantiku tat-Tramuntana, ir-rekwiżiti biex tiġi massimizzata s-sopravivenza tal-fekruna tal-baħar, il-kejl perċentwali tal-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi u r-referenzi għar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT,

— fir-rigward tal-ġestjoni tat-tonn: trasferiment annwali, limiti ta' żmien għar-rapportar, perjodi ta' żmien għall-istaġuni tas-sajd, kontenut ta' dikjarazzjonijiet ta' trasferiment, u dispożizzjonijiet għat-tqegħid fil-gaġeġ, derogi għad-dežinjazzjoni taż-żoni tas-sajd, bastimenti u rkaptu tas-sajd, u deroga għas-sajd tat-tonn għal skopijiet ta' trobbija tal-ħut u kundizzjonijiet għall-assenjazzjoni ta' osservaturi reġjonali għall-farms, u

— il-lista tal-ispeċijiet tal-ICCAT, il-prattiki tal-immaniġġjar u ta' rilaxx sikuri għall-fkieren tal-baħar, l-istandards minimi għat-trattament sikur u l-proċeduri ta' rilaxx ħaj għall-pixxitondu tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku, il-linji gwida għat-tnaqqis tal-impatt ekoloġiku tal-FADs, il-programmi tal-osservaturi, ir-rekwiżiti rigward it-trattament tal-ħut mejjet jew mitluf, il-proċedura għall-issiġillar tal-operazzjonijiet tal-gaġeġ tat-trasport, id-dikjarazzjoni tal-ipproċessar u d-dikjarazzjoni tal-ħsad.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ([6]). B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(7) In-numru, irreġistrat f'Ġunju 2023, ta' bastimenti ta' appoġġ, jenħtieġ li ma jiżdiedx kif stipulat fir-Rakkomandazzjoni 22-01 tal-ICCAT. Din l-applikazzjoni retroattiva ma taffettwax il-prinċipju taċ-ċertezza legali u l-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti (UE) 2017/2107 u (UE) 2023/2053 jiġu emendati kif xieraq,

([6]) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (UE) 2017/2107

Ir-Regolament (UE) 2017/2107 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(2a) "kastardella" tfisser speċijiet tal-familja Istiophoridae ġestiti mill-ICCAT;";

(b) il-punt (20) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(20) "bastiment ta' appoġġ" tfisser bastiment li mhuwiex opra tal-baħar li jinġarr abbord li mhux mgħammar bi rkaptu tas-sajd li jista' jitħaddem u li jiffaċilita, jgħin jew iħejji l-attivitajiet tas-sajd, inkluż billi jipprovdi bastiment tal-qbid u juża, jisservizzja u jirkupra rkaptu sabiex jinġema' l-ħut;";

(c) jiddaħħlu l-punti li ġejjin:

"(23a) "oġġett li jżomm f'wiċċ l-ilma" jew "FOB" tfisser kwalunkwe oġġett naturali jew artifiċjali li jżomm f'wiċċ l-ilma (jiġifieri fil-wiċċ jew taħt il-wiċċ) mingħajr l-ebda kapaċità li jiċċaqlaq waħdu; irkapti biex jinġema' l-ħut (FADs) u FOBs li huma magħmula mill-bniedem u li jintużaw jew jiġu traċċati intenzjonalment; logs huma FOBs li jintilfu aċċidentalment minn sorsi antropiċi u naturali";

(d) il-punt (24) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(24) "irkaptu biex jinġema' l-ħut" jew "FAD" tfisser oġġett, struttura jew apparat permanenti, semipermanenti jew temporanju ta' kwalunkwe materjal, magħmul mill-bniedem jew naturali, li jintuża jew jiġi ttraċċat, u li jintuża sabiex jinġema' l-ħut ħalli mbagħad jinqabad; l-FADs jistgħu jkunu jew ankrati (aFADs) jew inkella mitluqa (dFADs);";

(e) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(24a) "sett tal-FAD" tfisser it-tqegħid ta' rkaptu tas-sajd assoċjat ma' FAD madwar qatgħa tonn;";

(f) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(27a) "konzijiet mhux fil-fond" tfisser konzijiet li, meta jintużaw, il-maġġoranza tas-snanar fihom ikunu f'fond ta' inqas minn 100 metru;";

(g) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(30) "snanar tondi" tfisser sunnara bil-ponta mdawra b'mod perpendikulari lura lejn il-manku biex jifformaw għamla ġeneralment ċirkolari jew ovali; is-snanar tondi jenħtieġ li jkollhom spostament ta' mhux aktar minn 10 gradi;

(31) "baga operazzjonali" tfisser kwalunkwe baga strumentata, attivata minn qabel, mixgħula u rilaxxata fil-baħar, li tittrażmetti l-pożizzjoni u kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli bħal stimi minn ekosonda.";

(2) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 5a*

Limitazzjoni tal-kapaċità għat-tonn tropikali

1. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-pjani annwali tas-sajd u l-pjan annwali tal-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd għat-tonn tropikali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kapaċità ġenerali tal-flotta tas-sajd bil-konz u bit-tartarun tal-borża tagħhom tiġi ġestita f'konformità mal-pjan annwali tas-sajd u l-pjan annwali tal-ġestjoni tal-kapaċità imsemmija fil-paragrafu 1, b'mod partikolari sabiex jiġi limitat il-qbid tat-tonn tropikali, b'mod konsistenti mal-limiti fuq il-qbid stabbiliti skont il-liġi tal-Unjoni.

3. L-Istati Membri ma għandhomx iżidu n-numru tagħhom ta' bastimenti ta' appoġġ min-numri rreġistrati f'Ġunju 2023.

4. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-dati li fihom ikun intuża l-limitu kollu tagħhom fuq il-qbid ta' speċijiet tat-tonn tropikali. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT minnufih.

5. Għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u għall-bastimenti kbar tas-sajd bil-konz (20 metru f'tul totali jew akbar) tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-qabdiet tat-tonn tropikali kull xahar lill-Kummissjoni, u dawn jiżdiedu għal kull ġimgħa meta jkunu nqabdu 80 % tal-limiti tagħhom fuq il-qbid.

6. Kull tliet xhur, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni dwar il-kwantità ta' tonn tropikali skont l-ispeċi maqbuda mill-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom fi żmien 15-il jum kalendarju mit-tmiem tal-perjodu li matulu jkunu saru l-qabdiet, jiġifieri sal-15 ta' April, il-15 ta' Lulju u l-15 ta' Ottubru ta' kull sena u sal-15 ta' Jannar tas-sena ta' wara, sakemm din l-informazzjoni ma tintbagħatx kull xahar lill-Kummissjoni. Dik l-informazzjoni, kemm jekk tintbagħat kull tliet xhur kif ukoll jekk tintbagħat fuq bażi ta' kull xahar, għandha tintbagħat bl-użu tal-format tar-rapport tad-data dwar il-qabdiet aggregati. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT sat-30 ta' April, it-30 ta' Lulju u t-30 ta' Ottubru ta' kull sena u sat-30 ta' Jannar tas-sena ta' wara.",

(3) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 6a*

Projbizzjoni fuq il-qbid skartat ta' tonn tropikali maqbud minn bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni

1. Il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għat-tonn tropikali għandhom iżommu abbord, iħottu l-art jew jittrażbordaw fil-port it-tonn tropikali kollu li jinqabad.

2. It-tonn tropikali li jinqabad minn bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni ma jistax jiġi skartat matul is-settjatura, ladarba x-xibka tkun magħluqa kompletament u jkun ġie rkuprat aktar minn nofs ix-xibka. Jekk ikun hemm problema teknika bil-proċedura tal-għeluq jew tal-irkupru tax-xibka b'tali mod li dik il-projbizzjoni ma tkunx tista' tiġi applikata, il-kaptani jew il-membri tal-ekwipaġġ f'isimhom, għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jiġi rilaxxat it-tonn fl-ilma malajr kemm jista' jkun.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, it-tonn tropikali jista' jiġi skartat fil-każijiet li ġejjin:

(a) fejn il-kaptan jiddetermina li t-tonn tropikali maqbud ikun imħabbel jew mgħaffeġ fit-tartarun tal-borża, tkun saritlu l-ħsara minħabba d-depredazzjoni, jew ikun miet u ddekompona fix-xibka minħabba ħsara fl-irkaptu li ma jkunx ippermetta l-attivitajiet normali tal-irkupru tax-xibka, tas-sajd u ta' rilaxx tal-ħut ħaj;

(b) fejn il-kaptan jiddetermina li t-tonn tropikali jkun inqabad matul l-aħħar sett ta' vjaġġ u ma jkunx hemm biżżejjed kapaċità ta' ħżin sabiex jinħażen it-tonn li jinqabad matul dan is-sett; dak il-ħut jista' jiġi skartat biss dment li:

(i) il-kaptan jew il-membri tal-ekwipaġġ jippruvaw jirrilaxxaw it-tonn ħaj malajr kemm jista' jkun; u

(ii) ma ssir l-ebda operazzjoni tas-sajd oħra wara l-iskartar tal-ħut, sakemm it-tonn abbord il-bastiment jinħatt l-art jew jiġi trażbordat.

4. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd għandhom jirrapportaw il-qbid skartat kollu osservat lill-Istati Membri tal-bandiera tal-bastimenti. L-Istati Membri għandhom jibagħtu r-rapporti dwar il-qbid skartat lill-Kummissjoni bħala parti mid-data tal-Kompiti I u II.";

(4) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Bastimenti tas-sajd fuq skala kbira li ma jkunux imniżżla fir-reġistru tal-ICCAT ta' bastimenti awtorizzati sabiex jaqbdu t-tonn tropikali, inkluż bastimenti ta' appoġġ, ma għandhomx jitħallew jistadu, iżommu abbord, jittrażbordaw, jittrasportaw, jittrasferixxu, jipproċessaw jew jiżbarkaw it-tonn tropikali miż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT jew iwettqu kull tip ta' appoġġ għal dawk l-attivitajiet, inkluż l-użu u l-irkupru ta' FADs jew ta' bagi. L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandux japplika f'dawn il-każijiet.

3. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li mhumiex awtorizzati jistadu għat-tonn tropikali skont l-Artikolu 6, jistgħu jitħallew iżommu abbord, jittrażbordaw, jittrasportaw, jipproċessaw jew jiżbarkaw qabdiet aċċessorji ta' tonn tropikali f'konformità ma' limitu massimu fuq il-qabdiet aċċessorji abbord stabbilit għal dawn il-bastimenti. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni, bħala parti mir-rapport annwali, il-limitu massimu ta' qbid aċċessorju permess għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom u informazzjoni dwar kif jiżguraw il-konformità ma' dak il-limitu.";

(5) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

Lista ta' bastimenti li jistadu għat-tonn tropikali f'sena partikolari

L-Istati Membri għandhom, sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, jibagħtu lill-Kummissjoni l-lista tal-bastimenti awtorizzati li jtajru l-bandiera tagħhom li jkunu stadu għat-tonn tropikali fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT jew li jkunu offrew kwalunkwe tip ta' appoġġ għall-attività tas-sajd (bastimenti ta' appoġġ) fis-sena kalendarja preċedenti. Għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, dik il-lista għandha tinkludi wkoll il-bastimenti ta' appoġġ li jkunu appoġġaw l-attività tas-sajd, irrispettivament mill-bandiera tagħhom. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Lulju ta' kull sena, tinnotifika lis-Segretarjat tal-ICCAT bil-listi li tkun irċeviet mingħand l-Istati Membri.

Artikolu 8a

Età eċċessivament żgħira jew kbira tat-tonn obeż

1. Kif xieraq, kwalunkwe porzjon mhux użat jew żejjed ta' kwota jew limitu fuq il-qbid annwali ta' Stat Membru għat-tonn obeż jista' jiżdied ma' jew għandu jitnaqqas mill-kwota jew il-limitu fuq il-qbid rilevanti matul jew qabel is-sena ta' aġġustament f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT fis-seħħ għat-tonn obeż.

2. L-età eċċessivament żgħira massima tat-tonn obeż li Stat Membru jista' jirriporta fi kwalunkwe sena partikolari ma għandhiex taqbeż l-ammont permess f'dik is-sena partikolari mill-ICCAT.";

(6) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fi kwalunkwe ħin ma jkunux attivi fl-istess ħin aktar minn 300 FADs għal kull bastiment b'bagi operazzjonali

5. L-għadd ta' FADs b'bagi operazzjonali għandu jiġi vverifikat permezz tal-verifika tal-kontijiet tat-telekomunikazzjoni. Tali verifiki għadhom isiru mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

6. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jtajru l-bandiera tagħhom sabiex jużaw FOBs, dment li l-bastiment tas-sajd ikollu jew osservatur jew inkella sistema elettronika ta' monitoraġġ li tiffunzjona abbord li tkun kapaċi tivverifika t-tip ta' sett u l-kompożizzjoni tal-ispeċijiet, u li tipprovdi informazzjoni dwar l-attivitajiet tas-sajd lill-Kumitat Permanenti tal-ICCAT dwar ir-Riċerka u l-Istatistika.";

(7) fl-Artikolu 10, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Meta jużaw jew jiddisinjaw l-FADs, l-Istati Membri għandhom:

(a) jiżguraw li l-FADs kollha użati ma jitħabblux, f'konformità mal-linji gwida stipulati fl-Anness X;

(b) jagħmlu ħilithom biex jiżguraw li l-FADs kollha jkunu mibnija minn materjali bijodegradabbli, bħal dawk mhux tal-plastik, għajr materjali użati fil-kostruzzjoni ta' bagi għat-traċċar tal-FAD.

3. Kull sena, fil-pjanijiet ta' ġestjoni tal-FADs tagħhom, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar il-passi meħuda biex jikkonformaw mal-paragrafu 2.";

(8) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (e) jinbidel b'dan li ġej:

"(e) deskrizzjoni tal-log jew identifikatur tal-FAD (jiġifieri l-marka tal-FAD u l-ID tal-baga jew kwalunkwe informazzjoni li tippermetti l-identifikazzjoni tas-sid);";

(b) fil-paragrafu 2 jiżdied il-punt li ġej:

"(g) ID tal-baga.";

(c) fil-paragrafu 3, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) l-identifikatur tal-FAD (jiġifieri, l-marka tal-FAD u l-ID tal-baga).";

(d) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom iżommu lista tal-FADs użati li jkun fiha mill-inqas l-informazzjoni stipulata fl-Anness III u għandhom jaġġornaw il-lista kull xahar f'konformità mar-rekwiżiti tad-data tal-Kompitu II.";

(9) L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punti (b) sa (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) in-numru u t-tip ta' sinjali markaturi/bagi (eż. radju, sonar biss, sonar b'ekosonda) użati kull xahar f'konformità mar-rekwiżiti tad-data tal-Kompitu II;

(c) in-numru medju ta' sinjali markaturi/bagi attivati u diżattivati kull xahar li jkunu ġew segwiti minn kull bastiment;

(d) in-numru medju ta' FADs mitlufa b'bagi attivi, kull xahar;";

(b) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(f) il-qabdiet bit-tartarun tal-borża u bid-dgħajjes tas-sajd bil-lixka, l-isforz u n-numru ta' settijiet (għat-tartaruni tal-borża) skont il-mezz ta' sajd (FOB assoċjat ma' oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma u ġlib ħieles) f'konformità mar-rekwiżiti tad-data tal-Kompitu II;

(g) meta l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża jitwettqu flimkien mad-dgħajjes tas-sajd bil-lixka, rapporti dwar il-qabdiet u l-isforz tal-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża assoċjati mad-dgħajjes tas-sajd bil-lixka f'konformità mar-rekwiżiti tad-data tal-Kompitu I u II.";

(10) L-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 14*

Kopertura tal-osservaturi u projbizzjoni tal-użu tal-FAD b'rabta mal-protezzjoni tal-friegħ

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom ma jużawx FADs mitluqa għal perjodu ta' 15-il jum qabel il-bidu tal-perjodi ta' għeluq stabbiliti skont il-liġi tal-Unjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li huma awtorizzati jistadu għat-tonn tropikali jistabbilixxu kopertura minima tal-osservaturi, kif ġej:

(a) għall-bastimenti tas-sajd bil-konz tagħhom b'tul totali ta' 20 metru jew aktar, kopertura minima mill-osservaturi ta' 10 % tal-isforz tas-sajd sal-2022, permezz tal-preżenza ta' osservatur abbord f'konformità mal-Anness IV jew permezz ta' sistema ta' monitoraġġ elettronika approvata;

(b) għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tagħhom, kopertura mill-osservaturi ta' 100 % tal-isforz tas-sajd, permezz tal-preżenza ta' osservatur abbord f'konformità mal-Anness IV jew permezz ta' sistema ta' monitoraġġ elettronika approvata.

Sat-30 ta' April, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni miġbura mill-osservaturi jew mis-sistema ta' monitoraġġ elettronika approvata mis-sena ta' qabel lis-Segretarjat tal-ICCAT u lill-Kumitat Permanenti tal-ICCAT dwar ir-Riċerka u l-Istatistika, filwaqt li jittieħed kont tar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità msemmija fl-Artikolu 72.";

(11) L-Artikolu 16 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 16*

Identifikazzjoni tas-sajd IUU

Jekk is-Segretarju Eżekuttiv tal-ICCAT jinnotifika lill-Kummissjoni dwar possibbiltà ta' ksur minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni tal-Artikolu 7(2) jew l-Artikolu 14(1) jew (2), il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tgħarraf lill-Istat Membru tal-bandiera tiegħu kkonċernat. Dak l-Istat Membru għandu minnufih jinvestiga l-każ u, jekk il-bastiment ikun qed jistad b'rabta ma' oġġetti li jistgħu jaffettwaw l-aggregazzjoni tal-ħut, fosthom l-FADs, matul il-perjodu ta' għeluq, għandu jeżiġi li l-bastiment jieqaf mis-sajd u, jekk ikun hemm bżonn, li jitlaq minn dik iż-żona mingħajr dewmien. L-Istat Membru tal-bandiera kkonċernat għandu, mingħajr dewmien, jirrapporta lill-Kummissjoni r-riżultati tal-investigazzjoni tiegħu u l-miżuri korrispondenti li jkunu ttieħdu. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lill-Istat kostali u lis-Segretarju Eżekuttiv tal-ICCAT.";

(12) it-titolu tat-Titolu II, il-Kapitolu II, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU II

ALONGA

Taqsima 1

alonga tat-tramuntana u tan-nofsinhar tal-atlantiku";

(13) jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 17a*

Awtorizzazzjonijiet speċifiċi għal bastimenti tal-qbid fuq skala kbira li jistadu l-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku

1. F'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), l-Istati Membri għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet tas-sajd lil bastimenti tal-qbid fuq skala kbira li jtajru l-bandiera tagħhom sabiex jistadu l-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT.

2. Bastimenti tas-sajd fuq skala kbira li ma jkunux imniżżla fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti awtorizzati jistadu l-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku ma għandhomx jitħallew jistadu, iżommu abbord, jittrażbordaw, jittrasportaw, jittrasferixxu, jipproċessaw jew iħottu l-art l-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku miż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT. L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandux japplika f'dawn il-każijiet.

3. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li mhumiex awtorizzati jistadu l-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku, skont il-paragrafu 1, jistgħu jitħallew iżommu abbord, jittrażbordaw, jittrasportaw, jipproċessaw jew iħottu l-art qabdiet aċċessorji ta' alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku f'konformità ma' limitu massimu fuq il-qabdiet aċċessorji abbord għal dawn il-bastimenti. Bħala parti mir-rapport annwali, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni l-limitu massimu ta' qabdiet aċċessorji li jippermettu għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom.

Artikolu 17b

Età eċċessivament żgħira jew kbira tal-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku

1. Kif xieraq, kwalunkwe porzjon mhux użat jew żejjed ta' kwota jew limitu fuq il-qbid annwali ta' Stat Membru għall-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku jista' jiżdied ma' jew għandu jitnaqqas mill-kwota jew il-limitu fuq il-qbid rilevanti matul jew qabel is-sena ta' aġġustament f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT fis-seħħ għall-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku.

2. L-età eċċessivament żgħira massima tal-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku li Stat Membru jista' jirriporta fi kwalunkwe sena partikolari ma għandhiex taqbeż l-ammont permess f'dik is-sena partikolari mill-ICCAT.

Artikolu 17c

Reġistru tal-qabdiet tal-alonga tan-Nofsinhar tal-Atlantiku

L-Istati Membri tal-bandiera tal-bastimenti li jistadu l-alonga tan-Nofsinhar tal-Atlantiku għandhom jirrapportaw il-qabda akkurata u vvalidata tagħhom tal-alonga tan-Nofsinhar tal-Atlantiku lis-Segretarjat tal-ICCAT bħala parti mid-data tal-Kompitu I u tal-Kompitu II imsemmija fl-Artikolu 50.

_____

(*) Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).";

(14) fit-Titolu II, il-Kapitolu II, tiddaħħal it-taqsima li ġejja:

"Taqsima 2

Alonga tal-Mediterran:

Artikolu 17d

Sajd rikreattiv għall-alonga tal-Mediterran

1. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe projbizzjoni tas-sajd rikreattiv skont il-liġi nazzjonali jew dik tal-Unjoni, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi involuti fis-sajd rikreattiv ma għandhomx jaqbdu, iżommu abbord, jittrażbordaw jew iħottu l-art aktar minn tliet kampjuni tal-alonga tal-Mediterran għal kull bastiment kuljum.

2. Għandu jkun ipprojbit li tiġi kkummerċjalizzata l-alonga tal-Mediterran maqbuda fis-sajd rikreattiv.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat tal-ICCAT il-lista tal-bastimenti tas-sajd kollha involuti fis-sajd rikreattiv, awtorizzati li jistadu għall-alonga tal-Mediterran, mill-inqas 15-il jum qabel l-eżerċizzju tal-attivitajiet. Il-bastimenti mhux inklużi f'dik il-lista ma għandhomx ikunu awtorizzati jistadi għall-alonga tal-Mediterran.";

(15) jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 18a*

Awtorizzazzjonijiet speċifiċi għal bastimenti tal-qbid fuq skala kbira li jistadu l-pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku

1. F'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2403, l-Istati Membri għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet tas-sajd lil bastimenti tal-qbid fuq skala kbira li jtajru l-bandiera tagħhom sabiex jistadu l-pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT.

2. Bastimenti tas-sajd fuq skala kbira li ma jkunux imniżżla fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti awtorizzati jistadu l-pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku ma għandhomx jitħallew jistadu, iżommu abbord, jittrażbordaw, jittrasportaw, jittrasferixxu, jipproċessaw jew iħottu l-art il-pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku miż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT. L-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma għandux japplika f'dawn il-każijiet.

3. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li mhumiex awtorizzati jistadu l-pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku, skont il-paragrafu 1, jistgħu jitħallew iżommu abbord, jittrażbordaw, jittrasportaw, jipproċessaw jew iħottu l-art qabdiet aċċessorji ta' pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku f'konformità ma' limitu massimu fuq il-qabdiet aċċessorji abbord għal dawn il-bastimenti. Bħala parti mir-rapport annwali, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni l-limitu massimu ta' qabdiet aċċessorji li jippermettu għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom.

Artikolu 18b

Età eċċessivament żgħira tal-pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku

1. Kwalunkwe porzjon mhux użat ta' kwota jew limitu fuq il-qbid annwali ta' Stat Membru għall-pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku jista' jiżdied mal-kwota jew il-limitu fuq il-qbid rilevanti matul jew qabel is-sena ta' aġġustament f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT fis-seħħ għall-pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku.

2. L-età eċċessivament żgħira massima tal-pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku li Stat Membru jista' jirriporta fi kwalunkwe sena partikolari ma għandhiex taqbeż l-ammont permess f'dik is-sena partikolari mill-ICCAT.";

(16) it-titolu tat-Titolu II, il-Kapitolu IV, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU IV

KASTARDELLA, PIXXIVELA, MARLIN BLU, MARLIN ABJAD U PASTARDELLA IMPERJALI";

(17) L-Artikoli 27 sa 29 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 27*

Rilaxx tal-marlin blu, il-marlin abjad u l-pastardella imperjali li jinqabad ħaj

1. Sa fejn ikun possibbli, il-bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiku u l-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tal-Unjoni għandhom jirrilaxxaw minnufih il-marlin blu (Makaira nigricans), il-marlin abjad (Tetrapturus albidus) u l-pastardella imperjali (Tetrapturus georgei) kollha li jkunu ħajjin mar-ritorn, b'kunsiderazzjoni xierqa għas-sikurezza tal-membri tal-ekwipaġġ, b'mod li jikkawża l-inqas ħsara u li jimmassimizza s-sopravivenza wara r-rilaxx.

2. L-Istati Membri għandhom iħeġġu l-implimentazzjoni tal-istandards minimi għall-proċeduri ta' trattament sikur u ta' rilaxx ħaj speċifikati fl-Anness 1 tar-Rakkomandazzjoni 19-05 tal-ICCAT billi jipproduċu linji gwida għall-flotta tagħhom. Għar-rilaxx sikur tal-marlin blu, il-marlin abjad u l-pastardella imperjali ħajjin li jinqabdu, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, fuq il-gverta tagħhom u b'mod faċilment aċċessibbli għall-membri tal-ekwipaġġ, għandu jkollhom disponibbli dan li ġej: apparat tal-irfigħ, taljatur tal-bolts, żganċatur jew sbokkatur, u taljalenez.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kaptani u l-membri tal-ekwipaġġ tal-bastimenti tas-sajd tagħhom ikunu mħarrġa b'mod adegwat, ikunu konxji minn u jużaw tekniki xierqa ta' mitigazzjoni, identifikazzjoni, trattament u rilaxx, u jżommu abbord it-tagħmir kollu meħtieġ għar-rilaxx tal-marlin blu, il-marlin abjad u l-pastardella imperjali f'konformità mal-linji gwida dwar l-istandards minimi għal proċeduri ta' trattament sikur u ta' rilaxx ħaj imsemmija fil-paragrafu 2.

4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jimminimizzaw il-mortalità ta' wara r-rilaxx tal-marlin blu, il-marlin abjad u l-pastardella imperjali fis-sajd tal-ICCAT tagħhom.

5. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-bastimenti tas-sajd bil-konz pelaġiku u lill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jtajru l-bandiera tagħhom jistadu u jżommu abbord, jittrażbordaw jew iħottu l-art il-marlin blu u l-marlin abjad u l-pastardella imperjali li jkunu mejtin, fi ħdan il-limitu fuq il-qbid tagħhom.

Artikolu 28

Ħatt l-art tal-marlin blu, il-marlin abjad u l-pastardella imperjali lil hinn mill-opportunitajiet tas-sajd

Meta Stat Membru jkun eżawrixxa l-kwota tiegħu, dak l-Istat Membru għandu jiżgura li l-marlin blu, il-marlin abjad u l-pastardella imperjali li jinħatt l-art li jkun mejjet meta jinġibed qrib il-bastiment ma jitqiegħedx għall-bejgħ jew jiġi kkummerċjalizzat. Tali ħatt l-art m'għandux jinqata' mil-limiti fuq il-qbid ta' dak l-Istat Membru kif stipulat abbażi tal-limitu fuq il-ħatt l-art tal-Unjoni stabbilit fil-paragrafu 2 tar-Rakkomandazzjoni 19-05 tal-ICCAT, dment li tali projbizzjoni tkun spjegata ċar fir-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 71 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 29

Sajd rikreattiv tal-marlin blu, il-marlin abjad u l-pastardella imperjali

1. L-Istati Membri tal-bandiera tal-bastimenti li jipparteċipaw fis-sajd rikreattiv tal-marlin blu, il-marlin abjad u l-pastardella imperjali għandhom iżommu kopertura tal-osservaturi xjentifiċi ta' 5 % tal-ħatt l-art tal-kompetizzjonijiet tal-marlin blu, il-marlin abjad u l-pastardella imperjali.

2. Fis-sajd rikreattiv tal-marlin blu għandu japplika daqs minimu għall-konservazzjoni ta' 251 cm f'tul mix-xedaq t'isfel sal-qasma tad-denb.

3. Fis-sajd rikreattiv tal-marlin abjad u l-pastardella imperjali għandu japplika daqs minimu għall-konservazzjoni ta' 168 cm f'tul mix-xedaq t'isfel sal-qasma tad-denb.

4. Għandu jkun ipprojbit li jinbiegħu jew jiġu offruti għall-bejgħ il-karkassa sħiħa jew partijiet mill-karkassa tal-marlin blu, il-marlin abjad jew il-pastardella imperjali li jinqabad f'sajd rikreattiv.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw li fis-sajd rikreattiv, kwalunkwe ħut rilaxxat għandu jiġi rilaxxat b'mod li jikkawża l-inqas ħsara.

Artikolu 29a

Ġbir ta' *data* għall-pixxivela

L-Istati Membri għandhom jiġbru data dwar il-qabdiet ta' pixxivela, inkluż il-qbid skartat ħaj u mejjet, u għandhom jirrapportaw dik id-data kull sena bħala parti mis-sottomissjoni tad-data tal-Kompitu I u tal-Kompitu II tagħhom, biex jappoġġaw il-proċess ta' valutazzjoni tal-istokk.

Artikolu 29b

Ġbir ta' *data* u rapportar għall-kastardella, il-marlin blu, il-marlin abjad u l-pastardella imperjali

1. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw programmi ta' ġbir ta' data li jiżguraw ir-rapportar ta' data akkurata dwar il-qbid, l-isforz, id-daqs u l-qbid skartat tal-kastardella lill-ICCAT, f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-ICCAT għas-sottomissjoni tad-data tal-Kompitu I u II.

2. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni l-listi ta' kontroll tagħhom għall-kastardella kif stipulat fl-Anness 1 tar-Rakkomandazzjoni 18-05 tal-ICCAT, inkluż informazzjoni dwar l-azzjonijiet li jkunu ħadu fl-ambitu domestiku biex jimmonitorjaw il-qabdiet u biex jikkonservaw u jimmaniġġaw il-kastardella.

3. In-nuqqas ta' rapportar tad-data tal-Kompitu I, inkluż il-qbid skartat mejjet, għall-marlin blu, il-marlin abjad u l-pastardella imperjali f'konformità mar-Riżoluzzjoni 01-06 u r-Rakkomandazzjoni 11-15 tal-ICCAT għandu jirriżulta fi projbizzjoni taż-żamma ta' dawn l-ispeċijiet.";

(18) L-Artikolu 33 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 33*

Pixxitondu tat-Tramuntana tal-Atlantiku (Isurus oxyrinchus)

1. Il-pixxitondu tat-Tramuntana tal-Atlantiku li jinqabad mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandux isirlu ħsara u għandu jiġi rilaxxat fil-baħar minnufih sa fejn ikun prattikabbli, b'kunsiderazzjoni xierqa tas-sikurezza tal-membri tal-ekwipaġġ.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom japplikaw l-istandards minimi għall-proċeduri ta' trattament sikur u ta' rilaxx għall-pixxitondu tat-Tramuntana tal-Atlantiku kif stipulat fl-Anness IX.

Artikolu 33a

Pixxitondu tan-Nofsinhar tal-Atlantiku (*Isurus oxyrinchus*)

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom japplikaw l-istandards minimi għall-proċeduri ta' trattament sikur u ta' rilaxx għall-pixxitondu tan-Nofsinhar tal-Atlantiku kif stipulat fl-Anness IX.

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull xahar lill-Kummissjoni l-ħatt l-art permissibbli kollu tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom, ta' pixxitondu tan-Nofsinhar tal-Atlantiku. Dawn ir-rapporti għandhom jiġu sottomessi lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum minn tmiem ix-xahar kalendarju li fih ikunu saru l-qabdiet. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni kull sena l-qbid skartat mejjet, ir-rilaxx ħaj u l-qabdiet totali tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom.

3. Sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena, l-Istati Membri tal-bandiera tal-bastimenti li jkunu qabdu (il-ħatt l-art u l-qbid skartat mejjet) il-pixxitondu tan-Nofsinhar tal-Atlantiku għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-metodoloġija statistika użata biex jiġi stmat il-qbid skartat mejjet u r-rilaxx ħaj. L-Istati Membri b'sajd artiġjanali u fuq skala żgħira għandhom jipprovdu wkoll informazzjoni dwar il-programmi tagħhom ta' ġbir ta' data.

4. Bħala parti mis-sottomissjonijiet annwali tagħhom tad-data tal-Kompitu I u tal-Kompitu II, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni d-data rilevanti kollha għall-pixxitondu tan-Nofsinhar tal-Atlantiku, inkluż stimi tal-qbid skartat mejjet u r-rilaxx ħaj bl-użu tal-metodi approvati mill-Kumitat Permanenti tal-ICCAT dwar ir-Riċerka u l-Istatistika.

5. Il-bastimenti tas-sajd li jżommu l-pixxitondu tan-Nofsinhar tal-Atlantiku m'għandhomx jittrażbordaw, parzjalment jew kompletament, il-pixxitondu tan-Nofsinhar tal-Atlantiku li jinqabad b'rabta mas-sajd tal-ICCAT.";

(19) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 36a*

Ġbir ta' ***data*** **għall-klieb il-baħar**

1. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw programmi ta' ġbir ta' data li jiżguraw ir-rapportar akkurat ta' data dwar il-qbid, l-isforz, id-daqs u l-qbid skartat tal-klieb il-baħar lill-ICCAT, f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti għall-forniment tad-data tal-Kompitu I u tal-Kompitu II.

2. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni l-listi ta' kontroll tagħhom għall-implimentazzjoni dwar il-klieb il-baħar kif stipulat fl-Anness 1 tar-Rakkomandazzjoni 18-06 tal-ICCAT, inkluż informazzjoni dwar l-azzjonijiet li jkunu ħadu fl-ambitu domestiku biex jimmonitorjaw il-qabdiet u biex jikkonservaw u jimmaniġġaw il-klieb il-baħar.";

(20) l-Artikolu 41 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li jistadu bil-konzijiet mhux fil-fond:

(a) jużaw biss snanar tondi kbar;

(b) jużaw biss lixka tal-ħut bil-pinen; jew

(c) jużaw miżuri oħra li jkunu ġew rieżaminati u jitqiesu effettivi u approvati mill-ICCAT bħala kapaċi jnaqqsu r-rata ta' interazzjoni tal-fkieren tal-baħar f'sajd bil-konz mhux fil-fond.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom:

(a) jiżguraw li l-interazzjonijiet mal-fkieren tal-baħar jitnaqqsu u jiġu eliminati sa fejn ikun prattikabbli, fejn inkontri mal-fkieren tal-baħar ġew dokumentati u rrapportati lill-Kumitat Permanenti tal-ICCAT dwar ir-Riċerka u l-Istatistika, permezz tal-użu jew it-tkomplija tal-użu ta' mill-inqas waħda mill-miżuri ta' mitigazzjoni tal-qabdiet aċċessorji li ġejjin:

(i) tipi ta' rkaptu alternattivi jew ġodda u modifiki tal-irkaptu;

(ii) restrizzjonijiet u għeluq spazjutemporali ta' żoni tas-sajd f'każijiet fejn ikun hemm riskju ogħla ta' interazzjoni mal-fkieren tal-baħar;

(iii) immarkar effettiv ta' rkaptu b'xibka statika li jippermetti li l-fkieren tal-baħar jarawh, bħall-użu ta' kuluri tax-xibka, riflettur passivi tad-dawl, dijametru eħxen tal-ispag, sufra jew materjali oħra fix-xibka;

(iv) modifiki fl-imġiba u fl-istrateġija tas-sajd (eż. tnaqqis fil-ħin tal-immersjoni, eċċ.);

(b) jirrikjedu li l-bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jtajru l-bandiera tagħhom:

(i) jevitaw li jdawru l-fkieren tal-baħar sa fejn ikun prattikabbli;

(ii) jirrilaxxaw fkieren tal-baħar imdawrin jew li jkunu tħabblu, inkluż fuq FADs, fejn ikun fattibbli; u

(iii) jiżguraw li l-FADs użati jkunu mibnija skont l-Anness X biex jeliminaw b'mod effettiv ir-riskji ta' tħabbil tal-fkieren tal-baħar;

(c) jieħdu l-passi raġonevoli kollha biex jiżguraw ir-rilaxx sikur tal-fkieren tal-baħar b'mod li jimmassimizza l-probabbiltà tas-sopravivenza tagħhom billi jeħtieġu li:

(i) il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u bil-konz u tipi oħra ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li jużaw irkaptu li jistgħu jitħabblu fih il-fkieren tal-baħar, iġorru abbord żgankaturi, taljalenez u liftijiet bil-qoffa jew koppijiet, kif xieraq għal kull tip ta' rkaptu u konsistenti mal-"Aħjar prattiki ta' trattament u rilaxx tal-fkieren tal-baħar" tal-Linji Gwida tal-FAO biex titnaqqas il-mortalità tal-fkieren tal-baħar fl-operazzjonijiet tas-sajd (2009) ("il-linji gwida tal-FAO");

(ii) is-sidien, l-operaturi u l-membri tal-ekwipaġġ tal-bastimenti msemmija fil-punt (i), kif ukoll kwalunkwe osservatur abbord, jużaw it-tagħmir imsemmi f' dak il-punt f'konformità mal-prattiki ta' trattament u rilaxx sikuri tal-fkieren tal-baħar fl-Anness VI, u b'konsistenza mal-linji gwida tal-FAO;

(iii) is-sidien, l-operaturi, u l-membri tal-ekwipaġġ tal-bastimenti msemmija fil-punt (i) jiġu mħeġġa jkollhom taħriġ fl-użu tat-tagħmir imsemmi f'dak il-punt;

(d) jirrikjedu li s-sajjieda tagħhom fuq bastimenti li jistadu speċijiet koperti mill-Konvenzjoni tal-ICCAT jtellgħu abbord, jekk ikun prattikabbli, kwalunkwe fekruna tal-baħar maqbuda li tkun f'koma jew inattiva mill-aktar fis possibbli u jiffavorixxu l-irkupru tagħha, inkluż jippruvaw jirrianimawha f'konformità mat-Taqsima C tal-Anness VI qabel ma jirritornawha l-baħar;

(e) jiżguraw li s-sajjieda jkunu konxji mit-tekniki xierqa ta' mitigazzjoni u trattament u li jużawhom, kif deskritt fl-Anness VI.

5. L-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex iżidu, lil hinn mil-livell minimu ta' 5 %, sa 10 % sal-1 ta' Jannar 2024, il-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi tal-bastimenti tas-sajd bil-konz fis-sajd tal-ICCAT fejn inkontri mal-fkieren tal-baħar ikunu ġew dokumentati u rrapportati lill-Kumitat Permanenti tal-ICCAT dwar ir-Riċerka u l-Istatistika. Din iż-żieda tista' tinkiseb permezz ta' osservaturi umani jew sistemi ta' monitoraġġ elettroniku, jew it-tnejn li huma.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, għal bastimenti li b'kollox ikunu iqsar minn 15-il metru, meta jista' jkun hemm tħassib straordinarju dwar is-sikurezza li ma jippermettix li jintbagħat osservatur abbord, Stat Membru jista' juża approċċ alternattiv għall-monitoraġġ xjentifiku biex jiġbor data ekwivalenti għal dik speċifikata f'dan ir-Regolament b'mod li jiżgura kopertura komparabbli. L-approċċi alternattivi implimentati skont dan is-subparagrafu għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni tal-ICCAT fil-laqgħa annwali qabel ma jiġu implimentati.

6. Fil-Baħar Mediterran:

(a) m'għandux japplika l-paragrafu 2a;

(b) il-paragrafi 4 u 5 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2026.";

(21) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 44a*

Sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti

Meta l-bastimenti tas-sajd ikunu installaw apparat ta' lokalizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-apparat ta' lokalizzazzjoni tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom ikun operazzjonali b'mod permanenti u kontinwu, u li l-informazzjoni tinġabar u tiġi trażmessa lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru mill-inqas darba fis-siegħa għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża u mill-inqas darba kull sagħtejn għall-bastimenti l-oħra kollha li jistadu l-ispeċijiet tal-ICCAT.

Fil-każ ta' ħsara teknika jew nuqqas ta' tħaddim tal-apparat ta' lokalizzazzjoni mgħammar abbord bastiment tas-sajd tal-Unjoni, l-apparat għandu jissewwa jew jinbidel mill-aktar fis possibbli u f'kwalunkwe każ mill-inqas fi żmien xahar minn meta dan iseħħ, dment li l-bastiment ikun għadu jopera fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni m'għandhomx jibdew vjaġġ tas-sajd jekk l-apparat ta' lokalizzazzjoni ma jkunx issewwa jew inbidel.";

(22) fl-Artikolu 54, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. In-notifika msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandha tirrifletti l-format u t-tqassim stabbiliti mis-Segretarjat Eżekuttiv tal-ICCAT u għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

— isem il-bastiment, in-numru fir-reġistru,

— in-numru ta' reġistrazzjoni tal-ICCAT (jekk ikun hemm),

— in-numru IMO,

— l-isem preċedenti (jekk ikun hemm),

— il-bandiera preċedenti (jekk ikun hemm),

— id-dettalji preċedenti tat-tħassir minn reġistri oħra (jekk ikun hemm),

— is-sinjal tas-sejħa internazzjonali bir-radju,

— it-tip ta' bastimenti, it-tul, it-tunnellaġġ gross reġistrat (GRT) u l-kapaċità tat-trasport,

— l-ismijiet u l-indirizzi tas-sidien u tal-operaturi,

— it-tip ta' trażbord awtorizzat (jiġifieri fil-port, fuq il-baħar),

— il-perjodu ta' żmien awtorizzat għat-trażbord.";

(23) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 58a*

Is-saħħa u s-sikurezza tal-osservaturi fil-programm ta' osservazzjoni reġjonali tal-ICCAT għat-trażbord fuq il-baħar

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull bastiment li jtajjar il-bandiera tagħhom li jkollu osservatur reġjonali tal-ICCAT abbord ikun mgħammar b'tagħmir ta' sikurezza xieraq għal kull vjaġġ fl-intier tiegħu, inkluż dan li ġej:

(a) ċattra tas-salvataġġ ta' kapaċità suffiċjenti għall-persuni kollha abbord u b'ċertifikat ta' spezzjoni li jkun validu tul il-preżenza tal-osservatur;

(b) biżżejjed ġkieket tas-salvataġġ jew ilbies ta' sopravivenza għall-persuni kollha abbord, u f'konformità mal-istandards internazzjonali rilevanti; u

(c) sinjal markatur ta' emerġenza bir-radju li jindika l-pożizzjoni (EPIRB) irreġistrat kif xieraq u transponder tat-tiftix u s-salvataġġ (SART) li ma jiskadix qabel tmiem il-preżenza tal-osservatur.

2. Kull bastiment tas-sajd tal-Unjoni li jkollu osservatur reġjonali tal-ICCAT abbord għandu jiżviluppa u jimplimenta pjan ta' azzjoni ta' emerġenza ("EAP") li għandu jiġi segwit f'każ li osservatur imut, jiġi nieqes jew ikun preżunt li waqa' l-baħar, li jkun qed ibati minn mard jew korriment serji li jheddu s-saħħa, s-sikurezza jew il-benesseri tal-osservatur, jew jekk ikun ġie attakkat, intimidat, mhedded jew ingħata fastidju. Dan l-EAP għandu jinkludi, fost oħrajn, l-elementi stipulati fl-Anness 1 tar-Rakkomandazzjoni 19-10 tal-ICCAT.

3. Kull bastiment tas-sajd tal-Unjoni li jkollu osservatur reġjonali tal-ICCAT abbord għandu jissottometti EAP lill-Kummissjoni, biex jintbagħat lill-ICCAT sabiex jittella' fuq is-sit web tal-ICCAT. EAP ġdid jew emendat għandu jiġi pprovdut lill-Kummissjoni biex jintbagħat lill-ICCAT sabiex jittella' fuq is-sit web tal-ICCAT meta jsir disponibbli.

4. Bastiment tas-sajd tal-Unjoni m'għandux ikun eliġibbli biex ikollu osservatur reġjonali tal-ICCAT abbord ħlief jekk ikun ippreżenta EAP. Barra minn hekk, jekk il-Kummissjoni tidentifika xi inkonsistenzi mal-istandards stipulati fl-Anness 1 tar-Rakkomandazzjoni 19-10 tal-ICCAT abbażi tal-informazzjoni fl-EAP, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li l-preżenza ta' osservatur fuq bastiment tal-Istat Membru tal-bandiera kkonċernat għandha tiġi posposta sakemm l-inkonsistenza tkun ġiet indirizzata b'mod suffiċjenti.";

(24) L-Artikolu 61 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) kopertura ta' mill-inqas 5 % mill-osservaturi tal-isforz tas-sajd f'kull wieħed mit-tipi ta' sajd bil-konz pelaġiku, bit-tartarun tal-borża, bid-dgħajsa tas-sajd bil-lixka, bin-nases, bl-għażel u bix-xbieki tat-tkarkir, li jistadu għall-ispeċijiet tal-ICCAT";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Il-perċentwali tal-kopertura ta' osservazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

(a) għas-sajd bit-tartarun tal-borża, f'għadd ta' settijiet jew vjaġġi;

(b) għas-sajd bil-konz pelaġiku, f'jiem ta' sajd, għadd ta' settijiet, jew vjaġġi;

(c) għas-sajd bid-dgħajjes tas-sajd bil-lixka u bin-nases, f'jiem ta' sajd;

(d) għas-sajd bl-għażel, f'sigħat jew jiem ta' sajd; u

(e) għas-sajd bix-xbieki tat-tkarkir, f'numru ta' tagħbijiet jew jiem ta' sajd.";

(25) L-Artikolu 63 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 63*

Responsabbiltajiet tal-osservaturi xjentifiċi

1. Kull Stat Membru għandu jeħtieġ li l-osservaturi jwettqu, b'mod partikolari, il-kompiti li ġejjin:

(a) jirreġistraw l-attività tas-sajd tal-bastiment osservat u jirrapportaw dwarha, b'mod li mill-anqas għandu jinkludi dawn li ġejjin:

(i) ġbir ta' data, inkluż il-kwantifikazzjoni tal-qbid, il-qbid aċċessorju u l-qbid skartat totali tal-ispeċijiet fil-mira (inkluż il-klieb il-baħar, il-fkieren tal-baħar, il-mammiferi tal-baħar u l-għasafar tal-baħar), stimar jew kejl tal-kompożizzjoni tad-daqs fejn dan ikun jista' jsir, l-istat tad-dispożizzjoni (jiġifieri miżmum, skartat mejjet, rilaxxat ħaj), u l-ġbir ta' kampjuni bijoloġiċi għall-istudji tal-istorja tal-ħajja (eż. il-gonadi, l-otoliti, il-vertebri u l-qxur);

(ii) informazzjoni dwar it-tikketti kollha misjuba;

(iii) informazzjoni dwar l-operazzjoni tas-sajd, inkluż il-post tal-qbid skont il-latitudni u l-lonġitudni, l-informazzjoni dwar l-isforz tas-sajd (eż. l-għadd ta' settijiet, l-għadd ta' snanar), id-data ta' kull operazzjoni tas-sajd, inkluż, kif xieraq, il-ħinijiet tal-bidu u tal-waqfien tal-attività tas-sajd, l-użu ta' oġġetti biex jinġema' l-ħut, inkluż l-FADs, u l-kundizzjoni ġenerali tal-annimali rilaxxati b'rabta mar-rati ta' sopravivenza (jiġifieri mejtin jew ħajjin, midruba);

(b) josservaw u jirreġistraw l-użu ta' miżuri ta' mitigazzjoni sabiex jitnaqqsu l-qabdiet inċidentali u informazzjoni rilevanti oħra;

(c) sa fejn ikun possibbli, josservaw u jirrapportaw dwar il-kundizzjonijiet ambjentali (eż. il-kundizzjonijiet tal-baħar, il-klima u parametri idroloġiċi);

(d) josservaw il-FADs u jirrapportaw dwarhom, f'konformità mal-programm ta' osservazzjoni reġjonali tal-ICCAT adottat skont il-programm pluriennali għall-konservazzjoni u l-ġestjoni tat-tonn tropikali; u

(e) iwettqu kwalunkwe kompitu xjentifiku ieħor kif irrakkomandat mill-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika tal-ICCAT u miftiehem mill-Kummissjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-osservaturi:

(a) ma jbagħbsux it-tagħmir elettroniku tal-bastiment;

(b) ikunu familjari mal-proċeduri ta' emerġenza abbord il-bastiment, inkluż il-post fejn jinsabu ċ-ċattri tas-salvataġġ, l-apparat tat-tifi tan-nar u l-kaxxi għall-ewwel għajnuna;

(c) jikkomunikaw skont il-bżonn mal-kaptan dwar kwistjonijiet u kompiti rilevanti għall-osservatur;

(d) ma jfixklux jew jindaħlu fl-attivitajiet tas-sajd u fl-operat normali tal-bastiment;

(e) jipparteċipaw f'sessjonijiet ta' debriefing mar-rappreżentanti xierqa tal-istitut xjentifiku jew tal-awtorità domestika responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programm ta' osservazzjoni.

3. Il-kaptan tal-bastiment li lilu jiġi assenjat l-osservatur għandu:

(a) jippermetti aċċess xieraq għall-bastiment u għall-operazzjonijiet tiegħu;

(b) jippermetti lill-osservatur iwettaq il-kompiti ta' osservatur b'mod effettiv, inkluż billi:

(i) jipprovdi aċċess xieraq għall-irkaptu, id-dokumenti (inkluż il-ġurnali ta' abbord elettroniċi u fiżiċi) u l-qabdiet tal-bastiment;

(ii) jikkomunika fi kwalunkwe ħin mar-rappreżentanti xierqa tal-istitut xjentifiku jew tal-awtorità domestika;

(iii) jiżgura aċċess xieraq għat-tagħmir elettroniku u għal tagħmir ieħor rilevanti għas-sajd, inkluż:

— tagħmir ta' navigazzjoni bis-satellita,

— mezzi ta' komunikazzjoni elettronika;

(iv) jiżgura li ħadd abbord il-bastiment osservat ma jbagħbas jew jeqred it-tagħmir jew id-dokumentazzjoni tal-osservatur, jostakola, jinterferixxi ma', jew inkella jaġixxi b'mod li jista' jipprevjeni mingħajr bżonn lill-osservatur milli jwettaq kompiti ta' osservatur;

(c) jipprovdi akkomodazzjoni lill-osservaturi, inkluż l-irmiġġ, l-ikel u faċilitajiet sanitarji u mediċi adegwati, ugwali għal dawk tal-uffiċjali;

(d) jagħti biżżejjed spazju lill-osservatur fuq il-pont tan-navigazzjoni jew fil-kamra tat-tmunier sabiex iwettaq il-kompiti ta' osservatur, kif ukoll spazju fuq il-gverta li jkun xieraq sabiex iwettaq il-kompiti ta' osservatur.

4. Kull Stat Membru għandu:

(a) jeħtieġ li meta l-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu jkunu qegħdin jistadu għall-ispeċijiet tal-ICCAT, dawn ikollhom osservatur xjentifiku abbord f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(b) jissorvelja s-sikurezza tal-osservaturi tiegħu;

(c) fejn ikun fattibbli u xieraq, iħeġġeġ lill-istitut xjentifiku jew lill-awtorità domestika tiegħu sabiex jidħlu fi ftehimiet mal-istituti xjentifiċi jew l-awtoritajiet domestiċi ta' Stati Membri jew PKK oħra sabiex jiskambjaw ir-rapporti u d-data tal-osservaturi bejniethom;

(d) jipprovdi, fir-rapport annwali tiegħu sabiex jintuża mill-Kummissjoni u mill-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika tal-ICCAT, informazzjoni speċifika dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni 16-14 tal-ICCAT, li għandha tinkludi:

(i) dettalji dwar l-istruttura u d-disinn tal-programmi ta' osservazzjoni xjentifika tagħhom, inkluż, fost l-oħrajn:

— il-livell fil-mira tal-kopertura tal-osservaturi skont it-tip ta' sajd u rkaptu, kif ukoll kif dan qed jitkejjel,

— id-data li trid tinġabar,

— il-protokolli fis-seħħ għall-ġbir tad-data u għall-manipulazzjoni,

— informazzjoni dwar kif jintgħażlu l-bastimenti li jkunu ser jiġu koperti sabiex jintlaħaq il-livell fil-mira tal-kopertura tal-osservaturi tal-Istati Membri,

— ir-rekwiżiti marbutin mat-taħriġ tal-osservaturi, u

— ir-rekwiżiti għall-kwalifiki tal-osservaturi;

(ii) l-għadd ta' bastimenti mmonitorjati, il-livell ta' kopertura miksub skont it-tip ta' sajd u rkaptu, u d-dettalji dwar kif ġew ikkalkolati dawk il-livelli ta' kopertura;

(e) wara s-sottomissjoni inizjali tal-informazzjoni meħtieġa skont il-punt (d)(i), jirrapporta l-bidliet fl-istruttura u d-disinn tal-programmi tal-osservaturi tiegħu fir-rapport annwali tiegħu meta jseħħu dawn il-bidliet biss; u jkompli jirrapporta, kull sena, l-informazzjoni meħtieġa skont il-punt (d)(ii) lill-Kummissjoni;

(f) kull sena, permezz tal-formati elettroniċi ddeżinjati li jiġu żviluppati mill-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika tal-ICCAT, jirrapporta lill-dak il-Kumitat l-informazzjoni miġbura permezz tal-programmi ta' osservazzjoni domestiċi sabiex din tintuża mill-Kummissjoni, b'mod partikolari għall-valutazzjoni tal-istokkijiet u għal skopijiet xjentifiċi oħra, f'konformità mal-proċeduri stabbiliti għal rekwiżiti oħra għar-rapportar tad-data u b'konsistenza mar-rekwiżiti domestiċi ta' kunfidenzjalità;

(g) jiżgura l-implimentazzjoni ta' protokolli robusti għall-ġbir ta' data mill-osservaturi tiegħu meta jkunu qegħdin iwettqu l-kompiti tagħhom imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, inkluż l-użu ta' fotografija meta jkun meħtieġ u xieraq.";

(26) fl-Artikolu 66, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"4. Kull Stat Membru għandu jispezzjona, kull sena, mill-anqas 5 % tal-operazzjonijiet ta' żbark u ta' trażbord imwettqa minn bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi fil-portijiet dežinjati tiegħu.

5. L-Istati Membri tal-bandiera għandhom jikkunsidraw u jaġixxu fuq rapporti ta' ksur minn spetturi ta' Stat tal-port fuq bażi simili għar-rapporti mill-ispetturi tagħhom stess, f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2403.";

(27) fit-Titolu III, Kapitolu VII, jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 66a*

Ilmiħ ta' bastimenti

1. Permezz ta' operazzjonijiet ta' spezzjoni u sorveljanza mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT, l-Istati Membri għandhom jiġbru kemm jista' jkun informazzjoni meta bastiment tas-sajd tal-Unjoni, bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz jew bastiment mingħajr nazzjonalità jintlemaħ jistad jew b'xi mod involut f'attivitajiet relatati mas-sajd (eż. trażbord) u jkun preżunt li jkun involut f'sajd IUU.

2. L-Istati Membri għandhom jiġbru informazzjoni dwar l-ilmiħ ta' bastimenti f'konformità mal-iskeda ta' informazzjoni dwar l-ilmiħ stipulata fl-Anness tar-Rakkomandazzjoni 19-09 tal-ICCAT.

3. Meta jintlemaħ bastiment skont il-paragrafu 1, l-Istat Membru kkonċernat ("l-Istat Membru li jilmaħ") għandu, mingħajr dewmien mhux iġġustifikat, jinnotifika u jipprovdi kwalunkwe immaġni rreġistrata tal-bastiment lill-awtoritajiet xierqa tal-Istat Membru tal-bandiera jew ta' PKK jew ta' bandiera mhux ta' PKK tal-bastiment li jkun intlemaħ, u:

(a) jekk il-bastiment li jkun intlemaħ ikollu bandiera ta' Stat Membru, l-Istat Membru tal-bandiera għandu, mingħajr dewmien mhux iġġustifikat, jieħu azzjoni xierqa fir-rigward tal-bastiment ikkonċernat; kemm l-Istat Membru li jilmħu kif ukoll l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment li jintlemaħ għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-ilmiħ lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA), inkluż dettalji dwar kwalunkwe azzjoni ta' segwitu li tittieħed;

(b) jekk il-bastiment li jkun intlemaħ ikollu bandiera ta' PKK ieħor, mhux ta' PKK, jew ikollu bandiera indeterminata jew mingħajr nazzjonalità, l-Istat Membru li jilmħu għandu, mingħajr dewmien mhux iġġustifikat, jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-EFCA l-informazzjoni xierqa kollha relatata mal-ilmiħ; il-Kummissjoni għandha, kif ikun xieraq, tittrażmetti l-informazzjoni dwar l-ilmiħ lis-Segretarjat tal-ICCAT.";

(28) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 69a*

Bastimenti IUU

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li bastimenti inklużi fil-lista tal-IUU tal-ICCAT ma jkunux awtorizzati li jħottu l-art, jittrażbordaw, jerġgħu jfornu l-fjuwil, jerġgħu jfornu jew jidħlu fi tranżazzjonijiet kummerċjali oħra.";

(29) fl-Artikolu 71(1), id-data "l-20 ta' Awwissu" hija sostitwita b'"l-1 ta' Awwissu";

(30) l-Artikolu 73(1) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-Annessi I sa X;

(aa) il-limitazzjonijiet tal-kapaċità għat-tonn tropikali skont l-Artikolu 5a relatati mar-rappurtar annwali tal-pjan tas-sajd u tal-pjan ta' ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd, imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dak l-Artikolu, kif ukoll l-għadd ta' bastimenti ta' appoġġ imsemmija fil-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu";

(b) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) il-limiti taż-żmien stipulati fl-Artikolu 7(1), fl-Artikolu 8, fl-Artikolu 9(1), fl-Artikolu 14(1), fl-Artikolu 18, fl-Artikolu 20(2), (3) u (4), fl-Artikolu 22(2), fl-Artikolu 23(1) u (2), fl-Artikolu 26(1) u (3), fl-Artikolu 40(1), fl-Artikolu 42(1), fl-Artikolu 44(3), fl-Artikolu 47(2), fl-Artikolu 48(1) u (2), fl-Artikolu 50(1) u (2), fl-Artikolu 56(3), fl-Artikolu 57(1), (2) u (3), fl-Artikolu 59(1) u (2), fl-Artikolu 64, fl-Artikolu 65(2), fl-Artikolu 66(1) u (2), fl-Artikolu 67(1) u (2), fl-Artikolu 69(2), fl-Artikolu 70(2), (3) u (5), u fl-Artikolu 71(1);

(ba) ir-riport annwali għat-tonn obeż skont l-Artikolu 8a;

(bb) ir-rekwiżiti għall-FADs skont l-Artikolu 10(1) u (2);

(bc) ir-referenzi għar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT imsemmija fl-Artikolu 10(2), l-Artikolu 28, l-Artikolu 27(3), l-Artikolu 29b(2) u (3), l-Artikolu 36a(2), l-Artikolu 58a(2) u (4), l-Artikolu 63(4), il-punt (d), u l-Artikolu 66a(2);";

(c) il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-kopertura minima tal-osservaturi skont l-Artikolu 14(2);

(ca) ir-restrizzjonijiet fuq l-għadd ta' bastimenti tal-qbid tal-Unjoni li jimmiraw għall-alonga tat-Tramuntana tal-Atlantiku skont l-Artikolu 17;

(cb) ir-riport annwali tal-alonga tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku skont l-Artikolu 17b;

(cc) il-pjanijiet ta' ġestjoni tal-pixxispad tat-Tramuntana tal-Atlantiku skont l-Artikolu 18;

(cd) ir-riport annwali tal-pixxispad tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku skont l-Artikolu 18b;";

(d) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(j) ir-rekwiżiti sabiex tiġi mmassimizzata s-sopravivenza tal-fkieren tal-baħar skont l-Artikolu 41;

(k) il-kalkolu tal-perċentwali tal-kopertura skont l-Artikolu 61(2).";

(31) l-Anness I huwa sostitwit bit-test fl-Anness I għal dan ir-Regolament;

(32) l-Anness VI huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(33) it-test li jinsab fl-Anness III għal dan ir-Regolament jiżdied bħala Annessi IX u X.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament (UE) 2023/2053

Ir-Regolament (UE) 2023/2053 huwa emendat kif ġej:

(1) l-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 5*

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "ICCAT" tfisser il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku;

(2) "SCRS" tfisser il-Kumitat Permanenti dwar ir-Riċerka u l-Istatistika tal-ICCAT;

(3) "il-Konvenzjoni" tfisser il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku;

(4) "Żona tal-Konvenzjoni" tfisser iż-żona ġeografika kif sipulata fl-Artikolu I tal-Konvenzjoni;

(5) "PKK" tfisser Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni u parti, entità jew entità tas-sajd mhux kontraenti li tikkoopera magħha;

(6) "operatur" tfisser il-persuna fiżika jew ġuridika li topera jew li tikkontrolla kwalunkwe impriża li tkun qed twettaq kwalunkwe waħda mill-attivitajiet marbutin ma' kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar, tal-kummerċjalizzazzjoni, tad-distribuzzjoni u tal-ktajjen tal-bejgħ bl-imnut tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura;

(7) "Stat Membru tal-farm tal-ħut" jew "Stat Membru responsabbli għall-farm tal-ħut" tfisser l-Istat Membru li taħt il-ġuriżdizzjoni tiegħu jinsab il-farm tal-ħut;

(8) "Stat Membru tal-bandiera" tfisser l-Istat Membru li l-bastiment tas-sajd qed itajjar il-bandiera tiegħu;

(9) "Stat Membru tat-tunnara" jew "Stat Membru responsabbli għat-tunnara" tfisser l-Istati Membri li taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom tinsab in-nassa;

(10) "bastiment tas-sajd" tfisser kwalunkwe bastiment bil-mutur użat għall-finijiet tal-isfruttament kummerċjali tar-riżorsi tat-tonn, inkluż il-bastimenti tal-qbid, il-bastimenti tal-ipproċessar, il-bastimenti ta' appoġġ, il-bastimenti tal-irmunkar, il-bastimenti involuti fit-trażbord, il-bastimenti tat-trasport mgħammra b'tagħmir għat-trasport tal-prodotti tat-tonn u l-bastimenti awżiljarji, minbarra l-bastimenti għat-trasport tal-kontejners;

(11) "bastiment tal-qbid" tfisser bastiment li jintuża għall-finijiet tal-qbid kummerċjali tar-riżorsi tat-tonn;

(12) "bastiment tal-irmunkar" tfisser kwalunkwe bastiment li jintuża biex jirmonka l-ġaġeġ tat-tonn ħaj;

(13) "bastiment għall-ipproċessar" tfisser bastiment li fuqu l-prodotti tas-sajd issirilhom waħda jew aktar mill-operazzjonijiet li ġejjin qabel ma jiġu ppakkjati: iffilettjar jew tfettit, iffriżar u/jew ipproċessar;

(14) "bastiment ta' appoġġ" tfisser kwalunkwe bastiment tas-sajd, minbarra bastiment tal-qbid, bastiment għall-ipproċessar, bastiment tal-irmunkar, bastiment involut fit-trażbord, bastiment tat-trasport mgħammar għat-trasport ta' prodotti tat-tonn jew bastiment awżiljarju, awtorizzat biex jopera fis-sajd għat-tonn biex iwettaq kompiti ta' appoġġ;

(15) "bastiment awżiljarju" tfisser kwalunkwe bastiment li jintuża għat-trasport tat-tonn mejjet (mhux ipproċessat) minn ġo gaġġa tat-trasport jew tat-trobbija tal-ħut, minn bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża jew tunnara għal port magħżul jew għal bastiment tal-ipproċessar;

(16) "bastiment kostali fuq skala żgħira" tfisser bastiment tal-qbid li jkollu tal-inqas tliet karatteristiċi mill-ħamsa li ġejjin:

(a) tul totali ta' inqas minn 12-il metru;

(b) il-bastiment jistad biss fl-ibħra li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istat Membru tal-bandiera;

(c) id-durata tal-vjaġġi tas-sajd tiegħu tkun ta' inqas minn 24 siegħa;

(d) l-għadd massimu ta' erba' persuni bħala membri tal-ekwipaġġ;

(e) il-bastiment jistad billi juża tekniki li jkunu selettivi u li jkollhom impatt ambjentali mnaqqas;

(17) "bastiment kbir tas-sajd pelaġiku bil-konz" tfisser bastiment tas-sajd pelaġiku bil-konz li jkun fih tul ta' iżjed minn 24 metru;

(18) "sajd rikreattiv" tfisser attivitajiet ta' sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar għar-rikreazzjoni, għat-turiżmu jew għall-isport;

(19) "tartarun tal-borża" tfisser kwalunkwe xibka tat-tidwir li l-parti ta' taħt tagħha tingħaqad permezz ta' vajjina li tkun fil-qiegħ nett tax-xibka, li tgħaddi minn sensiela ta' ħoloq imqabbda mal-ħabel ta' taħt, li tippermetti x-xibka tinġieb lura u tingħalaq;

(20) "operazzjoni konġunta tas-sajd" tfisser kwalunkwe attività li ssir bejn żewġ bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża jew aktar fejn il-qabda ta' bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża partikulari tiġi allokata għal bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża wieħed jew aktar f'konformità ma' skema ta' allokazzjoni miftiehma minn qabel;

(21) "grupp ta' rkaptu" tfisser grupp ta' bastimenti tas-sajd li jużaw l-istess irkaptu li għalihom ġiet allokata kwota tal-grupp;

(22) "sforz tas-sajd" tfisser il-prodott tal-kapaċità u l-attività ta' bastiment tas-sajd sabiex titkejjel l-intensità tal-operazzjonijiet tas-sajd; dak il-kejl ivarja minn irkaptu għall-ieħor: għas-sajd bil-konz, il-kejl isir f'termini tal-għadd ta' snanar jew ta' snanar fis-siegħa; fil-każ tal-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, il-kejl isir f'termini ta' jiem fuq id-dgħajsa (il-ħin tas-sajd u l-ħin tat-tiftix);

(23) "sajd attiv" tfisser, għal kwalunkwe bastiment tal-qbid, il-fatt li dan jintuża għas-sajd għat-tonn matul staġun tas-sajd partikulari;

(24) "BCD" tfisser dokument dwar il-qabdiet tat-tonn;

(25) "eBCD" tfisser dokument elettroniku dwar il-qabdiet tat-tonn;

(26) "trażbord" tfisser il-ħatt minn bastiment tas-sajd għal fuq bastiment tas-sajd ieħor tal-prodotti tas-sajd kollha jew ta' parti minnhom; madankollu, il-ħatt tat-tonn mejjet mit-tartarun tal-borża, mit-tunnara jew minn fuq il-bastiment tal-irmunkar għal fuq bastiment awżiljarju ma għandux jitqies bħala trażbord;

(27) "tonn ħaj" tfisser tonn li jinżamm ħaj għal ċertu perjodu f'tunnara, jew li jiġi ttrasferit ħaj lejn installazzjoni tat-trobbija, jitpoġġa f'gaġġa, jitrabba u fl-aħħar nett jinħasad jew jiġi rrilaxxat;

(28) "ħsad" tfisser il-qtil tat-tonn fil-farms tal-ħut jew fit-tunnari;

(29) "tunnara" tfisser rkaptu fiss immażżrat mal-qiegħ, li s-soltu jkollu xibka li twassal it-tonn għal ġo magħlaq jew għal ġo sensiela ta' kompartimenti magħluqin fejn jinżamm qabel jinħasad jew jitrabba;

(30) "tqegħid fil-gaġeġ" tfisser ir-rilokazzjoni tat-tonn fil-farms tal-ħut u l-għalf sussegwenti tiegħu bil-għan li jissemmen u li tiżdied il-bijomassa totali tiegħu;

(31) "tqegħid fil-gaġeġ ta' kontroll" tfisser ripetizzjoni tal-operazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ li qed tiġi implimentata fuq talba tal-awtoritajiet ta' kontroll, bil-għan li jiġi vverifikat l-għadd jew il-piż medju ta' ħut li jkun tqiegħed fil-gaġeġ;

(32) "trobbija tal-ħut" jew "tismin" tfisser it-tqegħid tat-tonn fil-gaġeġ fil-farms tal-ħut u sussegwentament l-għalf bil-għan li jissemmen u li tiżdied il-bijomassa totali tiegħu;

(33) "farm" tfisser żona tal-baħar, f'post wieħed jew aktar li kollha huma definiti b'mod ċar minn koordinati ġeografiċi b'definizzjoni ċara ta' lonġitudni u latitudni għal kull wieħed mill-punti tal-poligonu, użati għat-tismin jew għat-trobbija tat-tonn maqbud mit-tunnari jew mill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża;

(34) "kapaċità tat-trobbija tal-input" tfisser l-ammont massimu ta' tonn selvaġġ f'tunnellati li farm tal-ħut jista' jqiegħed fil-gaġeġ matul staġun tas-sajd;

(35) "trasferiment" tfisser kwalunkwe trasferiment ta':

(a) tonn ħaj mix-xibka tal-bastiment tal-qbid għall-gaġġa tat-trasport;

(b) tonn ħaj mit-tunnara għall-gaġġa tat-trasport, indipendentement mill-preżenza ta' bastiment tal-irmunkar;

(c) tonn ħaj mill-gaġġa tat-trasport għal gaġġa oħra tat-trasport;

(d) gaġġa bit-tonn ħaj minn bastiment tal-irmunkar għal bastiment ieħor tal-irmunkar;

(e) tonn ħaj bejn gaġeġ differenti fl-istess farm tal-ħut (trasferiment ġewwa l-farm tal-ħut);

(f) tonn ħaj mill-gaġġa tal-farm tal-ħut għal gaġġa tat-trasport;

(36) "trasferiment ta' kontroll" tfisser ir-ripetizzjoni ta' kwalunkwe trasferiment li qed jiġi implimentat fuq talba tal-awtoritajiet ta' kontroll;

(37) "trasferiment bejn il-farms tal-ħut" tfisser ir-rilokazzjoni ta' tonn ħaj minn farm tal-ħut għal farm tal-ħut ieħor magħmul minn żewġ fażijiet, trasferiment mill-gaġġa tal-farm donatur għal gaġġa tat-trasport u tqegħid fil-gaġeġ mill-gaġġa tat-trasport għall-gaġġa tal-farm riċevitur;

(38) "l-ewwel trasferiment" tfisser trasferiment ta' tonn ħaj minn tartarun tal-borża jew tunnara għal gaġġa tat-trasport;

(39) "trasferiment ulterjuri" tfisser kwalunkwe trasferiment li jsir wara l-ewwel trasferiment u qabel it-tqegħid fil-gaġeġ fil-farm ta' destinazzjoni, bħall-qsim jew l-għaqda tal-kontenut ta' żewġ gaġeġ tat-trasport, bl-eċċezzjoni ta' trasferimenti volontarji jew ta' kontroll;

(40) "trasferiment volontarju" tfisser ir-ripetizzjoni ta' kwalunkwe trasferiment li qed jiġi implimentat volontarjament mill-operatur donatur;

(41) "kamera ta' kontroll" tfisser kamera sterjoskopika jew vidjokamera konvenzjonali użata biex jitwettqu l-kontrolli skont dan ir-Regolament;

(42) "kamera sterjoskopika" tfisser kamera b'żewġ lentijiet jew aktar, li jkollha sensur separat tal-immaġni jew qafas separat tal-films għal kull lenti, li tippermetti li jittieħdu immaġnijiet tridimensjonali biex jitkejjel it-tul tal-ħut;

(43) "operatur donatur" tfisser il-kaptan, jew ir-rappreżentant tal-kaptan, tal-bastiment tal-qbid jew tal-irmunkar, jew l-operatur, jew ir-rappreżentant tal-operatur, tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara, li minnu, ħlief fil-każ ta' trasferimenti volontarji u ta' kontroll, toriġina operazzjoni ta' trasferiment;

(44) "Stat Membru tal-operatur donatur" tfisser l-Istat Membru li jeżerċita l-ġuriżdizzjoni tiegħu fuq l-operatur donatur.";

(2) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Ir-riport tat-tonn ħaj mhux maqtul minn qabdiet ta' snin ta' qabel fi ħdan farm tal-ħut jista' jkun permess biss jekk l-Istat Membru jiżviluppa sistema msaħħa ta' kontroll u jirrapporta dan lill-Kummissjoni. Dik is-sistema għandha tifforma parti integrali mill-pjan ta' monitoraġġ, kontroll u spezzjoni annwali tal-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 14 u għandha tinkludi tal-inqas il-miżuri stabbiliti skont l-Artikolu 56c, 56d u 61.";

(3) l-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

Riport tal-kwoti mhux użati

1. Ir-riport awtomatiku tal-kwota mhux użata m'għandux ikun permess.

2. Stat Membru jista' jitlob li jittrasferixxi perċentwal massimu ta' 5 % tal-kwota annwali tiegħu minn sena għas-sena ta' wara. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinkludi dik it-talba fil-pjanijiet annwali tiegħu dwar is-sajd u dwar il-ġestjoni tal-kapaċità li għandhom jiġu inklużi fil-pjan tal-Unjoni dwar is-sajd u l-ġestjoni tal-kapaċità għall-approvazzjoni mill-ICCAT.";

(4) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. It-trasferimenti tal-kwoti bejn l-Unjoni u l-PKK l-oħrajn għandu jsir biss jekk l-Istati Membri u l-PKK ikkonċernati jkunu awtorizzaw dan minn qabel. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lis-Segretarjat tal-ICCAT bil-kwantità tal-kwoti kkonċernati qabel it-trasferiment tal-kwoti.";

(5) L-Artikolu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 14*

Pjan annwali ta' monitoraġġ, kontroll u spezzjoni

Kull Stat Membru li għandu kwota għat-tonn għandu jistabbilixxi pjan annwali ta' monitoraġġ, kontroll u spezzjoni bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament. Kull Stat Membru għandu jibgħat il-pjan rispettiv tiegħu lill-Kummissjoni. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-pjan tiegħu skont:

(a) l-objettivi, il-prijoritajiet u l-proċeduri kif ukoll il-parametri referenzjarji għall-attivitajiet ta' spezzjoni stipulati fil-programm ta' kontroll u spezzjoni speċifiku għat-tonn stabbilit skont l-Artikolu 95 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(b) il-programm ta' azzjoni nazzjonali għall-kontroll għat-tonn stabbilit skont l-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 sal-31 ta' Diċembru 2025, u, wara dik id-data, f'konformità mal-programm nazzjonali għall-kontroll stabbilit skont l-Artikolu 93a ta' dak ir-Regolament.";

(6) L-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jillimitaw il-kapaċità tagħhom ta' trobbija tat-tonn għall-kapaċità totali ta' trobbija rreġistrata fir-rekord tal-ICCAT ta' farms awtorizzati li joperaw għat-tonn ("reġistru ta' faċilitajiet għat-trobbija tat-tonn tal-ICCAT") jew awtorizzat u ddikjarat lill-ICCAT fl-2018.";

(b) il-paragrafi 6 u 7 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"6. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw statistika dwar l-ammont annwali ta' tqegħid fil-gaġeġ (input ta' ħut selvaġġ maqbud), il-ħsad u l-esportazzjoni lill-Kummissjoni, li għandha tittrażmetti d-data lis-Segretarjat tal-ICCAT, sakemm is-segretarjat tal-ICCAT ikun żviluppa funzjonalità tal-estrazzjoni tad-data fis-sistema tal-eBCD u tali funzjonalità ssir disponibbli.

7. Fejn ikun xieraq, sal-15 ta' Mejju ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom iressqu pjanijiet riveduti ta' ġestjoni tat-trobbija tal-ħut lill-Kummissjoni għat-trażmissjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT sal-1 ta' Ġunju ta' kull sena.";

(7) fl-Artikolu 16(1), il-punt (c), huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) il-pjan annwali ta' monitoraġġ, kontroll u spezzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 14; u";

(8) fl-Artikolu 17, il-paragrafi 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"4. B'deroga mill-paragrafi 1, 2 u 3, jekk il-kundizzjonijiet tat-temp jipprevjenu l-operazzjonijiet tas-sajd, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-istaġuni tas-sajd imsemmija f'dawk il-paragrafi jitwessgħu b'għadd ekwivalenti ta' jiem mitlufa sa 10 ijiem.

5. Is-sajd għat-tonn għandu jkun permess fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Baħar Mediterran minn bastimenti tal-qbid kbar tas-sajd bil-konz tal-wiċċ matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Mejju ta' kull sena bl-eċċezzjoni taż-żona delimitata mill-Punent ta' 10 °W u tat-Tramuntana ta' 42 °N.";

(9) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 21a*

Projbizzjoni taż-żamma tat-tonn abbord il-bastimenti ta' appoġġ

Il-bastimenti ta' appoġġ ma għandhomx iżommu abbord jew jittrasportaw it-tonn.";

(10) fl-Artikolu 23, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri jistgħu jallokaw, fejn xieraq, kwota speċifika għas-sajd rikreattiv. It-tonn mejjet li jista' jkun hemm għandu jitqies fit-tali allokazzjoni, fosthom fil-kuntest tas-sajd ta' qbid u rilaxx. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-kwota allokata għas-sajd rikreattiv meta jippreżentaw il-pjanijiet tas-sajd tagħhom.";

(11) l-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Stati Membri li għandhom kwota għat-tonn allokata għas-sajd rikreattiv għandhom jirregolaw dak is-sajd billi joħorġu awtorizzazzjonijiet tas-sajd lill-bastimenti għall-finijiet tas-sajd rikreattiv. Fuq talba tal-ICCAT, l-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni l-lista ta' dawk il-bastimenti li jkunu ngħataw awtorizzazzjoni tas-sajd biex jaqbdu t-tonn. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti dik il-lista elettronikament lill-ICCAT. Il-lista għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja għal kull bastiment:

(a) l-isem tal-bastiment;

(b) in-numru fir-reġistru;

(c) in-numru fir-reġistru tal-ICCAT (jekk ikun hemm);

(d) l-isem preċedenti (jekk ikun hemm);

(e) l-ismijiet u l-indirizzi tas-sidien u tal-operaturi.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Kull Stat Membru għandu jirreġistra d-data dwar il-qabdiet, inkluż il-piż ta' kull tonna maqbuda fis-sajd rikreattiv u għandu jikkomunika d-data għas-sena ta' qabel lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju ta' kull sena. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT.";

(12) l-Artikolu 26 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kull sena, xahar qabel il-bidu tal-perjodu tal-awtorizzazzjoni tas-sajd, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni l-listi ta' bastimenti li ġejjin:

(a) lista tal-bastimenti kollha tal-qbid li jistadu b'mod attiv għat-tonn; u

(b) lista tal-bastimenti l-oħrajn kollha involuti f'attivitajiet relatati mat-tonn, minbarra l-bastimenti tal-qbid.

Kull lista tal-bastimenti għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem u n-numru fir-reġistru tal-bastiment;

(b) l-ispeċifikazzjoni tat-tip ta' bastiment li tiddistingwi mill-inqas bejn il-bastimenti tal-qbid, il-bastimenti tal-irmunkar, il-bastimenti awżiljarji, il-bastimenti ta' appoġġ u l-bastimenti għall-ipproċessar;

(c) it-tul u t-tunnellaġġ gross reġistrat (GRT) jew, fejn possibbli, it-tunnellaġġ gross (GT);

(d) in-numru IMO (fejn dan ikun applikabbli);

(e) l-irkaptu użat (jekk ikun hemm);

(f) il-bandiera preċedenti (jekk ikun hemm);

(g) l-isem preċedenti (jekk ikun hemm);

(h) kwalunkwe dettall preċedenti tat-tħassir minn reġistri oħra;

(i) is-sinjal tas-sejħa internazzjonali bir-radju (jekk kien hemm);

(j) l-ismijiet u l-indirizzi tas-sidien u tal-operaturi; u

(k) il-perjodu ta' żmien awtorizzat għas-sajd, l-operat u t-trasport tat-tonn għat-trobbija tal-ħut.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT 15-il jum qabel tibda l-attività tas-sajd, sabiex il-bastimenti inklużi f'dawk il-listi jkunu jistgħu jiddaħħlu fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti awtorizzati u, jekk ikun rilevanti, fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti li jkollhom tul totali ta' 20 metru jew iktar li jkunu awtorizzati joperaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni.";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-bidliet sussegwenti fil-listi msemmija fil-paragrafu 1 u fl-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 3 matul sena kalendarja għandhom jiġu aċċettati biss jekk bastiment tas-sajd innotifikat jitwaqqaf milli jipparteċipa fis-sajd minħabba raġunijiet operattivi leġittimi jew ta' forza maġġuri. F'ċirkustanzi bħal dawn, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien b'dan il-fatt, u għandu jipprovdi:

(a) id-dettalji kollha tal-bastiment jew tal-bastimenti tas-sajd maħsubin biex jieħdu post dak il-bastiment; u

(b) rendikont komprensiv tar-raġuni li tiġġustifika s-sostituzzjoni u kwalunkwe evidenza jew referenza ta' appoġġ rilevanti.";

(13) l-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Bħala parti mill-pjan tas-sajd tiegħu, kull Stat Membru għandu jippreżenta elettronikament lill-Kummissjoni, lista tat-tunnari awtorizzati għas-sajd tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran. Dik il-lista għandha tinkludi l-isem u n-numru tar-reġistru tat-tunnari u l-koordinati ġeografiċi tal-poligonu tat-tunnara. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT sabiex dawk it-tunnari jkunu jistgħu jitniżżlu fir-reġistru tal-ICCAT tat-tunnari li huma awtorizzati jintużaw għas-sajd tat-tonn.";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni bi kwalunkwe żieda, tneħħija minn u kwalunkwe modifika tal-lista tagħhom ta' tunnari awtorizzati għas-sajd tat-tonn. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti tali bidliet lis-Segretarjat tal-ICCAT mingħajr dewmien.";

(14) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 28a*

Listi u reġistru tal-farms tal-ħut

1. Bħala parti mill-pjan tas-sajd tiegħu, kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni elettronikament, lista ta' farms tal-ħut awtorizzati li joperaw għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran. Dik il-lista għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem tal-farm tal-ħut;

(b) in-numru fir-reġistru;

(c) l-ismijiet u l-indirizzi tas-sidien u tal-operaturi;

(d) l-input u l-kapaċità totali tat-trobbija tal-ħut allokati għal kull farm tal-ħut;

(e) il-koordinati ġeografiċi taż-żoni awtorizzati għall-attivitajiet tat-trobbija tal-ħut; u

(f) l-istatus tal-farm tal-ħut (attiv jew inattiv).

Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT sabiex dawk il-farms tal-ħut ikunu jistgħu jitniżżlu fir-reġistru ta' faċilitajiet għat-trobbija tat-tonn tal-ICCAT.

2. Il-farms tal-ħut li ma jkunux imniżżlin fir-reġistru ta' faċilitajiet għat-trobbija tat-tonn tal-ICCAT ma għandhomx jitqiesu li huma awtorizzati joperaw għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

3. L-ebda attività tat-trobbija tal-ħut, inkluż l-għalf għal skopijiet ta' tismin jew ħsad, ma għandha tiġi awtorizzata barra mill-koordinati ġeografiċi approvati għall-attivitajiet tat-trobbija.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw minnufih lill-Kummissjoni bi kwalunkwe żieda, tnaqqis jew modifika fil-listi tagħhom tal-farms tal-ħut. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti tali bidliet lis-Segretarjat tal-ICCAT mingħajr dewmien.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-ebda tonn ma jitqiegħed f'farm tal-ħut mhux elenkat fir-reġistru ta' faċilitajiet għat-trobbija tat-tonn tal-ICCAT u li dawk il-farms tal-ħut ma jirċevux tonn minn bastimenti li mhumiex inklużi fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprojbixxu kwalunkwe operazzjoni fil-farms tal-ħut li ma humiex irreġistrati fir-reġistru ta' faċilitajiet għat-trobbija tat-tonn tal-ICCAT.";

(15) fl-Artikolu 33, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' aċċess għall-port skont id-dritt internazzjonali dwar bastimenti tas-sajd f'diffikultà jew f'każ ta' forza maġġuri.";

(16) l-Artikolu 34 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Qabel jidħlu fil-port, il-kaptani, jew ir-rappreżentanti tagħhom, tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, inkluż il-bastimenti għall-ipproċessar u tal-bastimenti awżiljarji inklużi fil-lista tal-bastimenti msemmija fl-Artikolu 26, għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tagħhom jew tal-PKK li l-portijiet jew il-faċilità ta' ħatt l-art tagħha li huma jkunu jixtiequ jużaw, tal-inqas bl-informazzjoni li ġejja:

(a) id-data u l-ħin stmati tal-wasla;

(b) il-kwantità stmata ta' tonn miżmum abbord;

(c) l-informazzjoni dwar iż-żona ġeografika fejn ikunu saru l-qabdiet.";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-qabdiet kollha li jinħattu l-art fl-Unjoni għandhom jiġu kkontrollati mill-awtoritajiet ta' kontroll rilevanti tal-Istat Membru tal-port u għandu jiġi spezzjonat perċentwal tagħhom abbażi ta' sistema ta' valutazzjoni tar-riskju li tinvolvi l-kwoti, id-daqs tal-flotta u l-isforz tas-sajd. Id-dettalji kollha tat-tali sistema ta' kontroll adottata minn kull Stat Membru għandhom jiġu stipulati fil-pjan annwali ta' monitoraġġ, kontroll u spezzjoni msemmi fl-Artikolu 14.";

(17) fl-Artikolu 35, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni impenjati f'attivitajiet ta' trażbord, jew ir-rappreżentanti tagħhom, għandhom jimlew id-dikjarazzjoni tat-trażbord tal-ICCAT u jibagħtuha lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-bandiera tagħhom mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol wara d-data tat-trażbord fil-port. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd li jkunu qed jittrażbordaw il-ħut, jew ir-rappreżentanti tagħhom, għandhom jimlew id-dikjarazzjoni tat-trażbord tal-ICCAT f'konformità mal-format stipulat fl-Anness V. Id-dikjarazzjoni tat-trażbord tal-ICCAT għandha tkun marbuta mal-eBCD biex tiġi ffaċilitata l-kontroverifika tad-data li jkun hemm fiha.";

(18) l-Artikolu 36 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 36*

Rapporti dwar il-qabdiet ippreżentati mill-Istati Membri

Kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni rapporti dwar il-qabdiet kull ġimagħtejn. Dawk ir-rapporti għandhom jinkludu d-data meħtieġa skont l-Artikolu 32 fir-rigward ta' tunnari u bastimenti tal-qbid. L-informazzjoni għandha tkun imqassma skont it-tip ta' rkaptu. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT mingħajr dewmien.";

(19) l-Artikolu 38 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. B'deroga mill-paragrafu 1, għar-rilaxx tat-tonn mill-farms tal-ħut, l-osservaturi reġjonali tal-ICCAT biss kif imsemmija fl-Artikolu 39, għandhom ikunu preżenti fuq bastimenti tal-irmunkar.

3. L-obbligi, ir-responsabbiltajiet u l-kompiti tal-osservaturi nazzjonali huma stipulati fl-Anness VIII.";

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw:

(a) kopertura temporali u spazjali rappreżentattiva sabiex jiġu żgurat li l-Kummissjoni tirċievi data u informazzjoni xierqa u adegwati dwar il-qabdiet, dwar l-isforz tas-sajd u dwar aspetti xjentifiċi u ta' ġestjoni oħrajn, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi tal-flotot u tas-sajd;

(b) li jkun hemm protokolli sodi tal-ġbir tad-data;

(c) li l-osservaturi jkunu mħarrġa u approvati kif suppost qabel ma jintbagħtu fuq ħidma;

(d) li l-osservaturi jingħataw, qabel il-bidu tal-ħidma tagħhom, lista ta' kuntatti fl-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn jirrapportaw l-osservazzjonijiet;

(e) li sa fejn ikun prattikabbli, tfixkil mill-inqas għall-operazzjonijiet tat-tunnari u tal-bastimenti li jkunu qed jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni.

(f) li l-kaptani tal-bastiment tas-sajd u l-operaturi tat-tunnara jippermettu li l-osservaturi jkollhom aċċess għall-mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni abbord il-bastiment tas-sajd jew fuq it-tunnari.";

(20) l-Artikolu 39 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) matul it-trasferimenti kollha minn gaġġa ta' farm tal-ħut wieħed għal gaġeġ tat-trasport, li mbagħad jiġu rmunkati għal farm tal-ħut ieħor;";

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a B'deroga mill-paragrafu 1, il-ħsad minn farms tal-ħut sa 1 000 kg kuljum u sa massimu ta' 50 tunnellata għal kull farm tal-ħut fis-sena biex jissupplixxi s-suq tat-tonn frisk jista' jiġi awtorizzat mill-Istat Membru rilevanti sakemm spettur nazzjonali awtorizzat mill-Istat Membru tal-farm tal-ħut jinsab fuq il-post għal 100 % ta' tali ħsad, u jikkontrolla l-operazzjoni kollha. Dak l-ispettur nazzjonali awtorizzat għandu wkoll jivvalida wkoll il-kwantitajiet maħsuda fis-sistema eBCD. F'każijiet bħal dawn, il-firma tal-osservatur reġjonali tal-ICCAT ma għandhiex tkun meħtieġa fit-taqsima tal-informazzjoni dwar il-ħsad tal-eBCD.";

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li għandu jiġi assenjat osservatur reġjonali wieħed tal-ICCAT għal kull farm tal-ħut għall-perjodu kollu tal-attivitajiet tat-tqegħid fil-gaġeġ u ta' ħsad. F'każ ta' forza maġġuri, u wara li l-Istat Membru tal-farm jikkonferma dawk iċ-ċirkustanzi li jikkostitwixxu forza maġġuri, jew fejn farms tal-ħut ġirien, kif awtorizzati u kkontrollati mill-istess Stat Membru tal-farm tal-ħut, joperaw b'mod konġunt bħala unità waħda, osservatur reġjonali tal-ICCAT jista' jiġi assenjat għal iktar minn farm tal-ħut wieħed sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-attivitajiet tat-trobbija tal-ħut, jekk ikun żgurat li l-kompiti tal-osservatur reġjonali tal-ICCAT jitwettqu kif xieraq u wara konferma mill-Istat Membru tal-farm tal-ħut.

4a. B'deroga mill-paragrafu 4, fil-każ ta' trasferiment bejn żewġ farms tal-ħut differenti li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-istess Stat Membru, osservatur reġjonali wieħed tal-ICCAT jista' jiġi assenjat biex ikopri l-proċess kollu inkluż it-trasferiment tal-ħut lejn gaġġa tat-trasport tal-irmunkar, l-irmunkar tal-ħut mill-farm tal-ħut donatur għall-farm tal-ħut destinatarju u t-tqegħid fil-gaġeġ tal-ħut fil-farm tal-ħut destinatarju. F'dak il-każ, il-farm tal-ħut donatur għandu juża osservatur reġjonali tal-ICCAT u l-kost għandu jinqasam mill-farm tal-ħut donatur u mill-farm tal-ħut destinatarju, sakemm ma jiġix stabbilit mod ieħor mill-operaturi ta' dawk il-farms tal-ħut.";

(d) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-kaptani, il-membri tal-ekwipaġġ u l-operaturi tal-farms tal-ħut, tat-tunnari u tal-bastimenti ma għandhomx ifixklu, jintimidaw, jinterferixxu jew jinfluwenzaw bla bżonn bi kwalunkwe mezz lill-osservaturi reġjonali tal-ICCAT fil-qadi ta' dmirijiethom

7. L-obbligi, ir-responsabbiltajiet u l-kompiti tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT huma stipulati fl-Anness VIII.";

(21) l-Artikolu 40 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Qabel il-bidu ta' operazzjoni ta' trasferiment, inkluż trasferiment volontarju, l-operatur donatur għandu jibgħat lill-Istat Membru tal-bandiera, tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara notifika minn qabel tat-trasferiment li tindika:

(a) in-numru u l-piż stmat tal-individwi tat-tonn li jrid jiġi ttrasferit;

(b) l-isem u n-numru tal-ICCAT tal-bastiment tal-qbid, tal-bastimenti tal-irmunkar, tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara;

(c) id-data u l-post tal-qabdiet;

(d) id-data u l-ħin stmat tat-trasferiment;

(e) il-pożizzjoni stmata (il-latitudini u l-lonġitudni) fejn ikun ser isir it-trasferiment u n-numri tal-gaġeġ donaturi u riċevituri;

(f) l-isem u n-numru tal-ICCAT tal-farm tal-ħut destinatarju;

(g) l-isem u n-numru tal-ICCAT tal-farm donatur, fil-każ ta' trasferiment mill-gaġġa tal-farm tal-ħut għal gaġġa tat-trasport;

(h) in-numri tal-gaġeġ taż-żewġ gaġeġ tal-farm tal-ħut u kwalunkwe gaġġa tat-trasport involuta, fil-każ ta' trasferimenti ġewwa l-farm tal-ħut.";

(b) jitħassar il-paragrafu 2;

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Għandu jiġi assenjat numru uniku ta' identifikazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 45c lill-gaġeġ kollha użati fl-operazzjonijiet ta' trasferiment u fit-trasport assoċjat tat-tonn ħaj.";

(d) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għandu, fi żmien 48 siegħa wara l-preżentazzjoni tan-notifika ta' trasferiment minn qabel, jawtorizza jew jirrifjuta li jawtorizza t-trasferiment. It-trasferiment ma għandux jibda mingħajr in-numru tal-awtorizzazzjoni minn qabel li jindika l-awtorizzazzjoni pożittiva (AUT) maħruġa.";

(e) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"7. It-trasferimenti volontarji u ta' kontroll ma għandhomx ikunu suġġetti għal awtorizzazzjoni ġdida ta' trasferiment.";

(22) l-Artikolu 41 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Ċaħda tal-awtorizzazzjoni tat-trasferiment u r-rilaxx konsegwenti tat-tonn*";

(b) fil-paragrafu 1, il-punti (b) sa (e), huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) l-għadd u l-piż tal-individwi tat-tonn ma jkunux ġew irrappurtati kif xieraq mill-bastiment tal-qbid jew mit-tunnara, jew it-tqegħid fil-gaġeġ tal-individwi tat-tonn ma kienx awtorizzat;

(c) il-bastiment tal-qbid jew it-tunnara li ġie ddikjarat li qabdu l-ħut ma kellhomx awtorizzazzjoni valida biex jistadu għat-tonn, maħruġa f'konformità mal-Artikolu 27 jew 28;

(d) il-bastiment tal-irmunkar li ġie ddikjarat li ser jirċievi t-trasferiment tal-ħut mhuwiex irreġistrat fir-reġistru tal-ICCAT tal-bastimenti l-oħrajn tas-sajd imsemmi fl-Artikolu 26, jew mhuwiex mgħammar b'VMS li tiffunzjona għalkollox jew b'apparat ta' lokalizzazzjoni ekwivalenti; jew

(e) il-farm tal-ħut destinatarju ma huwiex irrapportat bħala attiv fir-reġistru ta' faċilitajiet għat-trobbija tat-tonn tal-ICCAT.";

(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. F'każ ta' ħsara teknika fil-VMS tiegħu matul it-trasport lejn il-farm tal-ħut, il-bastiment tal-irmunkar għandu jiġi sostitwit b'bastiment ieħor tal-irmunkar li jkollu VMS li tiffunzjona għalkollox, jew inkella għandha tiġi installata jew użata VMS ġdida li taħdem malli dan ikun fattibbli u sa mhux aktar minn 72 siegħa wara dik il-ħsara teknika. Dak il-perjodu ta' 72 siegħa jista' jiġi estiż b'mod eċċezzjonali fil-każ ta' forza maġġuri jew ta' restrizzjonijiet operattivi leġittimi. Il-Kummissjoni għandha tiġi mgħarrfa minnufih bil-ħsara teknika u, min-naħa tagħha, għandha tgħarraf lis-Segretarjat tal-ICCAT b'dan. Minn x'ħin tiġi nnutata l-ħsara teknika sa ma din tissewwa, kull siegħa, il-kaptan jew ir-rappreżentant tal-kaptan għandu jibgħat lill-awtoritajiet ta' kontroll tal-Istat Membru tal-bandiera l-koordinati ġeografiċi aġġornati tal-bastiment tas-sajd bil-mezzi tat-telekomunikazzjoni x-xierqa.";

(23) L-Artikolu 42 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fi tmiem l-operazzjoni tat-trasferiment, l-operatur donatur għandu jimla u jittrażmetti d-dikjarazzjoni tat-trasferiment tal-ICCAT ("ITD") f'konformità mal-format stipulat fl-Anness VI biex:

(a) l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera jew tat-tunnara;

(b) l-osservatur reġjonali tal-ICCAT meta l-preżenza ta' dak l-osservatur tkun obbligatorja; u

(c) fejn applikabbli, il-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar jew l-operatur tal-farm tal-ħut destinatarju.";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-ITD oriġinali għandha takkumpanja t-trasferiment lejn il-farm tal-ħut destinatarju fejn l-individwi tat-tonn għandhom jitqiegħdu fil-gaġeġ.

Mal-ewwel trasferiment, l-ITD oriġinali għandha tiġi dduplikata mill-operatur donatur meta qabda waħda tiġi ttrasferita mit-tartarun tal-borża jew mit-tunnara għal aktar minn gaġġa tat-trasport waħda.

Fil-każ ta' trasferiment ulterjuri, il-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar donatur għandu jaġġorna l-ITD billi jimla t-taqsima 3 (Trasferimenti ulterjuri) tagħha, u jipprovdi l-ITD aġġornata lill-bastiment tal-irmunkar riċevitur.

Kopja tal-ITD għandha tinżamm abbord il-bastimenti tal-qbid jew tal-irmunkar donatur, jew mill-operatur tat-tunnara donatur jew il-farm tal-ħut donatur, u tkun aċċessibbli fi kwalunkwe ħin għal skopijiet ta' kontroll matul id-durata tal-istaġun tas-sajd.";

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"5. L-informazzjoni dwar ħut li jkun osservat li jkun mejjet matul trasferiment jew matul it-trasport tal-ħut lejn il-farm tal-ħut destinatarju, għandha tiġi rreġistrata f'konformità mal-Anness XIII.";

(24) l-Artikolu 43 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-operatur donatur għandu jiżgura li t-trasferiment jiġi mmonitorjat permezz ta' vidjokamera fl-ilma sabiex jiġi ddeterminat l-għadd ta' individwi tat-tonn li jkunu qed jiġu ttrasferiti, ħlief għat-trasferimenti tal-gaġeġ bejn żewġ bastimenti tal-irmunkar, li ma jinvolvux il-moviment tal-individwi tat-tonn ħaj bejn dawk il-gaġeġ. Ir-reġistrazzjoni bil-vidjokamera għandha ssir f'konformità mal-istandards minimi għall-proċeduri ta' reġistrazzjoni bil-vidjokamera stipulati fl-Anness X.

Kull awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-operatur donatur għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li jiġu pprovduti kopji tar-reġistrazzjonijiet bil-vidjokamera rilevanti mill-operatur donatur mingħajr dewmien:

(a) għall-ewwel trasferiment u għal kwalunkwe trasferiment volontarju, lill-osservatur reġjonali tal-ICCAT, lill-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar li jkun qed jirċievi l-ħut u, fi tmiem il-vjaġġ tas-sajd, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera jew tat-tunnara tal-operatur donatur;

(b) għal aktar trasferimenti, lill-osservatur nazzjonali abbord il-bastiment tal-irmonk donatur, lill-kaptan tal-bastiment tal-irmonk riċevitur u, fi tmiem il-vjaġġ tal-irmonk, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tal-irmunkar donatur;

(c) għat-trasferimenti bejn żewġ farms tal-ħut differenti, lill-osservatur reġjonali tal-ICCAT, lill-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar li jkun qed jirċievi l-ħut u lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut tal-operatur donatur; u

(d) jekk spettur nazzjonali jew tal-ICCAT ikun preżenti matul l-operazzjoni ta' trasferiment, lil dak l-ispettur.

1a. Ir-reġistrazzjoni bil-vidjokamera kkonċernata għandha takkumpanja l-ħut sal-farm tal-ħut tad-destinazzjoni. Għandha tinżamm kopja fit-tunnari, fil-farms tal-ħut jew abbord il-bastimenti donaturi, u għandha tkun aċċessibbli għal skopijiet ta' kontroll fi kwalunkwe ħin matul l-istaġun tas-sajd.";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. L-operatur donatur u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati għandhom iżommu r-reġistrazzjonijiet bil-vidjokamera relatati mat-trasferimenti għal mill-inqas tliet snin u jżommuhom sakemm ikun meħtieġ għall-finijiet ta' kontroll u infurzar.";

(25) jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 43a*

Trasferimenti volontarji u ta' kontroll

1. Jekk ir-reġistrazzjoni bil-vidjokamera msemmija fl-Artikolu 43 ma tissodisfax l-istandards minimi għall-proċeduri ta' reġistrazzjoni bil-vidjokamera stipulati fl-Anness X, u b'mod partikolari jekk il-kwalità u ċ-ċarezza tagħha ma jkunux biżżejjed biex jiġi ddeterminat l-għadd ta' individwi tat-tonn li jkunu qed jiġu ttrasferiti, l-operatur donatur jista' jwettaq trasferimenti volontarji.

2. Jekk ma jkun sar l-ebda trasferiment volontarju, jew jekk, minkejja t-trasferiment volontarju, ikun għadu mhux possibbli li jiġi ddeterminat l-għadd ta' individwi tat-tonn li jkunu qed jiġu trasferiti, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera, tat-tunnara jew tal-farm tal-ħut tal-operatur donatur għandha tordna trasferiment ta' kontroll, li għandu jiġi ripetut sakemm il-kwalità tar-reġistrazzjoni bil-vidjokamera tippermetti li jiġi ddeterminat l-għadd ta' individwi tat-tonn li jkunu qed jiġu trasferiti.

3. It-trasferimenti volontarji u ta' kontroll għandhom jitwettqu f'gaġġa vojta. L-għadd ta' individwi tat-tonn li jkunu qed jiġu trasferiti, kif determinat matul it-trasferiment volontarju jew ta' kontroll validu, għandu jintuża biex jimtela l-ġurnal ta' abbord, l-ITD u t-taqsimiet rilevanti tal-eBCD.

4. Is-separazzjoni tal-gaġġa tat-trasport mill-bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża, mit-tunnara jew mill-gaġġa tal-farm tal-ħut ma għandhiex issir sakemm l-osservatur reġjonali tal-ICCAT abbord il-bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża, jew li jkun preżenti fil-farm tal-ħut jew fit-tunnara, ikun wettaq il-kompiti rilevanti.

5. Jekk il-kwalità tar-reġistrazzjoni bil-vidjokamera tat-trasferimenti volontarji xorta ma tippermettix li jiġi ddeterminat l-għadd ta' individwi li jkunu qed jiġu trasferiti, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-operatur donatur tista' tippermetti s-separazzjoni tal-gaġeġ tat-trasport mill-bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża, mit-tunnara jew mill-farm tal-ħut. F'każ bħal dan, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-operatur donatur għandha tordna li l-bibien tal-gaġeġ tat-trasport ikkonċernati jiġu ssiġillati f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Anness XVa, u tirrikjedi li t-trasferimenti ta' kontroll jitwettqu f'ħin u f'post determinati, fil-preżenza tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera, tat-tunnara jew tal-farm tal-ħut ikkonċernat.

6. Fil-każ li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera, tat-tunnara jew tal-farm tal-ħut ma jkunux jistgħu jkunu preżenti fit-trasferiment tal-kontroll, it-trasferiment tal-kontroll għandu jseħħ fil-preżenza ta' osservatur reġjonali tal-ICCAT. F'dak il-każ, l-operatur tal-farm tal-ħut li jkun is-sid tal-individwi tat-tonn li jkun qed jiġi trasferiti għandu jkun responsabbli għall-assenjar tal-osservatur reġjonali tal-ICCAT għall-fini tal-verifika tat-trasferiment tal-kontroll.";

(26) L-Artikolu 44 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 44*

Investigazzjoni mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-operatur donatur

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-operatur donatur għandhom jinvestigaw il-każijiet kollha fejn:

(a) ikun hemm differenza ta' aktar minn 10 % bejn l-għadd ta' individwi tat-tonn irrapportati fl-ITD mill-operatur donatur u l-għadd ta' individwi tat-tonn iddeterminat mill-osservatur reġjonali tal-ICCAT, jew mill-osservatur nazzjonali, kif xieraq;

(b) l-osservatur reġjonali tal-ICCAT ma ffirmax l-ITD.

Il-marġni ta' żball ta' 10 % imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), għandu jiġi espress bħala perċentwal taċ-ċifri tal-operatur donatur.

Fil-bidu ta' investigazzjoni, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-operatur donatur għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera jew tal-PKK tal-bastimenti tal-irmunkar ikkonċernati dwar l-investigazzjoni u tiżgura li ma jkun permess l-ebda trasferiment minn jew lejn il-gaġġa tat-trasport ikkonċernata sakemm tintemm l-investigazzjoni.

Fejn applikabbli, l-investigazzjoni għandha tinkludi l-analiżi tar-reġistrazzjonijiet bil-vidjokamera rilevanti kollha. Ħlief fil-każ ta' forza maġġuri, investigazzjoni bħal din għandha tintemm qabel il-ħin tat-tqegħid fil-gaġeġ fil-farm tal-ħut u fi kwalunkwe każ fi żmien 96 siegħa mill-bidu tal-investigazzjoni. Sakemm joħorġu r-riżultati tal-investigazzjoni, ma għandux ikun awtorizzat it-tqegħid fil-gaġeġ u t-taqsima rilevanti tal-eBCD ma għandhiex tiġi vvalidata.

2. Għall-operazzjonijiet kollha ta' trasferiment fejn tkun meħtieġa reġistrazzjoni bil-vidjokamera, differenza ta' aktar minn 10 % fl-għadd ta' individwi tat-tonn li jkunu qed jiġu trasferiti rrappurtati mill-operatur donatur fl-ITD u l-għadd iddeterminat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew tal-PKK tal-operatur donatur għandu jikkostitwixxi nuqqas potenzjali ta' konformità tal-bastiment tas-sajd, tat-tunnara jew tal-farm tal-ħut ikkonċernat.";

(27) fil-Kapitolu V, it-Taqsima 6, jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"*Artikolu 45a*

Emendi għall-ITDs u l-eBCDs wara spezzjonijiet fuq il-baħar jew investigazzjonijiet

Jekk, wara spezzjoni fuq il-baħar jew investigazzjoni, id-differenza fl-għadd ta' individwi tat-tonn li jkunu qed jiġu trasferiti tinstab li tkun aktar minn 10 % għal dik iddikjarata fl-ITD u fl-eBCD, l-eBCD għandu jiġi emendat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-operatur donatur biex jirrifletti r-riżultat ta' dik l-ispezzjoni jew dik l-investigazzjoni.";

(28) fil-Kapitolu V, it-Taqsima 7, jiddaħħlu l-artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 45b*

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Kull Stat Membru tal-farm tal-ħut għandu jinnomina awtorità kompetenti waħda responsabbli għall-koordinazzjoni tal-ġbir u l-verifika tal-informazzjoni dwar l-operazzjonijiet tat-tqegħid fil-gaġeġ imwettqa fil-ġuriżdizzjoni tiegħu, għall-kontroll tal-attivitajiet fil-farms tal-ħut li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tiegħu, u għar-rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-bandiera u tat-tunnara u tal-PKK tal-bastimenti jew tat-tunnari li qabdu t-tonn fil-gaġeġ u l-kooperazzjoni magħhom.

2. L-attivitajiet kollha tas-sajd tat-tonn u tal-farms tal-ħut għandhom ikunu soġġetti għall-kontroll stipulat fil-pjan ta' monitoraġġ, kontroll u spezzjoni annwali mressaq taħt l-Artikolu 14.

3. L-Istati Membri involuti fl-attivitajiet relatati mat-tqegħid fil-gaġeġ għandhom jiskambjaw informazzjoni u jikkooperaw biex jiżguraw li l-għadd u l-piż tal-individwi tat-tonn maħsuba għat-tqegħid fil-gaġeġ ikunu preċiżi, konsistenti mal-ammonti tal-qabdiet irrapportati mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża jew l-operatur tat-tunnara, u ddikjarati fit-taqsimiet rilevanti tal-eBCD.

4. L-Istati Membri tal-farms tal-ħut għandhom jiżguraw li f'kull ħin l-operaturi tal-farms tal-ħut iżommu pjan skematiku preċiż tal-farms tal-ħut tagħhom, li jindika n-numri uniċi ta' identifikazzjoni, imsemmija fl-Artikolu 45c, tal-gaġeġ kollha u l-pożizzjoni individwali tagħhom fil-farm tal-ħut. Dak il-pjan għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut f'kull ħin għall-finijiet ta' kontroll u tal-osservatur reġjonali tal-ICCAT li jkun intbagħat fil-farm tal-ħut. Kwalunkwe aġġornament tal-pjan skematiku għandu jkun soġġett għal notifika minn qabel lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm. Il-pjan skematiku għandu jiġi aġġornat kull meta l-għadd jew id-distribuzzjoni tal-gaġeġ tal-farm tal-ħut jiġu modifikati.

5. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut u l-operatur tal-farm għandhom iżommu l-informazzjoni, id-dokumentazzjoni u l-materjal kollha relatati mal-operazzjonijiet ta' tqegħid fil-gaġeġ imwettqa fil-farms tal-ħut taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha għal mill-inqas tliet snin, u jżommu l-informazzjoni sakemm tkun meħtieġa għal skopijiet ta' infurzar. Dan l-obbligu għandu japplika mutatis mutandis għall-operaturi tal-farms tal-ħut fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' tqegħid fil-gaġeġ imwettqa fil-farms tal-ħut tagħhom.

Artikolu 45c

Numru uniku ta' identifikazzjoni

1. Qabel il-bidu tal-kampanja tas-sajd għat-tonn, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tassenja numru uniku ta' identifikazzjoni ("numru tal-gaġġa") lil kull gaġġa assoċjata ma' farms tal-ħut taħt il-ġuriżdizzjoni tagħha, inkluż dawk il-gaġeġ użati għat-trasport tal-ħut lejn il-farm tal-ħut.

2. In-numri tal-gaġeġ għandhom jinħarġu f'konformità ma' sistema ta' numerazzjoni unika li tinkludi tal-inqas il-kodiċi alfa-3 li jikkorrispondi għall-Istat Membru tal-farm tal-ħut, segwit minn tliet numri. In-numri tal-gaġeġ għandhom ikunu permanenti u ma għandhomx ikunu trasferibbli minn gaġġa għal oħra.

3. In-numri tal-gaġeġ għandhom jiġu ttimbrati jew miżbugħin fuq żewġ naħat opposti taċ-ċirku tal-gaġġa u 'l fuq mil-linja tal-ilma, b'kulur li jikkuntrasta mal-isfond li fuqu huma miżbugħin jew ittimbrati, u għadhom ikunu viżibbli u leġibbli fi kwalunkwe ħin għal skopijiet ta' kontroll. L-għoli tal-ittri u n-numri għandu jkun mill-inqas 20 cm bi ħxuna tal-linja ta' mill-inqas 4 cm.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, għandhom ikunu permessi metodi alternattivi biex jiġi mmarkat in-numru tal-gaġġa fuq il-gaġġa, sakemm dawn joffru l-istess garanzija ta' viżibbiltà, leġġibilità u invjolabbiltà.

Artikolu 45d

Awtorizzazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ

1. Kull operazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ għandha tkun soġġetta għall-proċedura stipulata fil-paragrafi 2 sa 4.

2. L-operatur tal-farm tal-ħut għandu jitlob awtorizzazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ li għandha tinħareġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut. L-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-għadd u l-piż tal-individwi tat-tonn li għandhom jitqiegħdu fil-gaġeġ kif imsemmi fl-ITD;

(b) l-ITD rilevanti;

(c) l-għadd tal-eBCDs ikkonċernati, kif ikkonfermat u vvalidat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew tal-PKK tal-bandiera tal-qbid jew tat-tunnara;

(d) ir-rapporti kollha tal-ħut li jmutu waqt it-trasport, irreġistrati kif xieraq f'konformità mal-Anness XIII.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tinnotifika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-Istati Membri tal-bandiera tal-qbid jew tat-tunnara jew tal-PKK, u għandha titlob konferma li l-operazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ tista' tiġi awtorizzata.

4. Fi żmien tlett ijiem tax-xogħol, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-bandiera tal-qbid jew tat-tunnara għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut jew tal-PKK li l-operazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ ikkonċernata tista' tiġi awtorizzata jew għandha tiġi rrifjutata. Fil-każ ta' ċaħda, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tal-qbid jew tat-tunnara għandha tispeċifika r-raġunijiet għal dik iċ-ċaħda. Iċ-ċaħda għandha tinkludi l-ordni ta' rilaxx konsegwenti.

5. L-Istat Membru tal-farm għandu joħroġ l-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ immedjatament wara li jirċievi l-konferma mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew tal-PKK tal-bandiera tal-qbid jew tat-tunnara ikkonċernata. Fin-nuqqas ta' dik il-konferma, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut ma għandhiex tawtorizza l-operazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ.

6. L-operazzjonijiet tat-tqegħid fil-gaġeġ ma għandhomx ikunu awtorizzati jekk is-sett sħiħ ta' informazzjoni meħtieġ skont il-paragrafu 2 ma jakkumpanjax il-ħut soġġett għall-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ.

7. Sakemm joħorġu r-riżultati tal-investigazzjoni msemmija fl-Artikolu 44 imwettqa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew tal-PKK tal-bandiera tal-qbid jew tat-tunnara, l-operazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ ma għandhiex tkun awtorizzata u t-taqsimiet rilevanti dwar l-informazzjoni dwar il-qbid u l-informazzjoni dwar il-kummerċ għall-kummerċ ta' ħut ħaj tal-eBCD ma għandhomx jiġu vvalidati.

8. Jekk l-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ ma tkunx inħarġet mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew tal-PKK tal-farm tal-ħut fi żmien xahar wara t-talba mill-operatur tal-farm tal-ħut għall-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tordna u tipproċedi biex tirrilaxxa l-ħut kollu li jinsab fil-gaġġa tat-trasport ikkonċernata, f'konformità l-Anness XII. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tgħarraf minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew tal-PKK tal-bandiera tal-qbid jew tat-tunnara kkonċernata u lis-Segretarjat tal-ICCAT bir-rilaxx.";

(29) l-Artikolu 46 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 46*

Ċaħda ta' awtorizzazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru responsabbli għall-bastiment tal-qbid jew għat-tunnara għandha tirrifjuta li tapprova t-tqegħid fil-gaġeġ jekk tqis li:

(a) il-bastiment tal-qbid jew it-tunnara li qabdu l-ħut ma kellhomx kwota suffiċjenti biex ikopru t-tonn li kellu jitqiegħed fil-gaġeġ;

(b) il-kwantità ta' ħut li għandha titqiegħed fil-gaġeġ ma ġietx irrapportata kif suppost mill-bastiment tal-qbid jew mit-tunnara; jew

(c) il-bastiment tal-qbid jew it-tunnara li ġie ddikjarat li qabdu l-ħut ma għandhomx awtorizzazzjoni valida biex jistadu għat-tonn, maħruġa f'konformità mal-Artikolu 27 jew 28.

2. Jekk l-Istat Membru li jkun responsabbli għall-bastiment tal-qbid jew għat-tunnara jirrifjuta li japprova t-tqegħid fil-gaġeġ, huwa għandu:

(a) jgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew tal-PKK tal-farm tal-ħut; u

(b) jitlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew tal-PKK tal-farm tal-ħut biex tipproċedi bis-sekwestru tal-qabdiet u r-rilaxx tal-ħut fil-baħar.

Artikolu 46a

Tqegħid fil-gaġeġ

1. Mal-wasla tal-bastiment tal-irmunkar qrib il-farm tal-ħut, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tiżgura li dak il-bastiment tal-irmunkar jinżamm f'distanza minima ta' mil nawtiku minn kwalunkwe faċilità tal-farm tal-ħut sakemm l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut tkun fiżikament preżenti. Il-pożizzjoni u l-attività tal-bastiment tal-irmunkar għandhom jiġu mmonitorjati f'kull ħin.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut ma għandhiex tawtorizza il-bidu tat-tqegħid fil-gaġeġ mingħajr il-preżenza ta' dik l-awtorità u tal-osservatur reġjonali tal-ICCAT jew qabel ma jimtlew u jiġu vvalidati t-taqsimiet rilevanti dwar l-informazzjoni dwar il-qbid u l-informazzjoni dwar il-kummerċ għall-kummerċ ta' ħut ħaj tal-eBCD mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew tal-PKK tal-bandiera tal-qbid jew tat-tunnara.

3. L-ankraġġ tal-gaġeġ tat-trasport fil-farm tal-ħut bħala gaġeġ tal-farms tal-ħut, mingħajr rilokazzjoni tal-ħut biex tkun tista' tiġi rreġistrata kamera sterjoskopika għandu jkun ipprojbit.

4. Wara t-trasferiment tal-individwi tat-tonn mill-gaġġa tal-irmunkar għall-gaġġa tal-farm tal-ħut, l-awtorità ta' kontroll tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tiżgura li l-gaġeġ tal-farm tal-ħut li jkun fihom l-individwi tat-tonn jiġu ssiġillati l-ħin kollu. It-tneħħija tas-siġillar għandha tkun possibbli biss fil-preżenza tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut u wara l-awtorizzazzjoni tagħha. L-awtorità ta' kontroll tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tistabbilixxi protokolli għall-issiġillar tal-gaġeġ tal-farms tal-ħut, li għandhom jiżguraw l-użu ta' siġilli uffiċjali u li dawk is-siġilli jitqiegħdu b'tali mod li jipprevjenu l-ftuħ tal-bibien mingħajr ma jinkisru s-siġilli.

5. L-Istati Membri tal-farm tal-ħut għandhom jiżguraw li l-qabdiet tat-tonn jitqiegħdu f'gaġeġ jew f'sensiela ta' gaġeġ separati u mqassmin abbażi tal-Istat Membru jew il-PKK ta' oriġini u s-sena tal-qbid. Madankollu, jekk it-tonn ikun inqabad fil-kuntest ta' operazzjoni konġunta tas-sajd, il-qabdiet ikkonċernati għandhom jitqiegħdu f'gaġeġ separati jew f'sensiela ta' gaġeġ u jinqasmu abbażi tal-operazzjoni konġunta tas-sajd u s-sena tal-qbid.

6. Il-ħut għandu jitqiegħed fil-gaġeġ qabel it-22 ta' Awwissu ta' kull sena, sakemm l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru responsabbli għall-farm tal-ħut ma jipprovdux raġunijiet validi għal dan, inkluż forza maġġuri, li għandhom jingħataw mar-rapport dwar it-tqegħid fil-gaġeġ meta dan jitressaq. Fi kwalunkwe każ, il-ħut ma għandux jitqiegħed fil-gaġeġ wara s-7 ta' Settembru ta' kull sena. L-iskadenzi ta' hawn fuq ma japplikawx fil-każ ta' trasferimenti bejn il-farms tal-ħut.";

(30) l-Artikolu 47 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 47*

Dokumentazzjoni dwar il-qabdiet tat-tonn

Għandu jkun ipprojbit għall-Istati Membri tal-farms tal-ħut li jawtorizzaw il-gaġġa tat-tonn li ma tkunx akkumpanjata mid-dokumenti meħtieġa mill-ICCAT fil-qafas tal-programm ta' dokumentazzjoni tal-qbid tar-Regolament (UE) 2023/2833 (*). Id-dokumentazzjoni għandha tkun preċiża u kompluta, u għandha tiġi vvalidata mill-Istat Membru jew mill-PKK tal-bandiera tal-bastimenti tal-qbid jew tal-Istat Membru jew tal-PKK tat-tunnara tal-qbid.

(*) Ir-Regolament (UE) 2023/2833 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jistabbilixxi programm ta' dokumentazzjoni tal-qbid għat-tonn (Thunnus thynnus) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 640/2010 (ĠU L, 2023/2833, 20.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2833/oj).";

(31) l-Artikolu 48 jitħassar;

(32) l-Artikoli 49 sa 52 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"*Artikolu 49*

Reġistrazzjoni tal-operazzjonijiet ta' tqegħid fil-gaġeġ minn kameras tal-kontroll u dikjarazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ

1. L-Istati Membri tal-farms tal-ħut għandhom jiżguraw li l-operazzjonijiet tat-tqegħid fil-gaġeġ jiġu mmonitorjati mill-awtoritajiet ta' kontroll tagħhom bl-użu ta' kameras kemm konvenzjonali kif ukoll sterjoskopiċi. Għandhom isiru reġistrazzjonijiet bil-vidjokamera għal kull attività ta' tqegħid fil-gaġeġ f'konformità ma l-istandards minimi għall-proċeduri ta' reġistrazzjoni bil-vidjokamera stipulati fl-Anness X.

2. Jekk il-kwalità tar-reġistrazzjoni bil-vidjokamera ta' kontroll użata biex jiġu ddeterminati l-għadd u l-piż ta' individwi tat-tonn fil-gaġeġ ma tikkonformax mal-istandards minimi għall-proċeduri ta' reġistrazzjoni bil-vidjokamera stipulati fl-Anness X, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tordna kontroll tat-tqegħid fil-gaġeġ sakemm ikun possibbli li jiġu ddeterminati l-għadd u l-piż tal-individwi tat-tonn. Ir-ripetizzjoni tal-operazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ ma għandhiex tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni ġdida għat-tqegħid fil-gaġeġ.

3. F'każ ta' kontroll tat-tqegħid fil-gaġeġ, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tiżgura li l-gaġġa tal-farm tal-ħut donatur tkun issiġillata u li l-gaġġa ma tkunx tista' tiġi mmanipulata qabel l-operazzjoni l-ġdida tat-tqegħid fil-gaġeġ. Il-gaġeġ tar-farm tal-ħut riċevitur użati fil-gaġeġ ta' kontroll għandhom ikunu vojta.

4. Meta titlesta l-operazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tiżgura li l-osservatur reġjonali tal-ICCAT ikollu aċċess immedjat għar-reġistrazzjonijiet kollha bil-vidjokamera tal-kontroll u jitħalla jagħmel kopja biex ilesti l-kompitu tal-analiżi ta' dawk ir-reġistrazzjonijiet bil-vidjokamera f'ħin jew f'post ieħor.

5. L-Istati Membri tal-farm tal-ħut għandhom jiżguraw li, għal kull operazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ, l-operatur tal-farm tal-ħut jippreżenta dikjarazzjoni tal-ICCAT dwar it-tqegħid fil-gaġeġ fi żmien ġimgħa wara li tkun saret l-operazzjoni attwali tat-tqegħid fil-gaġeġ, billi juża l-mudell stipulat fl-Anness XIV.

Artikolu 50

Tnedija tal-investigazzjonijiet u twettiq tagħhom

1. Fejn, għal operazzjoni tal-qbid waħda, ikun hemm differenza ta' aktar minn 10 % bejn l-għadd ta' individwi tat-tonn li jkunu qed jitqiegħdu fil-gaġeġ kif ikkomunikat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut f'konformità mal-Artikolu 51(3), mill-għadd irrappurtat fl-eBCD jew fl-ITD bħala maqbuda u/jew trasferiti, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tal-qbid jew tat-tunnara għandha tniedi investigazzjoni biex tiddetermina l-piż preċiż tal-qbid li għandu jitnaqqas mill-kwota nazzjonali tat-tonn.

2. B'appoġġ għall-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tal-qbid jew tat-tunnara għandha titlob l-informazzjoni komplementari kollha u r-riżultati tal-analiżi rilevanti tar-reġistrazzjoni bil-vidjokamera mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera u tal-farm tal-ħut li kienu involuti fl-operazzjoni tat-trasport u tat-tqegħid fil-gaġeġ ikkonċernata.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, inkluż l-Istati Membri tal-bandiera tal-bastimenti li kienu involuti fit-trasport tal-ħut, għandhom jikkooperaw b'mod attiv, inkluż permezz tal-iskambju tal-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tagħhom.

4. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tal-qbid jew tat-tunnara għandha tikkonkludi l-investigazzjoni fi żmien xahar minn meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut tkun ikkomunikat ir-riżultati tat-tqegħid fil-gaġeġ.

5. Differenza akbar minn 10 % bejn l-għadd ta' individwi tat-tonn irrappurtati bħala maqbuda mill-bastiment jew mit-tunnara kkonċernati u l-għadd iddeterminat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tal-qbid jew tat-tunnara bħala riżultat tal-investigazzjoni għandha tikkostitwixxi nuqqas potenzjali ta' konformità tal-bastiment jew tat-tunnara kkonċernati.

6. Il-marġni ta' żball ta' 10 % imsemmi fil-paragrafi 1 u 5 għandu jingħata bħala perċentwal taċ-ċifri rrappurtati mill-kaptan tal-bastiment tas-sajd jew mir-rappreżentant tal-kaptan, jew mill-operatur tat-tunnara jew mir-rappreżentat tal-operatur tat-tunnara, u għandu jkun applikabbli fil-livell tal-operazzjoni individwali tat-tqegħid fil-gaġeġ.

7. L-Istat Membru tal-bandiera tal-qbid jew tat-tunnara għandu jiddetermina l-piż tat-tonn li għandu jitnaqqas mill-kwota nazzjonali tiegħu tat-tonn filwaqt li jqis il-kwantitajiet fil-gaġeġ, ikkalkulati f'konformità ma l-Anness XI, li jiżgura li l-piż fil-gaġeġ jiġi kkalkulat abbażi tar-relazzjoni bejn it-tul u l-piż għall-ħut selvaġġ, u l-mortalitajiet irrapportati, f'konformità mal-Anness XIII.

8. Madankollu, fejn l-investigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tikkonkludi li individwi tat-tonn jintilfu kif definit fl-Anness XIII, il-piż tal-ħut mitluf għandu jitnaqqas mill-kwota tal-Istat Membru f'konformità mal-Anness XIII, billi jiġi applikat il-piż individwali medju waqt it-tqegħid fil-gaġeġ ikkomunikat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut, għall-għadd ta' individwi tat-tonn fil-qabda kif determinat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera jew tat-tunnara li jirriżulta mill-analiżi tagħha tal-ewwel reġistrazzjoni bil-vidjokamera tat-trasferiment fil-kuntest tal-investigazzjoni.

9. Minkejja l-paragrafu 8, wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera involut fit-trasport tal-ħut lejn il-farm tal-ħut tad-destinazzjoni, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera jew tat-tunnara tista' tiddeċiedi li ma tnaqqasx mill-kwota tal-Istat Membru l-ħut iddeterminat fl-investigazzjoni bħala ħut mitluf, meta t-telf ġie ddokumentat kif suppost bħala "forza maġġuri" mill-operatur (jiġifieri, stampi tal-gaġġa bil-ħsara, rapporti meteoroloġiċi), l-informazzjoni rilevanti ġiet ikkomunikata lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-operatur immedjatament wara l-avveniment u t-telf ma rriżultax f'mortalitajiet magħrufa.

Artikolu 51

Miżuri u programmi biex jiġu ddeterminati l-għadd u l-piż tal-individwi tat-tonn li qed jitqiegħdu fil-gaġeġ

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tiddetermina l-għadd u l-piż tal-individwi tat-tonn li qed jitqiegħdu fil-gaġeġ, billi tanalizza r-reġistrazzjoni bil-vidjokamera ta' kull operazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ ipprovduti mill-operatur tal-farm tal-ħut. Biex iwettqu dik l-analiżi, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandhom isegwu l-proċeduri stipulati fl-Anness XI.

2. Meta jkun hemm differenza ta' aktar minn 10 % bejn l-għadd jew il-piż determinat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut u ċ-ċifri korrispondenti rrappurtati fid-dikjarazzjoni tal-ICCAT dwar it-tqegħid fil-gaġeġ, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tniedi investigazzjoni biex tidentifika r-raġunijiet għad-diskrepanza u, kif xieraq, taġġusta l-għadd u/jew il-piż tal-individwi tat-tonn li jkunu tqiegħdu fil-gaġeġ. Dak il-marġni ta' żball ta' 10 % għandu jiġi espress bħala perċentwal taċ-ċifri pprovduti mill-operatur tal-farm tal-ħut.

3. Wara li titlesta operazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ jew, fil-każ ta' operazzjoni konġunta tas-sajd jew ta' tunnari tal-istess Stat Membru, l-aħħar operazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ assoċjata ma' dik l-operazzjoni konġunta tas-sajd jew ma' dawk it-tunnari, l-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandu jikkomunika r-riżultati tal-programm sterjoskopiku msemmi fl-Anness XI lill-Istat Membru tal-bandiera tal-qbid jew tat-tunnara jew lill-PKK f'konformità mat-Taqsima B, il-punt 2, tal-Anness XI.

4. L-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandu wkoll jibgħat ir-riżultati tal-programm sterjoskopiku msemmi fil-paragrafu 3 lill-entità li tkun qed topera l-programm tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT f'isem l-ICCAT.

5. Il-programm sterjoskopiku imsemmi fil-paragrafu 3 għandu jitwettaq f'konformità mal-proċeduri stipulati fl-Anness XI. Jistgħu jintużaw metodi alternattivi biss jekk l-ICCAT tkun approvathom matul il-laqgħa annwali tagħha.

6. Kull Stat Membru tal-farm tal-ħut għandu jissottometti l-proċeduri u r-riżultati relatati mal-programm sterjoskopiku jew metodi alternattivi imsemmija fil-paragrafu 5 lill-Kummissjoni sat-30 ta' Settembru ta' kull sena sabiex jiġu trażmessi lill-SCRS sal-31 ta' Ottubru ta' kull sena.

7. It-tonn kollu li jmut waqt operazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ għandu jiġi rrappurtat mill-operatur tal-farm tal-ħut, f'konformità mal-Anness XIII.

8. L-Istat Membru tal-bandiera tal-qbid jew tat-tunnara għandu joħroġ ordni ta' rilaxx, f'konformità mal-proċeduri stipulati fl-Anness XII, għall-kwantitajiet imqegħdin fil-gaġeġ li jaqbżu l-kwantitajiet iddikjarati bħala maqbudin u ttrasferiti, jekk:

(a) l-investigazzjoni msemmija fl-Artikolu 50(1) ma tintemmx fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta jkunu ntbagħtu r-riżultati tal-programm sterjoskopiku, għal operazzjoni waħda ta' tqegħid fil-gaġeġ, jew għall-operazzjonijiet kollha ta' tqegħid fil-gaġeġ fil-każ ta' operazzjoni konġunta tas-sajd; jew

(b) l-eżitu tal-investigazzjoni msemmija fl-Artikolu 50(1) juri li l-għadd ta' tonn u/jew il-piż medju tiegħu huwa aktar minn dak iddikjarat bħala maqbud u ttrasferit.

L-ammont żejjed għandu jiġi rrilaxxat fil-preżenza tal-awtoritajiet ta' kontroll.

9. Ir-riżultati tal-programm sterjoskopiku għandhom jintużaw biex jiġi deċiż jekk hemmx bżonn isiru r-rilaxxi u d-dikjarazzjonijiet dwar it-tqegħid fil-gaġeġ u t-taqsimiet rilevanti tal-BCD għandhom jimtlew kif xieraq. Meta tkun inħarġet ordni ta' rilaxx, l-operatur tal-farm tal-ħut għandu jitlob li awtorità nazzjonali ta' kontroll u osservatur reġjonali tal-ICCAT jkunu preżenti biex jimmonitorjaw ir-rilaxx.

Artikolu 52

Rilaxx assoċjat ma' operazzjonijiet ta' tqegħid fil-gaġeġ

1. Id-determinazzjoni tal-ħut li jrid jiġi rilaxxat għandha ssir f'konformità mat-Taqsima B, il-punt 3, tal-Anness XI.

2. Jekk il-piż tat-tonn li jitqiegħed fil-gaġeġ jaqbeż dak li kien iddikjarat bħala maqbud u/jew trasferit, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tal-qbid jew tat-tunnara għandha toħroġ ordni ta' rilaxx u tibgħatha mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut ikkonċernat. L-ordni ta' rilaxx għandha tinħareġ f'konformità mat-Taqsima B, il-punt 3, tal-Anness XI, filwaqt li jitqies il-kumpens possibbli fil-livell tal-operazzjoni konġunta tas-sajd jew tat-tunnara, f'konformità mat-Taqsima B, il-punt 5, tal-Anness XI.

3. L-operazzjoni ta' rilaxx għandha titwettaq f'konformità mal-protokoll stipulat fl-Anness XII.";

(33) jitħassru l-Artikoli 53 sa 55;

(34) jiżdiedu t-taqsimiet li ġejjin:

"Taqsima 7a

Operazzjonijiet ta' Ħsad

Artikolu 56a

Ħsad

1. Bastimenti għall-ipproċessar li jkunu biħsiebhom joperaw f'farms tal-ħut jew f'tunnari għandhom jibagħtu notifika minn qabel lill-Istat Membru tal-farm tal-ħut jew tat-tunnari mill-inqas 48 siegħa qabel il-wasla tal-bastiment fiż-żona tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara. In-notifika minn qabel għandha tinkludi tal-inqas id-data u l-ħin stmat tal-wasla u informazzjoni dwar jekk il-bastiment għall-ipproċessar għandux tonn abbord, u, jekk iva, għandha tipprovdi dettalji dwar il-merkanzija, inkluż kwantitajiet f'piż ipproċessat u piż ħaj u d-dettalji tal-oriġini (farm tal-ħut jew tunnara u l-Istat Membru jew PKK) tat-tonn abbord.

2. Kwalunkwe operazzjoni ta' ħsad f'farms tal-ħut jew f'tunnari għandha tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni mill-Istat Membru tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara. Għal dak l-għan, l-operatur tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara li jkun biħsiebu jaħsad it-tonn għandu jippreżenta talba għall-awtorizzazzjoni lill-Istat Membru tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara tiegħu, kif applikabbli, li għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni li ġejja:

— id-data jew il-perjodu tal-ħsad,

— il-kwantitajiet stmati li għandhom jinħasdu f'għadd ta' individwi tat-tonn u f'kg,

— in-numru tal-eBCD assoċjat mal-individwi tat-tonn li jridu jinħasdu,

— id-dettalji tal-bastimenti awżiljarji involuti fl-operazzjoni, u

— id-destinazzjoni tat-tonn maħsud (bastiment għall-ipproċessar, esportazzjoni, suq lokali, eċċ.).

3. Ħlief għal individwi tat-tonn li jkunu waslu biex imutu, l-ebda operazzjoni ta' ħsad ma għandha tiġi awtorizzata qabel ma jkunu ġew iddeterminati r-riżultati tal-użu tal-kwota f'konformità mal-Artikolu 50(7) sa (9) u jkunu twettqu r-rilaxxi assoċjati.

4. L-operazzjonijiet ta' ħsad ma għandhomx iseħħu mingħajr il-preżenza ta' osservatur nazzjonali fil-każ tat-tunnari, jew osservatur reġjonali tal-ICCAT fil-każ ta' ħsad fil-farms tal-ħut. Għall-ħut ikkunsinnat lil bastimenti għall-ipproċessar, l-osservatur nazzjonali jew l-osservatur reġjonali tal-ICCAT jista' jwettaq il-kompiti rilevanti tiegħu mill-bastimenti għall-ipproċessar.

5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara għandhom jivverifikaw u jagħmlu kontroverifika tar-riżultati tal-operazzjonijiet kollha tal-ħsad li jsiru fil-farms tal-ħut u fit-tunnari fil-ġuriżdizzjoni tagħhom, billi jużaw l-informazzjoni rilevanti kollha fil-pussess tagħhom. L-awtoritajiet ta' kontroll kompetenti tal-Istati Membri tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara għandhom jispezzjonaw l-operazzjonijiet kollha tal-ħsad tat-tonn destinat għall-bastimenti għall-ipproċessar u perċentwal tal-bqija tal-operazzjonijiet tal-ħsad ibbażat fuq analiżi tar-riskju.

6. Meta d-destinazzjoni tat-tonn hija bastiment għall-ipproċessar, il-kaptan tal-bastiment għall-ipproċessar jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jimla dikjarazzjoni tal-ipproċessar. Meta t-tonn maħsud ikun ser jinħatt l-art direttament fil-port, l-operatur tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara għandu jimla dikjarazzjoni tal-ħsad. Id-dikjarazzjonijiet tal-ipproċessar u tal-ħsad għandhom jiġu vvalidati mill-osservatur nazzjonali jew l-osservatur reġjonali tal-ICCAT preżenti fl-operazzjoni tal-ħsad.

7. Id-dikjarazzjonijiet tal-ipproċessar u tal-ħsad għandhom jintbagħtu b'email lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-farm tal-ħut fi żmien 48 siegħa mill-operazzjoni tal-ħsad bl-użu tal-mudell stipulat fl-Anness XVb.

Taqsima 7b

Attivitajiet ta' kontroll fil-farms tal-ħut wara t-tqegħid fil-gaġeġ

Artikolu 56b

Trasferimenti ġewwa l-farm tal-ħut

1. It-trasferiment ġewwa l-farm tal-ħut ma għandux iseħħ mingħajr l-awtorizzazzjoni u l-preżenza tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut. Kull trasferiment għandu jiġi rreġistrat minn kameras ta' kontroll biex jiġi kkonfermat l-għadd ta' individwi tat-tonn trasferiti. Ir-reġistrazzjoni bil-vidjokamera għandha tkun konformi mal-istandards minimi għall-proċeduri tar-reġistrazzjoni bil-vidjokamera stipulati fl-Anness X. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha timmonitorja u tikkontrolla dawk it-trasferimenti u għandha tiżgura li kull trasferiment ġewwa l-farm tal-ħut jiġi rreġistrat fis-sistema tal-eBCD.

2. Minkejja d-definizzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ fl-Artikolu 5, il-punt 30, ir-rilokazzjoni tal-individwi tat-tonn bejn żewġ postijiet differenti fl-istess farm tal-ħut (trasferiment ġewwa l-farm tal-ħut) bl-użu ta' gaġġa tat-trasport, ma għandhiex titqies bħala tqegħid fil-gaġeġ għall-finijiet tat-Taqsima 7.

3. Waqt trasferimenti ġewwa l-farm tal-ħut, ir-raggruppament mill-ġdid ta' ħut tal-istess oriġini tal-bandiera u l-istess operazzjoni konġunta tas-sajd, jista' jiġi awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut, dment li jinżammu t-traċċabbiltà u l-applikabbiltà tar-rati ta' tkabbir tal-SCRS.

4. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut u l-operatur tal-farm tal-ħut għandhom iżommu r-reġistrazzjonijiet bil-vidjokamera minn trasferimenti ġewwa l-farm tal-ħut li jsiru fil-farms tal-ħut fil-ġuriżdizzjoni tagħha għal minimu ta' tliet snin u jżommu l-informazzjoni sakemm ikun meħtieġ għal finijiet ta' infurzar.

Artikolu 56c

Riport

1. Qabel il-bidu tal-istaġuni tas-sajd bit-tartarun tal-borża jew bit-tunnara li jkun imiss, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tivvaluta bir-reqqa t-tonn ħaj riportat fil-farms tal-ħut fil-ġuriżdizzjoni tagħha. Għal dak il-għan, it-tonn ħaj ikkonċernat għandu jiġi ttrasferit għal gaġeġ vojta u mmonitorjat permezz ta' kameras ta' kontroll, sabiex jiġu ddeterminati l-għadd u l-piż tal-individwi tat-tonn trasferit.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, ir-riport tat-tonn minn snin u gaġeġ fejn ma sar l-ebda ħsad għandu jiġi kkontrollat kull sena bl-applikazzjoni tal-proċedura ta' kontroll għal għarrieda stipulata fl-Artikolu 56e.

3. It-tonn ħaj li jkun ġie riportat għandu jitqiegħed f'gaġeġ separati jew f'sensiela ta' gaġeġ fil-farm tal-ħut u jitqassam abbażi tal-operazzjoni konġunta tas-sajd jew tal-istess Stat Membru tat-tunnara jew tal-PKK tal-oriġini u tas-sena tal-qbid.

4. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tiżgura li r-reġistrazzjoni bil-vidjokamera tal-kontroll mit-trasferimenti tal-valutazzjoni tar-riporti tkun konformi mal-istandards minimi rilevanti għall-proċeduri ta' reġistrazzjoni bil-vidjokamera stipulati fl-Anness X u li d-determinazzjoni tal-għadd u l-piż tal-individwi tat-tonn riportati tkun f'konformità mat-Taqsima A tal-Anness XI.

5. Sakemm l-SCRS jiżviluppa algoritmu biex jikkonverti t-tul f'piż għal ħut imsemmen jew imrobbi, jew it-tnejn, id-determinazzjoni tal-piż tal-individwi tal-ħut riportati għandha ssir bl-użu tat-tabelli tar-rati tat-tkabbir l-aktar aġġornati prodotti mill-SCRS.

6. Differenza fl-għadd ta' individwi tat-tonn bejn l-għadd li jirriżulta mill-valutazzjoni tar-riporti u l-għadd mistenni wara l-ħsad għandha tiġi investigata kif suppost mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut u rreġistrata fis-sistema tal-eBCD. Fil-każ ta' għadd żejjed, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tordna r-rilaxx tal-għadd korrispondenti ta' individwi tat-tonn. L-operazzjoni ta' rilaxx għandha titwettaq f'konformità mal-Anness XII. Ma għandux ikun permess kumpens għad-differenzi bejn gaġeġ differenti fil-farm tal-ħut. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut tista' tippermetti marġni ta' żball sa mhux iktar minn 5 % bejn l-għadd ta' individwi tat-tonn li jirriżulta mill-valutazzjoni tar-riport u l-għadd ta' individwi mistennija li jkunu preżenti fil-gaġġa.

7. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut u l-operatur tal-farm tal-ħut għandhom iżommu r-reġistrazzjoni bil-vidjokamera u d-dokumentazzjoni kollha rilevanti minn valutazzjonijiet tar-riporti mwettqa ġewwa l-farms tal-ħut fil-ġuriżdizzjoni tagħha għal minimu ta' tliet snin u għandhom iżommu l-informazzjoni sakemm ikun meħtieġ għal finijiet ta' infurzar.

Artikolu 56d

Dikjarazzjoni ta' riport annwali

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-farm tal-ħut għandhom jimlew u jibagħtu, mehmuża mal-pjan rivedut għall-ġestjoni tat-trobbija tal-ħut, dikjarazzjoni ta' riport annwali lill-Kummissjoni fi żmien 10 ijiem wara t-tmiem tal-valutazzjoni tar-riport. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi tal-inqas din l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-Istat Membru tal-bandiera;

(b) l-isem u n-numru tal-ICCAT tal-farm tal-ħut;

(c) is-sena tal-qbid;

(d) ir-referenzi tal-BCD li jikkorrispondu għall-qbid riportat;

(e) in-numri tal-gaġeġ;

(f) il-kwantitajiet (espressi f'kg) u l-għadd ta' individwi tat-tonn riportati;

(g) il-piż medju;

(h) informazzjoni dwar kull waħda mill-operazzjonijiet ta' valutazzjoni tar-riport: data u numri tal-gaġeġ; u

(i) informazzjoni dwar trasferimenti preċedenti ġewwa l-farms tal-ħut, fejn applikabbli.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat id-dikjarazzjoni ta' riport annwali lis-Segretarjat tal-ICCAT fi żmien 15-il jum wara t-tmiem tal-operazzjoni ta' valutazzjoni tar-riport.

2. Ir-rapport tas-sistema sterjoskopika, fejn applikabbli, għandu jiġi mehmuż mad-dikjarazzjoni tar-riport annwali.

Artikolu 56e

Kontrolli għal għarrieda

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha twettaq kontrolli għal għarrieda fil-farms tal-ħut fil-ġuriżdizzjoni tagħha. Il-kontrolli għal għarrieda minimi msemmija fil-paragrafu 2 għandhom isiru fil-farms tal-ħut bejn il-ħin tat-tlestija tal-operazzjonijiet tat-tqegħid fil-gaġeġ u l-ewwel tqegħid fil-gaġeġ tas-sena ta' wara. Tali kontrolli għandhom jinvolvu t-trasferimenti obbligatorji tal-individwi tat-tonn kollha minn gaġeġ tal-farm tal-ħut għal gaġeġ oħra tal-farm tal-ħut sabiex l-għadd ta' individwi tat-tonn ikun jista' jingħadd permezz ta' reġistrazzjonijiet bil-vidjokameras tal-kontroll.

2. Kull Stat Membru tal-farm tal-ħut għandu jistabbilixxi għadd minimu ta' kontrolli għal għarrieda li għandhom jitwettqu f'kull farm tal-ħut fil-ġuriżdizzjoni tiegħu. L-għadd ta' kontrolli għal għarrieda għandu jkopri tal-inqas 10 % tal-għadd ta' gaġeġ f'kull farm tal-ħut wara t-tlestija tal-operazzjonijiet tat-tqegħid fil-gaġeġ, b'tal-inqas kontroll wieħed għal kull farm tal-ħut u ttondjat 'il fuq fejn meħtieġ. L-għażla tal-gaġeġ li jridu jiġu kkontrollati għandha tkun ibbażata fuq analiżi tar-riskju. L-ippjanar għal kontrolli għal għarrieda li għandhom jitwettqu għandu jkun rifless fil-pjan ta' monitoraġġ, kontroll u spezzjoni tal-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 14.

3. Għalkemm mhux obbligatorju, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut tista' tagħti lill-farms tal-ħut ikkonċernati avviż ta' massimu ta' jumejn kalendarji minn qabel li ser isir kontroll għal għarrieda. F'każijiet bħal dawn, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tikkomunika biss il-gaġeġ magħżula lill-operatur tal-farm tal-ħut mal-wasla fil-farm tal-ħut ikkonċernat.

4. L-operaturi tal-farms tal-ħut għandhom jieħdu l-passi kollha xierqa biex jiffaċilitaw il-kontrolli għal għarrieda u, fejn jingħata avviż minn qabel, għandhom jiżguraw li jkun hemm il-mezzi kollha sabiex il-kontrolli għal għarrieda jkunu jistgħu jitwettqu mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut fi kwalunkwe ħin, u fi kwalunkwe gaġġa fil-farm tal-ħut.

5. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tagħmel ħilitha biex tnaqqas iż-żmien bejn l-ordni tal-kontrolli għal għarrieda u d-data meta jitwettqu l-operazzjonijiet ta' kontroll. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tiżgura li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġi żgurat li l-operatur tal-farm tal-ħut ma jkollux il-possibbiltà li jimmanipula l-gaġeġ ikkonċernati qabel isir il-kontroll għal għarrieda.

6. Wara l-kontroll għal għarrieda, kwalunkwe differenza bejn l-għadd ta' individwi ta' tonn determinat mill-kontrolli għal għarrieda u l-għadd mistenni li jkun preżenti fil-gaġġa għandha tiġi investigata u rreġistrata kif suppost fis-sistema tal-eBCD. Fil-każ ta' għadd żejjed, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tordna r-rilaxx tal-għadd korrispondenti ta' individwi tat-tonn. L-operazzjoni ta' rilaxx għandha titwettaq f'konformità mal-Anness XII. Ma għandux ikun permess kumpens għad-differenzi bejn gaġeġ differenti fil-farm tal-ħut. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut tista' tippermetti marġni ta' żball ta' 5 % bejn l-għadd ta' individwi tat-tonn li jirriżulta mill-valutazzjoni tar-riport u l-għadd ta' individwi mistennija li jkunu preżenti fil-gaġġa.

7. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha żżomm ir-reġistrazzjonijiet kollha bil-vidjokamera mill-kontrolli għal għarrieda mwettqa ġewwa l-farms tal-ħut fil-ġuriżdizzjoni tagħha għal minimu ta' tliet snin u għandha żżomm l-informazzjoni sakemm ikun meħtieġ għal finijiet ta' infurzar.

8. Ir-riżultati tal-kontrolli għal għarrieda għandhom jiġu kkomunikati mill-Kummissjoni lis-Segretarjat tal-ICCAT qabel il-bidu tal-istaġun ġdid tas-sajd bit-tartarun tal-borża applikabbli għal kull Stat Membru f'konformità mal-Artikolu 17, għat-trażmissjoni lill-Kumitat ta' Konformità tal-ICCAT.

Artikolu 56f

Trasferimenti bejn il-farms tal-ħut

1. It-trasferiment ta' individwi tat-tonn ħaj bejn żewġ farms tal-ħut differenti ma għandux iseħħ mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel bil-miktub tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut ikkonċernat.

2. It-trasferiment mill-gaġġa tal-farm tal-ħut donatur għall-gaġġa tat-trasport għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 6 inkluż reġistrazzjoni bil-vidjokamera biex tikkonferma l-għadd ta' individwi tat-tonn trasferiti, it-tlestija tal-ITD u l-verifika tal-operazzjoni minn osservatur reġjonali tal-ICCAT.

3. Minkejja l-paragrafu 2, f'każijiet fejn gaġġa tal-farm tal-ħut għandha tiġi ttrasportata kollha kemm hi lejn il-farm tal-ħut tad-destinazzjoni, ma għandux ikun meħtieġ li l-operazzjoni tiġi rreġistrata bil-vidjokamera u l-gaġġa għandha tiġi ttrasportata ssiġillata lejn il-farm tal-ħut tad-destinazzjoni.

4. It-tqegħid fil-gaġeġ tat-tonn fil-farm tal-ħut tad-destinazzjoni għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti għall-operazzjonijiet ta' tqegħid fil-gaġeġ stipulati fl-Artikoli 46a u 49 u l-Artikolu 51(1), (2) u (7), inkluż reġistrazzjonibil-vidjokamera biex tikkonferma l-għadd u l-piż tal-individwi tat-tonn fil-gaġeġ u l-verifika tal-operazzjoni minn osservatur reġjonali tal-ICCAT. Id-determinazzjoni tal-piż għall-individwi tat-tonn li jitqiegħed fil-gaġeġ minn farm tal-ħut ieħor ma għandhiex tapplika sakemm l-SCRS ikun żviluppa algoritmu biex jikkonverti t-tul f'piż għal ħut imsemmen jew imrobbi jew it-tnejn.";

(35) l-Artikolu 57 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. B'deroga mill-Artikolu 9(5) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, l-Istati Membri tal-bandiera għandhom jimplimentaw VMS għall-bastimenti tas-sajd kollha tagħhom li jkollhom tul totali ta' 12-il metru jew iktar u għall-bastimenti tal-irmunkar kollha tagħhom, irrispettivament mit-tul tagħhom, u f'konformità mal-Anness XV ta' dan ir-Regolament. Tali bastimenti kollha għandhom jittrażmettu messaġġi tal-inqas darba kull sagħtejn, ħlief għal bastimenti tal-irmunkar u bastimenti tat-tartarun tal-borża li għandhom jittrażmettu tal-inqas kull siegħa.

2. Il-bastimenti tas-sajd meħtieġa li jkollhom VMS f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jibdew jibagħtu d-data tal-VMS lis-Segretarjat tal-ICCAT tal-inqas ħamest ijiem qabel il-perjodu tal-awtorizzazzjoni tagħhom u għandhom ikomplu jagħmlu dan għal tal-inqas ħamest ijiem wara l-perjodu tal-awtorizzazzjoni tagħhom, sakemm ma tintbagħatx talba minn qabel lill-Kummissjoni biex il-bastiment jitneħħa mir-reġistru tal-bastimenti tal-ICCAT.";

(b) il-paragrafu 5 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) li l-messaġġi tal-VMS mill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom jintbagħtu lill-Kummissjoni kif stipulat fil-paragrafu 1.";

(ii) jiddaħħal il-punt li ġej:

"(ba) Fil-każ ta' ħsara teknika tal-VMS, il-bastiment tal-irmunkar ikkonċernat għandu jiġi sostitwit b'bastiment tal-irmunkar ieħor b'VMS li jaħdem kompletament; jekk l-ebda bastiment tal-irmunkar ieħor ma jkun disponibbli, VMS operattiva ġdida għandha tiġi installata abbord jew tintuża jekk tkun diġà installata, malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn 72 siegħa, ħlief f'każ ta' forza maġġuri, li għandu jiġi kkomunikat lis-Segretarjat tal-ICCAT; sadanittant, il-kaptan jew ir-rappreżentant tal-kaptan għandu, mill-ħin li fih l-avveniment ġie skopert u/jew komunikat, jikkomunika lill-awtoritajiet ta' kontroll tal-Istat Membru tal-bandiera kull siegħa l-koordinati ġeografiċi aġġornati tal-bastiment tal-irmunkar bil-mezzi ta' telekomunikazzjoni xierqa.";

(36) fl-Artikolu 59, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**Spezzjonijiet fil-każ ta' suspett ta' ksur**";

(37) L-Artikolu 61 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 61*

Infurzar

Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 89 sa 91 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009 u b'mod partikulari, għad-dmir tal-Istati Membri li jieħdu l-miżuri xierqa ta' infurzar b'rabta ma' bastiment tas-sajd, l-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandu jieħu l-miżura xierqa ta' infurzar b'rabta ma' farm tal-ħut, fejn ikun ġie stabbilit, f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli li l-farm tal-ħut ma jkunx konformi ma l-Artikoli 45b sa 52 ta' dan ir-Regolament. Il-miżuri jistgħu jinkludu, skont il-gravità tar-reat u f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli, is-sospensjoni tal-awtorizzazzjoni jew it-tneħħija tal-farm tal-ħut mil-lista nazzjonali tal-farms tal-ħut u/jew l-impożizzjoni ta' pieni finanzjarji.";

(38) fl-Artikolu 66, il-paragrafu 1 huwa emendat b'dan li ġej:

(a) il-punti (a) sa (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) ir-riport annwali skont l-Artikolu 8 għat-tonn;

(b) l-iskadenzi għar-rappurtar tal-informazzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 15(7), fl-Artikolu 16(1), fl-Artikolu 24(4), fl-Artikolu 26(1), fl-Artikolu 29(1), fl-Artikolu 32(2) u (3), fl-Artikolu 35(5) u (6), fl-Artikolu 36, fl-Artikolu 41(3), fl-Artikolu 44(2), fl-Artikolu 50(4), fl-Artikolu 57(5), il-punt (b), u fl-Artikolu 58(6);

(c) il-perjodi taż-żmien għall-istaġuni tas-sajd kif previst fl-Artikolu 17(1) sa (4);";

(b) il-punt (k) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(k) l-Annessi I sa XVb;";

(c) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(l) il-kontenut tad-dikjarazzjoni tar-riporti stabbilita fl-Artikolu 7(2), il-punt (a), u d-dispożizzjonijiet għat-tqegħid fil-gaġeġ stabbiliti fl-Artikolu 7(2), il-punt (b);

(m) id-derogi stipulati fl-Artikolu 17(2) biex jiġu dežinjati żoni tas-sajd, bastimenti tas-sajd u rkaptu, u fl-Artikolu 17(3) għas-sajd tat-tonn għal skopijiet ta' trobbija;

(n) il-kundizzjonijiet biex jiġu assenjati l-osservaturi reġjonali tal-ICCAT lill-farms tal-ħut taħt l-Artikolu 39(4).";

(39) l-Anness VIII huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament;

(40) l-Anness XIII huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness V ta' dan ir-Regolament;

(41) it-test li jidher fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament jiddaħħal bħala Annessi XVa u XVb.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu, it-13 ta' Marzu 2024.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
R. METSOLA	H. LAHBIB

ANNESS I

"ANNESS I

Speċi tal-ICCAT

Familja	Isem bil-Latin	Isem bil-Malti
Scombridae	*Acanthocybium solandri*	Pizzintun tal-istrixxi
	Allothunnus fallai	Tonn irqiq
	Auxis rochei	Żgamirru
	Auxis thazard	Tumbrell
	Euthynnus alletteratus	Kubrita
	Gasterochisma melampus	Tonn farfett
	Katsuwonus pelamis	Palamit
	Orcynopsis unicolor	Plamtu bla rigi
	Sarda sarda	Plamtu
	Scomberomorus brasiliensis	Pizzintun tal-Brażil
	Scomberomorus cavalla	Kavall sultan
	Scomberomorus maculatus	Pizzintun tat-tbajja'
	Scomberomorus regalis	Pizzintun irjali tal-Atlantiku
	Scomberomorus tritor	Pizzintun tal-Punent tal-Afrika
	Thunnus alalunga	Alonga
	Thunnus albacares	Tonna safra
	Thunnus atlanticus	Tonna sewda
	Thunnus maccoyii	Tonna tan-Nofsinhar
	Thunnus obesus	Tonn obeż
	Thunnus thynnus	Tonna
Istiophoridae	*Istiophorus albicans*	Pixxivela tal-Atlantiku
	Makaira indica	Marlin iswed
	Makaira nigricans	Marlin blu
	Tetrapturus albidus	Marlin abjad
	Tetrapturus belone	Pastardella
	Tetrapturus georgii	Pastardella imperjali
	Tetrapturus pfluegeri	Pastardella munqarha twil
Xiphiidae	*Xiphias gladius*	Pixxispad
Alopiidae	*Alopias superciliosus*	Pixxivolpi għajnu kbira
	Alopias vulpinus	Pixxivolpi

Familja	Isem bil-Latin	Isem bil-Malti
Carcharhinidae	*Carcharhinus falciformis*	Kelb il-baħar ħariri
	Carcharhinus galapagensis	Kelb il-baħar tal-Galapagos
	Carcharhinus longimanus	Kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku
	Prionace glauca	Ħuta kaħla
Lamnidae	*Carcharodon carcharias*	Kelb abjad
	Isurus oxyrinchus	Pixxitondu
	Isurus paucus	Pixxitondu tal-pinna twila
	Lamna nasus	Pixxiplamtu
Sphyrnidae	*Sphyrna lewini*	Kurazza rara
	Sphyrna mokarran	Kurazza kbira
	Sphyrna zygaena	Kurazza komuni
Rhincodontidae	*Rhincodon typus*	Kelb balena
Pseudocarchariidae	*Pseudocarcharias kamoharai*	Kelb kukkudrill
Cetorhinidae	*Cetorhinus maximus*	Gabdoll
Dasyatidae	*Pteroplatytrygon violacea*	Boll vjola
Mobulidae	*Manta alfredi*	Mhux Applikabbli ([1])
	Manta birostris	Manta ġiganta
	Mobula hypostoma	Mobula minuri
	Mobula japonica	Mhux Applikabbli ([1])
	Mobula mobular	Baqra
	Mobula tarapacana	Mobula taċ-Ċilì
	Mobula thurstoni	Mobula denbha lixx

([1]) Isem komuni mhux disponibbli.”.

ANNESS II

"ANNESS VI

Prattiki ta' trattament u rilaxx sikuri għall-fkieren tal-baħar

A. Trattament u rilaxx sikuri mit-tartarun tal-borża

1. Kull meta fekruna tal-baħar tidher fix-xibka, għandhom isiru l-isforzi raġonevoli kollha biex il-fekruna tal-baħar tiġi salvata qabel ma titħabbel fix-xibka.

2. Fekruna tal-baħar qatt ma għandha tittella' minn ġol-ilma billi tinġibed il-lenza tas-sajd li tkun imqabbda magħha jew imħabbla fiha.

3. F'każ li fekruna tal-baħar titħabbel waqt it-tkebbib tax-xibka, it-tkebbib tax-xibka għandu jitwaqqaf malli l-fekruna toħroġ mill-ilma; il-fekruna għandha tinħall mingħajr ma titweġġa' qabel ma terġa' tibda titkebbeb ix-xibka.

4. F'każ li, minkejja l-miżuri meħuda, fekruna tal-baħar tittella' aċċidentalment abbord il-bastiment u tkun ħajja u attiva, jew mejta, il-fekruna tal-baħar għandha tiġi rilaxxata malajr kemm jista' jkun.

5. Jekk fekruna tal-baħar tittella' abbord il-bastiment u tkun f'koma jew inattiva, għandha tiġi ppruvata r-risuxxitazzjoni f'konformità mat-Taqsima C.

B. Trattament u rilaxx sikuri mill-konz

1. Meta jkun prattikabbli, u jekk l-operatur jew il-membri tal-ekwipaġġ abbord ikunu mħarrġa b'mod xieraq, fkieren tal-baħar f'koma għandhom jittellgħu abbord immedjatament.

2. Malli tintlemaħ fekruna tal-baħar, il-veloċità tal-bastiment u tar-rukkell tal-lenza għandha titnaqqas u d-direzzjoni tal-bastiment tiġi aġġustata biex timxi lejn il-fekruna tal-baħar, filwaqt li titnaqqas it-tensjoni fuq il-lenza.

3. Fekruna tal-baħar qatt ma għandha tittella' minn ġol-ilma billi tinġibed il-lenza tas-sajd li tkun imqabbda magħha jew imħabbla fiha.

4. Jekk fekruna tal-baħar tkun kbira wisq jew iggančjata b'tali mod li tipprekludi t-tlugħ sikur mingħajr ma tikkawża aktar ħsara jew korriment lill-fekruna tal-baħar, għandhom jintużaw taljalenez biex jaqtgħu l-lenza u jitneħħew kemm jista' jkun lenez qabel tinħeles il-fekruna tal-baħar.

5. Jekk fekruna tal-baħar tiġi osservata li tkun inqabdet b'sunnara jew tħabblet ma' rkaptu tal-konz waqt l-operazzjonijiet tal-ġbid, l-operatur tal-bastiment għandu jieqaf immedjatament mill-operazzjonijiet tal-ġbid sakemm il-fekruna tal-baħar titneħħa mill-irkaptu tal-konz jew tittella' abbord il-bastiment.

6. Jekk fekruna tal-baħar tinqabad b'sunnara esternament jew is-sunnara tkun kompletament viżibbli, is-sunnara għandha titneħħa mill-fekruna tal-baħar malajr u bir-reqqa kemm jista' jkun. Jekk sunnara ma tkunx tista' titneħħa mill-fekruna tal-baħar (eż. tkun inbelgħet jew qiegħda fis-saqaf tal-ħalq), il-lenza għandha tinqata' kemm jista' jkun qrib is-sunnara.

7. Fkieren tal-baħar ħajjin għandhom jiġu rilaxxati lura l-baħar wara li jiġu ttrattati bil-mod li ġej:

   (a) il-magna tal-bastiment titqiegħed f'ingranaġġ newtrali sabiex l-iskrun ikun diżingaġġat u l-bastiment jitwaqqaf, u l-fekruna tal-baħar tiġi rilaxxata 'l hinn mill-irkaptu li qed jintuża; u

   (b) jiġi osservat li l-fekruna tal-baħar tinsab f'distanza sikura 'l hinn mill-bastiment qabel ma jitqabbad l-iskrun u jitkomplew l-operazzjonijiet.

8. Jekk il-fekruna tal-baħar mtella' abbord il-bastiment tkun f'koma jew inattiva, għandha tiġi ppruvata r-risuxxitazzjoni f'konformità mat-Taqsima C.

C. Risuxxitazzjoni għal fekruna tal-baħar abbord

1. Meta tiġi ttrattata fekruna tal-baħar, għandhom isiru tentattivi biex l-annimal jinżamm mill-qoxra, filwaqt li jiġi evitat ir-reġjun tar-ras u l-għonq, u l-flippers.

2. Għandu jkun hemm insistenza biex jitneħħa jew jinħa;ll kwalunkwe oġġett barrani mill-fekruna tal-baħar, bħal kwalunkwe oġġetti tal-plastik, xibka, jew snanar imqabbdin, eċċ.

3. Il-fekruna tal-baħar għandha titqiegħed fuq il-qoxra tal-qiegħ tagħha (plastron) sabiex il-fekruna tal-baħar tkun dritta ‘l fuq, iżolata b’mod sikur u mmobilizzata fuq wiċċ artab, bħal tajer tal-karozzi mingħajr rimm, kuxxin tad-dgħajsa jew ħabel imkebbeb. L-iskop primarju tal-wiċċ artab huwa li jgħolli l-fekruna tal-baħar mill-gverta biex jgħin fit-trażżin tagħha. Għolli s-saqajn ta’ wara tagħha mill-inqas 6 pulzieri (15-il cm) għal perjodu ta’ 4 sa 24 siegħa. Il-grad tal-elevazzjoni jiddependi fuq id-daqs tal-fekruna; elevazzjonijiet ogħla huma meħtieġa għal fkieren tal-baħar akbar. Perjodikament, bandal il-fekruna tal-baħar bil-mod mix-xellug għal-lemin u mil-lemin għax-xellug billi żżomm it-tarf ta’ barra tal-qoxra (karapaċa) u erfa’ naħa waħda madwar 3 pulzieri (8 cm) imbagħad alterna lin-naħa l-oħra. Miss l-għajn bil-mod u oqros id-denb (test tar-rifless) perjodikament biex tara jekk hemmx rispons.

4. Il-fkieren tal-baħar li jkunu qed jiġu risuxxitati għandhom jitqiegħdu fid-dell u jinżammu niedja jew umdużi iżda taħt l-ebda ċirkostanza ma għandhom jitqiegħdu f’kontenitur li fih l-ilma. Xugaman imxarrab bl-ilma mqiegħed fuq ir-ras, il-karapaċa u l-flippers huwa l-aktar metodu effettiv biex iżżomm fekruna tal-baħar niedja.

5. Fkieren tal-baħar li jerġgħu jieħdu l-ħajja u jsiru attivi għandhom jiġu rilaxxati minn fuq il-poppa tad-dgħajsa biss meta l-irkaptu tas-sajd ma jkunx qed jintuża (jiġifieri ma jkunx qed jiġi ssettjat jew miġbud b’mod attiv), meta l-ingranaġġ tal-magna jkun f’pożizzjoni newtrali, u f’żoni fejn mhux probabbli li jerġgħu jinqabdu jew isofru korriment minn bastimenti.

6. Il-fkieren tal-baħar li jonqsu milli jirrispondu għat-test tar-rifless jew jonqsu milli jiċċaqilqu fi żmien 4 sigħat (sa 24 siegħa, jekk possibbli) għandhom jiġu ritornati fl-ilma bl-istess mod bħal dak għall-fkieren tal-baħar li jiċċaqilqu b’mod attiv.”.

ANNESS III

"ANNESS IX

Standards minimi għal trattament sikur u proċeduri ta' rilaxx ħaj għall-pixxitondu tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku

Dan l-Anness jistabbilixxi standards minimi għal prattiki ta' trattament sikur għall-pixxitondu tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar tal-Atlantiku, u jinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi kemm għas-sajd bil-konz kif ukoll għas-sajd bil-tartarun tal-borża.

Dawn l-istandards minimi huma xierqa għal pixxitondu ħaj meta jiġi rilaxxat, sew jekk taħt politiki ta' ebda żamma kif ukoll jekk volontarjament. Dawn l-istandards minimi ma jissostitwixxu l-ebda regola tas-sikurezza aktar stretta li setgħet ġiet stabbilita skont il-liġi nazzjonali.

1. Is-sikurezza l-ewwel: Dawn l-istandards minimi għandhom jitqiesu fid-dawl tas-sikurezza u l-prattikabbiltà għall-membri tal-ekwipaġġ. Is-sikurezza tal-membri tal-ekwipaġġ għandha dejjem tiġi l-ewwel. Bħala minimu, il-membri tal-ekwipaġġ għandhom jilbsu ingwanti xierqa u jevitaw li jaħdmu viċin il-ħalq tal-klieb il-baħar.

2. Taħriġ: Il-materjali tat-taħriġ huma disponibbli għall-Istati Membri fit-tliet lingwi uffiċjali tal-ICCAT.

3. Metodu ta' rilaxx: Sa fejn ikun prattikabbli, il-klieb il-baħar kollha li jkunu qed jiġu rilaxxati għandhom jibqgħu fl-ilma l-ħin kollu sakemm ma jkunx meħtieġ li jittellgħu klieb il-baħar għall-identifikazzjoni tal-ispeċi. Dan jinkludi l-qtugħ tal-lenza biex jinħeles il-kelb il-baħar waqt li jkun għadu fl-ilma, bl-użu ta' taljaturi tal-bolts jew żganċaturi biex ineħħu s-sunnara jekk possibbli, jew jaqtgħu l-lenza kemm jista' jkun qrib is-sunnara (titħalla l-inqas lenza mdendla kemm jista' jkun possibbli).

4. Kun ippreparat: L-għodod għandhom jiġu ppreparati minn qabel (eż. bragi tal-kanvas jew tax-xibka, streċers għall-ġarr jew l-irfigħ, xibka jew grilja b'malji kbar biex tkopri bokkaporti jew hoppers fis-sajd bit-tartarun tal-borża u tagħmir tal-qtugħ bil-manek twal u żganċaturi fis-sajd bil-konz, elenkati taħt it-Taqsima E).

A. Rakkomandazzjonijiet ġenerali għas-sajd kollu

1. Jekk dan jista' jsir bla periklu operazzjonali, waqqaf il-bastiment jew naqqas sostanzjalment il-veloċità tiegħu.

2. Meta l-kelb il-baħar jitħabbel (fi xbieki, lenza tas-sajd, eċċ.), jekk ikun sikur li tagħmel dan, aqta' b'attenzjoni x-xibka jew il-lenza biex jinħeles il-kelb il-baħar u jiġi rilaxxat fil-baħar malajr kemm jista' jkun mingħajr l-ebda tħabbil imwaħħal miegħu.

3. Fejn ikun fattibbli, u filwaqt li żżomm il-kelb il-baħar fl-ilma, ipprova kejjel it-tul tal-kelb il-baħar.

4. Biex tevita l-gdim, poġġi oġġett, bħal ħuta jew lasta kbira jew arblu tal-injam, f'ħalqu.

5. Jekk, għal kwalunkwe raġuni, kelb il-baħar irid jinġieb fuq il-gverta, imminimizza allura l-ħin li tieħu biex terġa' titfgħu lura fl-ilma biex iżżid iċ-ċans tas-sopravivenza tiegħu u jitnaqqsu r-riskji għall-membri tal-ekwipaġġ.

B. Prattiki speċifiċi ta' trattament sikur għas-sajd bil-konz

1. Ġib il-kelb il-baħar kemm jista' jkun qrib il-bastiment mingħajr ma tpoġġi tensjoni żejda fuq il-brazzol biex tevita l-possibbiltà li ganċ rilaxxat jew il-qtugħ ta' brazzol ikunu jistgħu jisparaw ganċ, piżijiet u partijiet oħra lejn il-bastimenti u l-membri tal-ekwipaġġ b'veloċità kbira.

2. Orbot l-aktar naħa l-bogħod tal-konz prinċipali mad-dgħajsa biex kwalunkwe rkaptu li jkun fadal fl-ilma jiġbed il-lenza u l-kelb il-baħar.

3. Jekk iggankjat, u s-sunnara tkun viżibbli fil-ġisem jew fil-ħalq, uża żganċatur jew taljatur tal-boltijiet b'manku twil biex tneħħi l-ponta mgħawġa lura tas-sunnara, u mbagħad neħħi s-sunnara.

4. Jekk ma jkunx possibbli li tneħħi s-sunnara jew is-sunnara ma tkunx jidher, aqta' l-lenza tat-traċċa (jew brazzol, gwida) kemm jista' jkun viċin is-sunnara (idealment tħalli l-inqas materjal ta' lenza u/jew gwida kemm jista' jkun u mingħajr piżijiet imwaħħla mal-kelb il-baħar).

C. Prattiki speċifiċi ta' trattament sikur għas-sajd bit-tartarun tal-borża

1. Jekk fit-tartarun tal-borża: Skennja x-xibka kemm jista' jkun 'il quddiem biex tara kwalunkwe kelb il-baħar kmieni sabiex tkun tista' tirreaġixxi malajr. Evita li terfa' l-klieb il-baħar fix-xibka lejn it-tarjola motorizzata. Naqqas il-veloċità tal-bastiment biex tnaqqas it-tensjoni tax-xibka u ħalli l-kelb il-baħar imħabbel jitneħħa mix-xibka. Jekk meħtieġ, uża tagħmir li jaqta' biex taqta' x-xibka.

2. Jekk fil-braga jew fuq il-gverta: Uża xibka tal-merkanzija b'malji kbar mibnija apposta jew braga tal-kanvas jew apparat simili. Jekk jippermetti l-arranġament tal-bastiment, il-klieb il-baħar jistgħu wkoll jiġu rilaxxati billi titbattal il-braga direttament fuq hopper u rampa tar-rilaxx miżmuma f'angolu li tkun konnessa ma' fetħa fir-railing tal-gverta ta' fuq, mingħajr il-ħtieġa li jitgħollew jew jiġu manipulati mill-membri tal-ekwipaġġ.

D. Rakkomandazzjonijiet speċifiċi u prattiki speċifiċi ta' trattament sikur għas-sajd kollu

1. Sa fejn ikun prattikabbli, terfax il-klieb il-baħar mill-ilma bl-użu tal-brazzol, speċjalment jekk imqabbda bis-sunnara, sakemm ma jkunx meħtieġ li jintrefgħu klieb il-baħar għall-identifikazzjoni tal-ispeċi.

2. Terfax il-klieb il-baħar bl-użu ta' wajers jew kejbils irqaq, jew mid-denb biss.

3. Tolqotx kelb il-baħar ma' xi wiċċ, pereżempju biex tneħħi l-annimal mil-lenza.

4. Tipprovax tneħħi xi sunnara li tkun inbelgħet fil-fond u ma tkunx viżibbli.

5. Tipprovax tneħħi sunnara billi tiġbed il-brazzol b'mod qawwi.

6. Taqtax id-denb jew kwalunkwe parti oħra tal-ġisem.

7. Taqtax u ttaqqabx toqob fil-kelb il-baħar.

8. Tinfidx kelb il-baħar b'gaffa u tagħtihx bis-sieq, u ddaħħalx idejk fil-qasmiet tal-garġi.

9. Tesponix il-kelb il-baħar għax-xemx għal perjodi estiżi.

10. Tkebbibx subgħajk, idejk jew dirgħajk mal-lenza meta ttella' kelb il-baħar fuq id-dgħajsa (jista' jirriżulta f'korriment serju).

E. Għodod utli għat-trattament u r-rilaxx sikur:

(a) ingwanti (il-ġilda tal-kelb il-baħar hija ħarxa; jiżguraw it-trattament sikur tal-kelb il-baħar u jipproteġu l-idejn tal-membri tal-ekwipaġġ mill-gdim);

(b) xugaman jew drapp (xugaman jew drapp imxarrba fl-ilma baħar jistgħu jitqiegħdu fuq għajnejn il-kelb il-baħar biex jikkalmawh);

(c) żganċatur (eż. żganċatur tad-denb tal-ħanżir, taljaturi tal-boltijiet jew tnalji li jaqtgħu);

(d) xedd tal-klieb il-baħar jew streċer (jekk meħtieġ);

(e) ħabel tal-irmonk (biex jintrabat kelb il-baħar iggankjat jekk jeħtieġ li jitneħħa mill-ilma);

(f) manka tal-ilma mielaħ (jekk ikun antiċipat li jista' jkun meħtieġ aktar minn 5 minuti biex kelb il-baħar jiġi rilaxxat, imbagħad poġġi pajp f'ħalqu sabiex jintefa' l-ilma baħar fih b'mod moderat; ara li l-pompa tal-gverta tkun ilha taħdem għal diversi minuti qabel tpoġġiha f'ħalq il-klieb il-baħar);

(g) apparat jew metodu tal-kejl (eż. immarka arblu, gwida u galleġġant, jew tejp tal-kejl);

(h) skeda tad-data għar-reġistrazzjoni tal-qabda kollha;

(i) irkaptu għall-ittikkettar (jekk applikabbli).

ANNESS X

Linji gwida għat-tnaqqis tal-impatt ekoloġiku tal-Fads fis-Sajd tal-ICCAT

1. Il-parti tal-istruttura tal-FAD li tkun f'wiċċ il-baħar ma għandhiex tkun mgħottija jew, jekk tkun mgħottija, għandha tkun mgħottija biss b'materjal li jkollu l-inqas riskju li jitħabblu fih speċijiet aċċessorji.

2. Il-komponenti ta' taħt il-wiċċ tal-FAD għandhom ikunu komposti esklużivament minn materjal li ma jitħabbilx (eż. ebda ħbula jew kanvas).

3. Meta jiġu ddisinjati l-FADs, l-użu ta' materjali bijodegradabbli għandu jkun prijoritizzat.".

ANNESS IV

"ANNESS VIII

Programmi ta' osservaturi

I. Programm ta' osservaturi nazzjonali

1. Il-kompiti tal-osservaturi nazzjonali għandhom ikunu, b'mod ġenerali, li jimmonitorjaw il-konformità tal-bastimenti tas-sajd u tan-nases ma' dan ir-Regolament.

2. Meta jiġi stazzjonat abbord bastiment tal-qbid, l-osservatur nazzjonali għandu jirreġistra u jirrapporta dwar l-attività tas-sajd, inkluż b'mod partikolari, dan li ġej:

   (a) l-istima tal-osservatur nazzjonali tal-għadd u l-piż ta' individwi tat-tonn maqbuda (inkluż il-qbid aċċessorju);

   (b) id-disponiment tal-qbid, bħal dak miżmum abbord, mormi mejjet jew rilaxxat ħaj;

   (c) iż-żona minn fejn inqabad il-ħut, skont il-latitudni u l-lonġitudni tagħha;

   (d) il-kejl tal-isforz tas-sajd (bħan-numru ta' settijiet u n-numru ta' snanar), kif definit fil-Manwal tal-ICCAT għall-irkapti differenti;

   (e) id-data meta nqabad il-ħut;

   (f) il-verifika tal-konsistenza tal-entrati li jsiru fil-ġurnal ta' abbord mal-istima tal-qbid tal-osservatur nazzjonali stess.

3. Meta jkunu stazzjonati fuq bastiment tal-irmunkar, l-osservaturi nazzjonali għandhom:

   (a) fil-każ ta' trasferiment ulterjuri li jinvolvi l-moviment ta' ħut bejn żewġ gaġeġ tat-trasport:

      (i) mingħajr dewmien, janalizzaw ir-reġistrazzjoni bil-vidjokamera tat-trasferiment ulterjuri, biex jistmaw l-għadd ta' individwi tat-tonn li jkunu qed jiġu trasferiti;

      (ii) jinnotifikaw minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-bandiera tal-bastimenti tal-irmunkar donaturi bl-osservazzjonijiet tal-osservatur nazzjonali, inkluż l-għadd ta' individwi tat-tonn stmat mill-osservatur nazzjonali u l-għadd korrispondenti ta' individwi tat-tonn irrappurtati fuq l-ITDs mill-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar donatur; u

      (iii) jinkludu r-riżultati tal-analiżi tal-osservatur nazzjonali fir-rapporti tal-osservaturi lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-bandiera tal-bastimenti tal-irmunkar donaturi;

   (b) jirreġistraw u jirrappurtaw fir-rapporti tal-osservaturi l-individwi kollha tat-tonn osservati li jkunu mejta;

   (c) josservaw u jirreġistraw il-bastimenti li huma suspettati li jkunu qed jistadu b'mod li jmur kontra l-miżuri ta' konservazzjoni tal-ICCAT; u

   (d) jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-bandiera tal-bastimenti tal-irmunkar donaturi mingħajr dewmien bir-rapporti tal-osservaturi fi tmiem il-vjaġġ tal-irmonk.

4. Meta jkun stazzjonat fuq tunnara l-osservatur nazzjonali għandu:

   (a) jivverifika l-awtorizzazzjoni tal-ħsad maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tat-tunnara;

   (b) jivvalida l-informazzjoni fid-dikjarazzjonijiet tal-ipproċessar u/jew tal-ħsad magħmula mill-kaptan tal-bastiment tal-ipproċessar, jew mir-rappreżentant tal-kaptan, jew mill-operatur tat-tunnara.

5. L-osservatur nazzjonali għandu jwettaq ukoll ħidma xjentifika, bħall-ġbir tad-data kollha meħtieġa mill-Kummissjoni, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-SCRS.

II. Programm ta' osservaturi reġjonali tal-ICCAT

1. Kull Stat Membru għandu jeżiġi li l-operaturi tal-farms tat-tonn u tat-tunnari u l-kaptani tal-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, jew ir-rappreżentanti tal-kaptani li jaqgħu taħt il-ġuriżdizzjoni tiegħu jibagħtu osservatur reġjonali tal-ICCAT, kif stabbilit fl-Artikolu 39.

2. L-osservaturi reġjonali tal-ICCAT għandhom jinħatru kull sena qabel l-1 ta' April jew malli jkun prattiku, u għandhom jitqiegħdu fil-farms tat-tonn, fuq it-tunnari u abbord il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri li jimplimentaw il-programm tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT. Għandha tinħareġ karta ta' osservatur reġjonali tal-ICCAT għal kull osservatur.

3. Iż-żewġ partijiet involuti għandhom jiffirmaw kuntratt li jelenka d-drittijiet u d-dmirijiet bejn l-osservatur reġjonali tal-ICCAT u l-kaptan tal-bastiment tas-sajd jew tal-operatur tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara.

4. Għandu jiġi stabbilit manwal tal-programm ta' osservazzjoni tal-ICCAT.

A. Kwalifiki tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT

L-osservaturi reġjonali tal-ICCAT għandu jkollhom il-kwalifiki li ġejjin biex iwettqu l-kompiti tagħhom:

(a) biżżejjed esperjenza biex ikunu jistgħu jidentifikaw l-ispeċijiet tal-ħut u l-irkaptu tas-sajd;

(b) għarfien sodisfaċenti tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-ICCAT, u tal-linji gwida marbutin mat-taħriġ tal-ICCAT;

(c) il-ħila li josservaw l-affarijiet u li jirreġistrawhom b'mod preċiż;

(d) il-kapaċità li janalizzaw ir-reġistrazzjonijiet bil-vidjokamera;

(e) sa fejn ikun possibbli, għarfien sodisfaċenti tal-lingwa tal-Istat Membru tal-bandiera, tal-farms tat-tonn jew tat-tunnari jew tal-PKK fejn ikunu qed iwettqu l-kompiti tagħhom.

B. Obbligi tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT

1. L-osservaturi reġjonali tal-ICCAT għandhom:

(a) ikunu temmew it-taħriġ tekniku meħtieġ skont il-linji gwida stabbiliti mill-ICCAT;

(b) ikunu ċittadini ta' wieħed mill-Istati Membri jew mill-PKK u, sa fejn ikun possibbli, ma jkunux ċittadini tal-Istat Membru tal-bandiera jew tal-PKK tal-bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża, tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut jew tal-PKK, jew tal-Istat Membru tat-tunnara jew tal-PKK osservata;

(c) ikunu kapaċi jwettqu l-kompiti stipulati fil-Parti II, Taqsima C;

(d) ikunu inklużi fil-lista tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT miżmuma mis-Segretarjat tal-ICCAT;

(e) ma jkollhomx interessi finanzjarji jew benefiċjarji attwali fl-industrija tat-tonn.

2. L-osservaturi reġjonali tal-ICCAT għandhom jittrattaw bħala kunfidenzjali t-tagħrif kollu dwar l-operazzjonijiet tas-sajd u tat-trasferiment imwettqa mill-bastimenti tas-sajd bit-tartaruni tal-borża, il-farms tat-tonn u t-tunnara, u jaċċettaw dan ir-rekwiżit bil-miktub bħala kundizzjoni biex jinħatru bħala osservatur reġjonali tal-ICCAT.

3. L-osservaturi reġjonali tal-ICCAT għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fil-liġijiet u fir-regolamenti tal-Istat Membru tal-bandiera jew tal-PKK tal-farm tal-ħut li taħt il-ġuriżdizzjoni tiegħu jkun jaqa' l-bastiment, il-farm tal-ħut jew it-tunnara li għalih l-osservaturi reġjonali tal-ICCAT ikunu assenjati.

4. L-osservaturi reġjonali tal-ICCAT għandhom jirrispettaw il-ġerarkija u r-regoli ġenerali tal-imġiba li japplikaw għall-persunal kollu li jaħdem fuq il-bastimenti, fil-farms tal-ħut u fit-tunnara, dment li dawn ir-regoli ma jxekklux id-dmirijiet tal-osservatur reġjonali tal-ICCAT fil-kuntest ta' dan il-programm, jew l-obbligi tal-persunal tal-bastimenti, tal-farms tal-ħut u tat-tunnara stipulati f'dan l-Anness.

C. Kompiti tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT

1. Il-kompiti tal-osservatur reġjonali tal-ICCAT għandhom ikunu, b'mod partikulari, li:

(a) bħala kompitu ġenerali:

(i) josserva u jimmonitorja l-konformità tal-operazzjonijiet tas-sajd u tat-trobbija tat-tonn mal-miżuri rilevanti ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-ICCAT;

(ii) iwettaq il-ħidma xjentifika, bħall-ġbir ta' kampjuni jew data tal-Kompitu II, kif meħtieġ mill-Kummissjoni, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-SCRS;

(iii) jara u jirreġistra l-bastimenti suspettati li jkunu qed jistadu bi ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-ICCAT, u jivverifika u jirreġistra l-isem tal-bastiment tas-sajd ikkonċernat u n-numru tal-ICCAT tiegħu;

(iv) jeżerċita kwalunkwe kompitu ieħor kif iddeterminat mill-Kummissjoni;

(b) fir-rigward tal-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża jew tal-attività tal-qbid tat-tunnara:

(i) josserva l-attivitajiet tas-sajd li jitwettqu u jagħmel rapport dwarhom;

(ii) josserva u jistma l-qabdiet u jivverifika l-entrati li jiddaħħlu fil-ġurnal ta' abbord;

(c) fir-rigward tal-ewwel trasferimenti minn bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża jew tunnara għal gaġeġ tat-trasport:

(i) jirreġistra l-attivitajiet ta' trasferiment imwettqin u jagħmel rapport dwarhom;

(ii) jivverifika l-pożizzjoni tal-bastiment meta dan ikun qed iwettaq trasferiment;

(iii) jirrieżamina u janalizza r-reġistrazzjonijiet bil-vidjokamera kollha relatati mal-operazzjoni ta' trasferiment ikkonċernata, fejn applikabbli;

(iv) jistma l-għadd ta' individwi tat-tonn li jkunu qed jiġu ttrasferiti u jirreġistra r-riżultat fl-ITD;

(v) joħroġ rapport ta' kuljum dwar l-attivitajiet ta' trasferiment tal-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża;

(vi) jirreġistra r-riżultati tal-analiżi imwettqa u jagħmel rapport dwarhom;

(vii) jivverifika l-entrati magħmula fin-notifika tat-trasferiment minn qabel imsemmija fl-Artikolu 40, fl-ITD imsemmija fl-Artikolu 42 u fl-eBCD;

(viii) jivverifika li l-ITD imsemmija fl-Artikolu 42 tiġi trażmessa lill-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar jew lill-operatur tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara;

(ix) fir-rigward tat-trasferimenti ta' kontroll, jivverifika n-numru tas-siġilli u jiżgura li s-siġilli jitqiegħdu b'tali mod li jipprevjenu l-ftuħ tal-bibien mingħajr ma jinkisru s-siġilli;

(d) fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' tqegħid fil-gaġeġ, jirrieżamina r-reġistrazzjonijiet bil-vidjokamera waqt it-tqegħid fil-gaġeġ biex jiddetermina l-għadd ta' individwi tat-tonn fil-gaġeġ, fil-ħin dovut biex l-operatur tal-farm tal-ħut ikun jista' jimla d-dikjarazzjoni dwar it-tqegħid fil-gaġeġ relatata;

(e) fir-rigward tal-verifika tad-data:

(i) jivverifika u jiċċertifika d-data li hemm fl-ITDs, id-dikjarazzjonijiet dwar it-tqegħid fil-gaġeġ u fl-eBCD, fosthom permezz tal-analiżi tar-reġistrazzjonijiet bil-vidjokamera;

(ii) joħroġ rapport ta' kuljum dwar l-attivitajiet ta' trasferiment tal-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, tal-farms tat-tonn u tat-tunnara;

(iii) meta l-operazzjoni rilevanti tkun konformi mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-ICCAT u l-informazzjoni li jkun hemm f'dawk id-dokumenti tkun konsistenti mal-osservazzjonijiet tal-osservatur reġjonali tal-ICCAT, jiffirma l-ITDs, id-dikjarazzjonijiet dwar it-tqegħid fil-gaġeġ u l-eBCD, bl-isem u n-numru tal-ICCAT miktub b'mod ċar; jew f'każ ta' nuqqas ta' qbil, jindika l-preżenza tiegħu/tagħha fid-dikjarazzjonijiet rilevanti tal-ITD u dawk dwar it-tqegħid fil-gaġeġ jew fl-eBCD ikkonċernata, jew fit-tnejn li huma, u r-raġunijiet għan-nuqqas ta' qbil, filwaqt li jikkwota b'mod speċifiku r-regoli jew il-proċeduri li, fil-fehma tal-osservatur reġjonali tal-ICCAT, ma ġewx irrispettati;

(f) fir-rigward tar-rilaxxi:

(i) f'dak li għandu x'jaqsam mar-rilaxxi qabel it-tqegħid fil-gaġeġ, josserva l-operazzjoni ta' rilaxx mix-xibka tat-tartarun tal-borża jew mill-gaġġa tat-trasport, u jagħmel rapport dwarhom, f'konformità mal-protokoll tar-rilaxx fl-Anness XII;

(ii) fir-rigward tar-rilaxxi wara t-tqegħid fil-gaġeġ, josserva s-segregazzjoni minn qabel tal-ħut u l-operazzjoni sussegwenti ta' rilaxx u jagħmel rapport dwarhom, f'konformità mal-protokoll tar-rilaxx fl-Anness XII, inkluż billi jivverifika li l-kwalità tar-reġistrazzjoni bil-vidjokamera tas-segregazzjoni preċedenti tissodisfa l-istandards minimi għall-proċeduri ta' reġistrazzjoni bil-vidjokamera stipulati fl-Anness X u billi jiġi ddeterminat l-għadd ta' individwi tat-tonn rilaxxati;

(iii) fiż-żewġ każijiet, jivverifika l-ordni ta' rilaxx maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew mill-PKK ikkonċernati u jivvalida l-informazzjoni fid-dikjarazzjoni tar-rilaxx magħmula mid-donatur jew mill-operatur tal-farm tal-ħut;

(g) fir-rigward tal-operazzjoni tal-ħsad fil-farms tal-ħut:

(i) jivverifika l-awtorizzazzjoni tal-ħsad maħruġa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut jew tal-PKK;

(ii) jivvalida l-informazzjoni fid-dikjarazzjonijiet tal-ipproċessar u tal-ħsad magħmula mill-kaptan tal-bastiment tal-ipproċessar, jew mir-rappreżentant tiegħu, jew mill-operatur tal-farm tal-ħut;

(h) fir-rigward tar-rappurtar

(i) jirreġistra u jivverifika jekk ikunx hemm kwalunkwe tip ta' marka, inkluża xi marka naturali, u jagħti tagħrif dwar kwalunkwe sinjal li tneħħiet xi marka reċentement; għall-individwi kollha tat-tonn ittikkettati b'tikketti elettroniċi, iwettaq kampjunar bijoloġiku sħiħ (otoliti, kampjun tas-sinsla u dak ġenetiku) skont il-linji gwida maħruġa mill-SCRS;

(ii) jistabbilixxi rapporti ġenerali li jiġbru l-informazzjoni miġbura taħt it-Taqsima Ċ u jipprovdi lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd u lill-operatur tal-farm tal-ħut l-opportunità li jżid kwalunkwe informazzjoni rilevanti ma' dawk ir-rapporti;

(iii) jippreżenta r-rapporti ġenerali msemmija fil-punt (h)(ii) lill-entità li topera l-programm tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT, biex jintbagħtu lis-Segretarjat tal-ICCAT fi żmien 20 jum minn tmiem il-perjodu ta' osservazzjoni;

(iv) f'każijiet fejn l-osservatur reġjonali tal-ICCAT josserva potenzjal ta' nuqqas ta' konformità ma' rakkomandazzjoni tal-ICCAT, jippreżenta dik l-informazzjoni minnufih lill-entità li tkun qed topera l-programm tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT li għandha tibgħatha minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera, tat-tunnara jew tal-farm tal-ħut ikkonċernat, u lis-Segretarjat tal-ICCAT, għal dak l-għan, l-entità li tkun qed topera l-programm tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT għandha tistabbilixxi sistema li permezz tagħha dik l-informazzjoni tkun tista' tiġi kkomunikata b'mod sigur;

(v) jikseb, kemm jista' jkun, evidenza (jiġifieri ritratti, reġistrazzjonijiet bil-vidjokamera) ta' nuqqas ta' konformità potenzjali misjuba u jehmiżha mar-rapport tal-osservatur reġjonali tal-ICCAT.

D. Obbligi tal-Istati Membri tal-bandiera, tat-tunnara u tal-farm tal-ħut

1. L-Istati Membri tal-bandiera, tal-farm tal-ħut u tat-tunnara għandhom jiżguraw li, b'mod partikolari, l-osservatur reġjonali tal-ICCAT:

(a) jingħata aċċess għall-persunal fuq il-bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża, fil-farm tal-ħut u fuq it-tunnara u għall-irkaptu, għat-tagħmir tal-gaġeġ u għar-reġistrazzjonijiet tal-kamera ta' kontroll;

(b) fuq talba u sabiex iwettaq id-dmirijiet stipulati fil-programm tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT, jingħata aċċess għat-tagħmir li ġej, jekk ikun preżenti fuq il-bastimenti li għalihom ikunu assenjati l-osservaturi:

(i) it-tagħmir ta' navigazzjoni bis-satellita;

(ii) l-iskrins li juru r-radars meta dawn ikunu qed jintużaw;

(iii) il-mezzi ta' komunikazzjoni elettronika;

(c) jingħata akkomodazzjoni, inkluż xi mkien fejn joqgħod, ikel u faċilitajiet sanitarji xierqa, li jkunu l-istess bħal dawk tal-uffiċjali;

(d) jingħata biżżejjed spazju għax-xogħol klerikali fuq il-pont tan-navigazzjoni jew fil-kamra tat-tmunier, u biżżejjed spazju fuq il-gverta sabiex ikunu jista' jwettaq il-kompiti ta' osservazzjoni tiegħu.

2. L-Istati Membri tal-bandiera, tat-tunnara u tal-farms tal-ħut għandhom jiżguraw li l-kaptani, l-ekwipaġġ,u is-sidien tal-farms tal-ħut, tat-tunnara tal-bastimenti ma jostakolawx, ma jintimidawx, ma jindaħlux, ma jinfluwenzawx u ma jxaħħmux jew jippruvaw ixaħħmu lill-osservatur reġjonali tal-ICCAT waqt it-twettiq tal-kompiti ta' osservatur reġjonali tal-ICCAT.

3. L-Istati Membri tal-bandiera, tat-tunnara jew tal-farm tal-ħut għandhom jingħataw, b'mod konsistenti ma' kwalunkwe rekwiżit applikabbli dwar il-kunfidenzjalità tad-data, kopji tad-data mhux ipproċessata, is-sommarji u r-rapporti kollha relatati mal-vjaġġ tas-sajd. Ir-rapporti tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT għandhom jintbagħtu lill-Kumitat ta' Konformità u lill-SCRS.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-bandiera, tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara fejn l-osservatur reġjonali tal-ICCAT ikun qed jipprovdi servizzi ta' osservatur, jistgħu jitolbu li l-osservatur jiġi sostitwit jekk ikollhom evidenza li l-osservatur reġjonali tal-ICCAT ma jissodisfax l-obbligi, jew ma jwettaqx il-kompiti, stipulati f'dan ir-Regolament b'mod adegwat. Kwalunkwe każ bħal dan għandu jiġi rrappurtat lill-Panel 2.

E. Miżati u organizzazzjoni

1. L-ispejjeż għall-implimentazzjoni tal-programm tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT għandhom jiġu ffinanzjati mill-operaturi tal-farms tal-ħut u tat-tunnara u mis-sidien tal-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża. Il-miżata għandha tiġi kkalkulata abbażi tal-ispejjeż totali tal-programm u titħallas f'kont speċjali tas-Segretarjat tal-ICCAT li jintuża għall-implimentazzjoni tal-programm tal-osservaturi reġjonali tal-ICCAT.

2. L-ebda osservatur reġjonali tal-ICCAT ma għandu jiġi assenjat f'bastiment, f'tunnara jew f'farm tal-ħut li għalih ma jkunux tħallsu l-miżati meħtieġa skont dan l-Anness.".

ANNESS V

"ANNESS XIII

Trattament tal-ħut mejjet jew mitluf

A. Reġistrazzjoni ta' tonn mejjet jew mitluf

1. L-għadd ta' individwi tat-tonn li jmutu matul kwalunkwe operazzjoni regolata skont dan ir-Regolament għandu jiġi rrappurtat mill-operatur donatur, fil-każ ta' operazzjoni ta' trasferiment u trasport assoċjat, jew mill-operatur tal-farm tal-ħut, fil-każ ta' operazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ jew attivitajiet ta' trobbija fil-gaġeġ, u għandu jitnaqqas mill-kwota rilevanti tal-Istat Membru kkonċernat.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "ħut mitluf" tfisser l-individwi tat-tonn neqsin li, wara d-differenzi potenzjali misjuba matul l-investigazzjoni msemmija fl-Artikolu 50 ta' dan ir-Regolament, ma ġewx iġġustifikati bħala mortalitajiet.

B. Trattament ta' ħut li jmut matul il-qbid u l-ewwel trasferiment

1. L-individwi tat-tonn li jmutu matul il-qbid u l-ewwel trasferiment minn bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża jew tunnara għandhom jiġu rreġistrati fil-ġurnal ta' abbord tal-bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża jew fir-rapport tal-qabdiet ta' kuljum tat-tunnara, u għandhom jiġu rrappurtati fl-ITD u fit-taqsima 4 (Informazzjoni dwar it-trasferimenti) tal-eBCD.

2. L-eBCD għandu jingħata lill-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar bit-taqsimiet 2 (Informazzjoni dwar il-qbid), 3 (Informazzjoni dwar il-kummerċ) u 4 (Informazzjoni dwar it-trasferimenti) inkluż is-subtaqsimiet dwar "ħut mejjet" mimlija.

3. It-Taqsima 2 (Informazzjoni dwar il-qbid) tal-eBCD għandha tinkludi kull individwu tat-tonn maqbud. Il-kwantitajiet totali rrappurtati fit-taqsimiet 3 (Informazzjoni dwar il-kummerċ) u 4 (Informazzjoni dwar it-trasferimenti) tal-eBCD (inkluż is-subtaqsimiet dwar "ħut mejjet") għandhom ikunu daqs il-kwantitajiet irrapportati fit-taqsima 2 (Informazzjoni dwar il-qbid) tagħhom, wara li jitnaqqsu l-mortalitajiet kollha osservati bejn il-qbid u t-tlestija tat-trasferiment.

4. Mal-eBCD għandu jkun hemm l-ITD f'konformità ma' dan ir-Regolament.

5. Kopja tal-eBCD li tkun tinkludi t-taqsima 8 (intitolata "Tagħrif dwar il-kummerċ") għandha timtela u tintbagħat lill-kaptan tal-bastiment awżiljarju li jkun qed iġorr it-tonn mejjet lejn l-art (jew inkella din għandha tinżamm abbord il-bastiment tal-qbid jew it-tunnara jekk dan it-tonn jinħatt direttament l-art). Kopja tal-ITD għandha takkumpanja lil dak il-ħut mejjet u l-parti tal-eBCD.

6. Il-kwantitajiet ta' ħut mejjet għandhom jitniżżlu fl-eBCD tal-bastiment tal-qbid li jkun qabadhom jew, fil-każ tal-operazzjonijiet konġunti tas-sajd ("JFOs"), jew fl-eBCD tal-bastimenti tal-qbid parteċipanti jew ta' bastiment li jtajjar bandiera oħra li jkunu qed jieħdu sehem fl-operazzjoni konġunta tas-sajd.

C. Trattament ta' ħut li jmut jew li jintilef matul trasferimenti u operazzjonijiet ta' trasport ulterjuri

1. Il-kaptani tal-bastimenti tal-irmunkar għandhom jirrappurtaw, bl-użu tal-mudell previst fit-Taqsima F, l-individwi kollha tat-tonn li jmutu matul it-trasport. Il-kaptan tal-bastiment tal-irmonk għandu jimla linji individwali kull darba li jiġi identifikat ħut mejjet jew mitluf.

2. F'każ ta' trasferimenti ulterjuri, il-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar donatur għandu jipprovdi l-oriġinal tar-rapport lill-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar li jkun qed jirċievi t-tonn, filwaqt li jżomm kopja abbord għad-durata kollha tal-kampanja.

3. Mal-wasla ta' gaġġa tat-trasport fil-farm tal-ħut tad-destinazzjoni, il-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar għandu jibgħat is-sett sħiħ ta' rapporti ta' ħut mejjet billi juża l-mudell previst fit-Taqsima F lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut jew tal-PKK responsabbli għall-farm tal-ħut.

4. Għall-fini tal-użu tal-kwota li għandu jiġi ddeterminat mill-Istat Membru tal-bandiera jew tat-tunnara, il-piż tal-ħut li jmut jew li jintilef matul it-trasport għandu jiġi evalwat kif ġej:

   (a) għall-ħut mejjet:

      (i) fil-każ tal-ħatt l-art, għandu jiġi applikat il-piż effettiv mal-ħatt l-art;

      (ii) fil-każ fejn il-ħut mejjet jiġi skartat, il-piż medju tal-individwi tat-tonn stabbilit fil-ħin tat-tqegħid fil-gaġeġ għandu jiġi applikat għall-għadd ta' individwi tat-tonn skartat;

   (b) għall-ħut li altrimenti jitqies bħala ħut mitluf fil-mument tal-investigazzjoni msemmija fl-Artikolu 50, il-piż medju tal-individwi tat-tonn stabbilit fil-ħin tat-tqegħid fil-gaġeġ għandu jiġi applikat għall-għadd ta' individwi tat-tonn meqjusa bħala ħut mitluf, kif determinat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera jew tat-tunnara li jirriżulta mill-analiżi tagħha tal-ewwel reġistrazzjoni bil-vidjokamera tat-trasferiment fil-kuntest ta' dik l-investigazzjoni.

D. Trattament ta' ħut li jmut waqt operazzjonijiet ta' tqegħid fil-gaġeġ

Il-ħut li jmut waqt l-operazzjonijiet ta' tqegħid fil-gaġeġ għandu jiġi rrappurtat mill-operatur tal-farm tal-ħut fid-dikjarazzjoni tat-tqegħid fil-gaġeġ. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tiżgura li l-għadd u l-piż tal-individwi tat-tonn li jmutu waqt operazzjonijiet ta' tqegħid fil-gaġeġ jiġu rrappurtati fis-subtaqsima rilevanti tat-taqsima 6 (Informazzjoni dwar it-trobbija fil-gaġeġ) tal-eBCD.

E. Trattament ta' ħut li jmut jew li jintilef matul attivitajiet ta' trobbija fil-gaġeġ

Ħut mejjet jew mitluf f'farms tal-ħut jew dawk li jisparixxu minn farms tal-ħut, inkluż ħut allegatament misruq jew maħrub, għandu jiġi rrappurtat mill-operatur tal-farm tal-ħut lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut immedjatament wara li wieħed jinduna bil-ħut mejjet jew mitluf. Ir-rapport tal-operatur tal-farm tal-ħut għandu jkun akkumpanjat mill-evidenza ta' sostenn meħtieġa (eż. ilment imressaq dwar il-ħut misruq, rapport tal-ħsara f'każ ta' ħsara fil-gaġġa). Wara li tirċievi tali rapport, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-farm tal-ħut għandha tapplika l-bidliet meħtieġa jew il-kanċellazzjoni tal-eBCD ikkonċernat (wara l-iżviluppi meħtieġa fis-sistema tal-eBCD).

F. Mudell ta' rappurtar

Rappurtar ta' ħut li jmut matul trasferimenti u operazzjonijiet ta' trasport ulterjuri		
Bastiment tal-irmunkar	Isem	
	Nru tal-ICCAT u bandiera	
	Nru tal-ITD u Nru tal-gaġġa	
	Firma tal-kaptan	
Bastiment(i) tal-qbid / tunnara	Isem il-bastiment(i) / tunnara	
	Numru tal-ICCAT u Nru tal-JFO	
	Numru/i tal-eBCD	
Bastiment tal-irmonk preċedenti (jekk ikun hemm)	Isem	
	Nru tal-ICCAT u bandiera	
	Nru tal-ITD u Nru tal-gaġġa	
	Numru totali ta' BFT rrappurtat mejjet (*)	
Farm tal-ħut destinatarju	PKK / Isem / Numru tal-ICCAT	
Data	Numru ta' BFT mejjet	Firma tal-kaptan

TOTALI		

(*) F'każ ta' trasferimenti ulterjuri, il-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar donatur għandu jibgħat ir-rapport oriġinali dwar il-mortalità lill-kaptan tal-bastiment tal-irmunkar riċevitur.".

ANNESS VI

"ANNESS XVa

Proċedura għall-operazzjonijiet tas-siġillar tal-gaġeġ tat-trasport

1. Qabel l-użu tagħhom fuq bastiment bit-tartarun tal-borża, tunnara, jew bastiment tal-irmonk, l-entità li topera l-programm ta' osservaturi reġjonali tal-ICCAT u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jipprovdu minimu ta' 25 siġill tal-ICCAT lil kull osservatur reġjonali tal-ICCAT u osservaturi nazzjonali taħt ir-responsabbiltà tagħhom, rispettivament u jżommu rekord tas-siġilli pprovduti u użati.

2. L-operatur donatur għandu jkun responsabbli għall-issiġillar tal-gaġeġ. Għal dan il-għan, mill-inqas tliet siġilli, imqiegħda b'tali mod li jipprevjenu l-ftuħ tal-bibien mingħajr ma jitkissru s-siġilli, għandhom jitqiegħdu fuq kull bieba tal-gaġġa.

3. L-operazzjoni tas-siġill għandha tiġi rreġistrata b'vidjokamera mill-operatur donatur u għandha tippermetti l-identifikazzjoni tas-siġilli u l-verifika li s-siġilli tqiegħdu kif suppost. Ir-reġistrazzjoni bil-vidjokamera għandha tkun konformi mal-istandards minimi għall-proċeduri ta' reġistrazzjoni bil-vidjokamera stipulati fl-Anness X. Ir-reġistrazzjoni bil-vidjokamera kkonċernata għandha takkumpanja l-ħut sal-farm tal-ħut tad-destinazzjoni. Kopja tar-reġistrazzjoni bil-vidjokamera għandha tinżamm abbord il-bastimenti donaturi jew fuq it-tunnara u għandha tkun aċċessibbli għal skopijiet ta' kontroll fi kwalunkwe ħin matul il-kampanja tas-sajd. Kopja tar-reġistrazzjoni bil-vidjokamera għandha tkun disponibbli għall-osservatur reġjonali tal-ICCAT abbord il-bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża jew fuq it-tunnara, jew għall-osservatur nazzjonali fuq il-bastiment tal-irmonk riċevitur, għat-trażmissjoni lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew tal-PKK, jew lill-osservatur reġjonali tal-ICCAT preżenti fit-trasferiment tal-kontroll sussegwenti.

4. Ir-reġistrazzjoni bil-vidjokamera tat-trasferiment tal-kontroll sussegwenti għandha tinkludi l-operazzjoni tat-tneħħija tas-siġillar, li għandha titwettaq b'tali mod li tippermetti l-identifikazzjoni tas-siġilli u l-verifika li s-siġilli ma ġewx imbagħbsa.

ANNESS XVb

Mudell għad-dikjarazzjoni tal-ipproċessar u d-dikjarazzjoni tal-ħsad

Ipproċessar / Ħsad (immarka b'ċirku)
Data tal-ħsad (ġ/m/s): / /
Farm / Tunnara (immarka b'ċirku)
Numru(i)tal-gaġġa/gaġeġ:
Għadd ta' individwi maħsuda:
Piż ħaj f'kg tat-tonn maħsud:
Piż ipproċessat f'kg tat-tonn maħsud:
Numru(i) tal-eBCD assoċjati mat-tonn maħsud:
Dettalji tal-bastimenti awżiljarji involuti fl-operazzjoni: Isem: Bandiera: Numru ta' reġistrazzjoni tal-ICCAT:
Destinazzjoni tat-tonn maħsud (esportazzjoni, suq lokali, oħrajn) (jekk jogħġbok immarka b'ċirku) Fil-każ ta' oħrajn, jekk jogħġbok speċifika:
Validazzjoni mill-osservatur nazzjonali jew mill-osservatur reġjonali tal-ICCAT, kif xieraq: Isem l-Osservatur: Numru tal-ICCAT: Firma:"